Reviżjoni tal-Europol

Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol

L-Aja, 7 ta' Mejju 2012

Nru. tal-fajl 1423-74r2

Werrej

Daħla

Sommarju Eżekuttiv

1. Dwar l-Europol

1.1 Missjoni, viżjoni u prijoritajiet
1.2 Riżorsi
1.3 Il-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-Europol

2. Kif jaħdem l-Europol

2.1 Unitajiet Nazzjonali tal-Europol
2.2 Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol
2.3 Infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura
2.4 Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol
2.5 L-Applikazzjoni ta' Netwerk Sigur għall-Iskambju ta' Informazzjoni
2.6 Analiżi tal-kriminalità
2.7 Ċentru tal-UE għall-kompetenzi fl-infurzar tal-liġi
2.8 Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data

3. Attivitajiet operattivi tal-Europol

3.1 Drogi
3.2 Traffikar tal-bnedmin
3.3 Immigrazzjoni illegali ffaċilitata
3.4 Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità
3.5 Kriminalità tal-proprjetà intellettwali
3.6 Kutrabandu ta' sigaretti
3.7 Falsifikazzjoni tal-euro
3.8 Frodi tal-VAT
3.9 Ħasil tal-flus u rintraċċar tal-assi
3.10 Gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata
3.11 Klikek ta' motoċiklisti illegali
3.12 Terroriżmu

4. Firxa tal-Europol

4.1 Aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE
4.2 Kooperazzjoni esterna tal-Europol
4.3 Konvenzjoni Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija

5. Nimxu 'l quddiem

5.1 Strateġija u għanijiet
5.2 Ħarsa 'l quddiem

Anness 1: Fulkri tal-kriminalità fl-UE

Daħla

L-attivitajiet ta' netwerks tal-kriminalità organizzata issa huma iktar kumplessi, varjati u internazzjonali milli qatt kienu qabel. It-terroristi dejjem qegħdin jispiraw ruħhom iktar minn avvenimenti li jseħħu lil hinn minn pajjiżhom, u jikkonfoffaw minn pajjiż għal ieħor biex iħejju l-attakki. Il-kriminalità organizzata megħjuna mill-internet sejra tkompli tikber hekk kif qiegħed jiżdied l-użu tal-internet li jaħdem bil-broadband u ta' apparati mobbli, u qegħdin jinstabu kriminali u vittmi ġodda f'partijiet tad-dinja fejn qabel l-aċċess għall-internet kien limitat. Minkejja l-aħjar sforzi tal-aġenziji lokali u nazzjonali tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE, dawn ma jistgħux jirnexxu jekk jitħallew waħedhom. Approċċ multilaterali huwa indispensabbli u r-rwol kruċjali tal-Ewropa qiegħed jiġi rikonoxxut dejjem iktar.

Ir-Reviżjoni tal-Europol tal-2011[1] tagħti l-opportunità sabiex nifhmu l-kisbiet tagħna iżda anki biex nikkunsidraw l-isfidi u l-opportunitajiet li għandna quddiemna. Għandi l-impressjoni li l-Europol qiegħed jaqbad sew, b'impenn dejjem ikbar mill-imsieħba operattiva tagħna flimkien ma' attenzjoni miżjuda mill-partijiet interessati strateġiċi tagħna.

Il-ftuħ tal-kwartieri ġenerali l-ġodda tagħna fl-Aja huwa l-iktar avveniment li jolqot l-għajn fl-2011. Dan il-ġmiel ta' bini ġdid inbena bil-għan li jipprovdi faċilitajiet tal-ogħla żvilupp tekniku, inkluż iċ-ċentru operattiv tagħna, li huwa responsabbli mill-koordinazzjoni tal-iskambju ta' intelligence kriminali mal-imsieħba internazzjonali tagħna tal-infurzar tal-liġi. Il-faċiliatjiet il-ġodda tagħna ġew ippruvati għall-ewwel darba meta, minħabba l-attakki traġiċi ta' Lulju fin-Norveġja, attivajna n-'Netwerk tal-Ewwel Rispons', li jiġbor flimkien esperti ta' kontra t-terroriżmu minn tmien Stati Membri tal-UE sabiex jipprovdu appoġġ iddedikat lill-investigazzjoni Norveġiża.

Dan kien biss eżempju wieħed tal-attività ewlenija tal-Europol: li jipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE b'appoġġ operattiv 24/7. Fl-2011, għamilna hekk għal iktar minn 13 500 każ transkonfinali - żieda ta' iktar minn 17% meta mqabbel mal-2010. Il-kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba internazzjonali tagħna tal-infurzar tal-liġi irriżultat f'ħafna operazzjonijiet li rnexxew u netwerks tal-kriminalità organizzata li tfarrku, li tista' taqra dwar uħud minnhom f'din ir-Reviżjoni.

Il-Konvenzjoni Ewropea inawgurali tal-Kapijiet tal-Pulizija, li ġabret flimkien Ministri, uffiċjali superjuri, esperti u rappreżentanti tal-infurzar tal-liġi mill-aġenziji msieħba tagħna saret fiż-żmien eżatt sabiex taħbat mal-ftuħ tal-kwartieri ġenerali l-ġodda tagħna. Wara dibattitu estensiv, instab qbil dwar konklużjonijiet konġunti u linji gwida tal-ġejjieni għall-ġlieda u l-prevenzjoni ta' kriminalità organizzata serja u terroriżmu fl-Ewropa. Dawn ġew riflessi b'mod wiesa' fil-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinstabu fil-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata fl-UE tal-Europol (OCTA). Din ipprovdiet il-bażi għall-ewwel sett ta' prijoritajiet li sar qbil dwarhom permezz taċ-ċiklu ta' politika l-ġdid tal-UE għal kriminalità internazzjonali u organizzata serja, li fih l-Europol jaqdi rwol importanti. Jannar tal-2012 sejjer jara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni operattivi multilaterali mill-Istati Membri tal-UE u l-aġenziji msieħba tal-UE sabiex jindirizzaw dawn l-oqsma prijoritarji tal-kriminalità.

Il-Kummissjoni Ewropea daqt sejra tipproponi status legali ġdid għall-Europol, fuq il-bażi tal-Artikolu 88 tat-Trattat ta' Lisbona. Nemmen li din hija opportunità sabiħa sabiex titjieb ir-responsabilità demokratika tal-Europol u anki sabiex l-Europol isir iktar effettiv bħala aġenzija. Bħala l-ewwel pass, bħalissa qiegħda ssir evalwazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tal-bażi legali attwali tal-Europol, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol (ECD). Din l-evalwazzjoni għandha tislet it-tagħlimiet meħtieġa mill-implimentazzjoni tal-ECD u tidentifika opportunitajiet oħrajn għal titjib fil-ħidma tal-Europol.

[1] Il-preżentazzjoni tar-*Reviżjoni tal-Europol – Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Europol* issir skont l-Artikolu 37(10)c tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol. Ir-rapport huwa sottomess lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal approvazzjoni u l-Kunsill jgħaddih lill-Paralment Ewropew għal informazzjoni.

Il-ġejjieni ħadd ma jafu, iżda t-tkissir ta' netwerks kriminali u terroristiċi internazzjonali jibqa' t-tir ewlieni tal-Europol. L-informazzjoni li tinsab fir-Reviżjoni tal-Europol tal-2011 turi li llum, iktar minn qatt qabel, kapaċi niffaċċjaw l-isfidi ta' żminijiet fl-infurzar tal-liġi u b'hekk, ninsabu ppreparati iktar biex nindirizzaw lil dawk tal-ġejjieni.

Rob Wainwright
Direttur tal-Europol

Sommarju Eżekuttiv

Ir-rwol tal-Europol huwa li jappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE, billi jipprovdi pjattaforma għall-iskambju u l-analiżi ta' intelligence kriminali, bil-għan li jipprovdi Ewropa iktar sikura għaċ-ċittadini kollha tal-UE.

Ir-Reviżjoni annwali tal-Europol tipprodi tagħrif lill-komunità wiesgħa ta' partijiet interessati tal-Europol dwar l-attivitajiet u l-kisbiet tal-aġenzija. Dawn jinkludu appoġġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE fil-kisba tal-objettivi ta' politika, l-iżvilupp bħala organizzazzjoni u, ferm importanti, it-tkissir tal-attivitajiet tal-kriminalità organizzata u tat-terroristi.

1. Dwar l-Europol

Minn perspettiva organizzazzjonali, l-avveniment l-aktar importanti tal-2011 kien iċ-ċaqliq lejn il-kwartieri ġenerali l-ġodda. Dan ir-rapport sejjer jirreġistra l-moviment tal-persunal u l-operazzjonijiet tal-Europol lejn il-bini l-ġdid, operazzjoni enormi li tinvolvi ppjanar u ġestjoni loġistiċi estensivi sabiex tinżamm kapaċità operattiva sħiħa matul il-proċess ta' ċaqliq. Il-faċiliatjiet il-ġodda u t-tagħmir professjonali għad-dispożizzjoni tiegħu huma konformi mal-bżonn li l-Europol ikun avangardist u proattiv fl-oqsma tat-teknoloġija u l-innovazzjoni li jistgħu jagħmlu differenza fl-infurzar tal-liġi.

2. Kif jaħdem l-Europol

Kompetenzi fl-infurzar tal-liġi

Dan ir-rapport sejjer jispjega l-iżvilupp fl-Europol ta' għodod ta' kollaborazzojni ġodda bħall-Pjattaforma Ewropea għall-Esperti (EPE - *Europol Platform for Experts*), li tipprovdi pjattaformi online għal ħaddiema esperti fl-oqsma bħall-protezzjoni tax-xhieda, ħtif ta' persuni u omiċidji. Għodod bħal dawn jippermettu sabiex ikun hemm kollaborazzjoni u skambju ta' ideat online. F'dan ir-rapport hemm elenkati wkoll pjattaformi ġodda online f'oqsma ta' kompetenzi oħrajn li bħalissa qegħdin jiġu żviluppati.

In-netwerk tal-Europol ta' timijiet konsultattivi (EuNAT - *Europol's Network of Advisory Teams*) jipprovdi rabta permanenti ma' aġenziji tal-infurzar tal-liġi biex tkun tista' ssir kooperazzjoni immedjata bħala tweġiba għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Timijiet bħal dawn ikopru oqsma bħal ħtif, ġestjoni tal-informanti, protezzjoni tax-xhieda, eċċ. Iktar dettalji jistgħu jinstabu f'din ir-reviżjoni.

24/7

Iċ-ċentru operattiv 24/7 tal-Europol huwa l-fulkru għall-iskambju ta' dejta bejn l-Europol, l-Istati Membri u pajjiżi terzi. Dan ir-rapport jipprovdi iktar dettalji dwar dan iċ-ċentru u l-kmamar tal-operazzjonijiet il-ġodda tal-Europol.

Is-servizzi operattivi u tal-ICT kollha tal-Europol huma disponibbli bla heda għall-Istati Membri. Barra minn hekk, uffiċċju mobbli huwa disponibbli għal appoġġ fuq il-post għall-operazzjonijiet tal-Istati Membri, u b'hekk tiġi pprovduta konnessjoni f'ħin reali mad-databases u l-pjattaformi għal esperti tal-Europol.

Fl-2011, l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ operattiv raw żieda ta' 17% mis-sena ta' qabel. L-Europol irċieva rispons eċċellenti mill-investigaturi li l-operazzjonijiet tagħhom irċivew appoġġ mill-Europol. Dettalji u statistiki speċifiċi relatati mal-appoġġ operattiv jistgħu jinstabu fit-Taqsima 3 ta' dan ir-rapport.

Komunikazzjonijiet

Il-pjattaformi l-aktar importanti li bihom l-Istati Membri u l-imsieħba operattivi jistgħu jidħlu f'kuntatt mal-Europol huma s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS - *Europol Information System*) u l-Applikazzjoni ta' Netwerk Sigur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (SIENA - *Secure Information Exchange Network Application*). Din ir-reviżjoni tispjega kif il-bosta għodod ta' komunikazzjoni pprovduti mill-Europol jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-objettivi tal-infurzar tal-liġi tagħhom.

Analiżi

Il-kapaċitajiet analitiċi tal-Europol huma bbażati fuq analisti ferm imħarrġa li jużaw l-aħjar teknoloġija disponibbli, lesti biex jintużaw mill-awtoriatjiet tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE u lil hinn. Din ir-reviżjoni tkopri s-Sistema ta' Analiżi tal-Europol (EAS - *Europol Analysis System*) u Netwerk tal-Forensika tal-Kompjuters (CFN - *Computer Forensic Network*) bħala l-komponenti ewlenin tal-għodod operattivi tal-analisti.

L-analiżi strateġika hija wkoll il-pedament tal-approċċ tal-Europol. Ir-rapporti l-aktar importanti huma r-rapport dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejriet tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT - *EU Terrorism Situation and Trend*) li jgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tat-terroriżmu; u l-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata fl-UE (OCTA - *Organised Crime Threat Assessment*), li hija komponent ewlieni tal-Mudell Ewropew tal-Intelligence Kriminali, li jipprovdi l-bażi għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet tal-kriminalità fl-UE. Fil-forma attwali tagħha, l-OCTA ġiet ippubblikata għall-aħħar darba fl-2011, u l-ħidma bdiet fuq metodoloġija riveduta għal Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA - *Serious and Organised Crime Threat Assessment*) bħala parti miċ-ċiklu ta' politika l-ġdid tal-UE għall-kriminalità serja u organizzata.

3. Attivitajiet Operattivi tal-Europol

Matul l-2011, l-Europol appoġġja lil awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi madwar l-UE f'attivitajiet ta' ġlied kontra l-kriminalità fl-oqsma mandati kollha tiegħu. Il-Kapitolu 3 ta' dan ir-rapport jagħti r-riżultati u informazzjoni speċifika dwar it-tip ta' appoġġ mogħti u l-eżitu ta' ħafna operazzjonijiet tal-pulizija madwar l-Ewropa u xi uħud minnhom lil hinn minnha.

3.1 Drogi

L-appoġġ operattiv tal-Europol jinkludi l-koordinazzjoni u t-tnedija ta' investigazzjonijiet kriminali dwar drogi kif ukoll assistenza fuq il-post lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE matul iż-żarmar ta' faċilitajiet ta' produzzjoni tad-drogi illeċiti u l-ġbir ta' provi. Is-Sistema tal-Europol tat-Tqabbil ta' Laboratorji Illeċiti (EILCS - *Europol Illicit Laboratory Comparison System*) u s-Sistema tal-Europol għad-Drogi Sintetiċi (ESDS - *Europol Synthetic Drug System*) huma tnejn mill-għodod użati għal dawn l-operazzjonijiet u huma msemmija f'dan ir-rapport. Id-drogi sekwestrati mill-awtoritajiet jinkludu kokaina, anfetamini, kannabis, ekstasi, u eroina.

Suċċessi operattivi notevoli fil-ġlieda kontra d-drogi huma spjegati ulterjorment fid-dettall f'din ir-reviżjoni inklużi l-**Operazzjoni De-Bads** (anfetamini, kannabis, ekstasi), l-**Operazzjoni Aigle 35/Vortice Due** (kokaina), l-**Operazzjoni Salonica** (kokaina u kannabis), is-**Subproġett Watani** (eroina) u l-**Operazzjoni Mango** (kannabis u flus tal-euro falsifikati).

3.2 Traffikar tal-bnedmin

Fl-2011, l-Europol appoġġja b'mod attiv 22 investigazzjoni ta' livell għoli ta' traffikar tal-bnedmin. F'uħud minn dawn il-każijiet, ġie pprovdut appoġġ operattiv fuq il-post permezz tal-uffiċċju mobbli. Wieħed mill-eżempji notevoli kienet l-**Operazzjoni Veerde**, li involviet ir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit, li rriżultat fi 11-il arrest.

3.3 Immigrazzjoni illegali ffaċilitata

Matul l-2011, l-Europol appoġġja disa' operazzjonijiet kbar fl-Ewropa li fil-mira tagħhom kellhom lil netwerks kriminali li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali. Dawn l-operazzjonijiet inkludew l-**Operazzjoni Cestia** (ġarr illegali ta' ċittadini Afgani), l-**Operazzjoni Schwarz/White** (ċittadini Vjetnamiżi) u l-**Operazzjoni Truck** (ċittadini Ċiniżi). Barra minn hekk, l-Europol huwa parti minn żewġ Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (JITs - *Joint Investigation Teams*) dwar l-immigrazzjoni illegali ffaċilitata. Wieħed jista' jsib iktar dettalji f'din ir-reviżjoni.

3.4 Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità

Iċ-ċentru b'teknoloġija avvanzata tal-Europol għal kontra l-kriminalità twaqqaf fl-2002 u ġie espandut biex jinkorpora kompetenzi f'oqsma speċjalisti oħrajn sabiex isawwar iċ-**Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità** fl-2011. Din iċ-ċaqliqa ppermettiet sabiex l-ispeċjalisti dwar il-kriminalità online jipprovdu kontromiżuri iktar immirati u effettivi fl-oqsma ta' sfruttament sesswali ta' tfal, frodi ta' karti tal-ħlas u ċ-ċiberkriminalità – oqsma tal-kriminalità li l-internet għandu rwol importanti fihom. Fl-2011, l-Europol appoġġja operazzjonijiet kbar kontra ċ-ċiberkriminalità bl-isem **Crossbill** (*malware*) u **Mariposa II** (*Butterfly bots*). Fil-qasam ta' sfruttament tat-tfal online, l-Europol appoġġja l-**Operazzjoni Rescue** f'tentattiv li rnexxa li jitkisser netwerk mifrux mad-dinja ta' nies li jwettqu reati sesswali fuq tfal. Dan kien każ li ssemma' ħafna li involva 14-il pajjiż u l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin. L-**Operazzjoni Icarus** hija operazzjoni simili oħra li tinvolvi 23 pajjiż.

3.5 Kriminalità tal-Proprjetà Intellettwali

L-Europol huwa involut fl-appoġġ, it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni għall-Istati Membri fil-qasam ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR - *Intellectual Property Rights*) li jkopri oqsma bħal ikel u pestiċidi ffalsifikati. Is-suċċess tal-**Operazzjoni Opson** (10 pajjiżi) li tinvolvi ikel u xorb iffalsifikat tissemma' f'din ir-reviżjoni. Anki l-**Operazzjoni Leatherface** (Spanja) kienet appoġġjata mill-Europol.

3.6 Kutrabandu ta' Sigaretti

L-Europol jappoġġja lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-manifattura u l-provvista illegali ta' sigaretti u prodotti tat-tabakk, li tiswa lill-UE madwar 10 biljun Euro fis-sena fi dħul mitluf. L-**Operazzjoni Tsar** (6 pajjiżi) irriżultat fit-tiġrif ta' netwerk kriminali kbir involut fil-kutrabandu ta' sigaretti ffalsifikati mill-Ukraina lejn ir-Renju Unit.

3.7 Falsifikazzjoni tal-Euro

L-Europol għandu l-mandat li jipprevjeni u jiġġieled il-falsifikazzjoni ta' flus u għal dan il-għan, joffri firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi li huma spjegati f'din ir-reviżjoni. L-**Operazzjoni Gazeta** (Polonja) irriżultat fiż-żarmar ta' wieħed mill-ikbar ħwienet taz-zekka għall-falsifikazzjoni fl-Ewropa u l-**Operazzjoni Chipmunk** kellha eżitu tajjeb għall-awtoritajiet Belġjani. L-Europol ipparteċipa wkoll fit-Tim ta' Investigazzjoni Konġunta **Limón**, biex jiġu indirizzati l-falsifikazzjoni tal-euro u *skimming* ta' karti.

3.8 Frodi tal-VAT

Hu stmat li l-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tiswa lill-Istati Membri tal-UE madwar 60 biljun Euro fis-sena. Il-Frodi Intra-Komunitarju b'Negozjant Nieqes (MTIC - *Missing Trader Intra-Community*) huwa forma ta' frodi organizzata tat-taxxa li tattaka s-sistemi tal-VAT tal-Istati Membri. Il-Proġett ta' Analiżi tal-Europol dwar il-Frodi MTIC jipprovdi l-unika database fil-livell tal-UE għal informazzjoni kriminali dwar dan il-fenomenu. Matul l-2011, l-Europol appoġġja l-**Operazzjoni Jacquo** dwar Frodi tal-VAT.

3.9 Ħasil tal-flus u rintraċċar tal-assi

Il-kriminalità organizzata tiġġenera dħul illeċitu enormi u l-Europol jagħti appoġġ lill-Istati Membri fl-oqsma tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus kif ukoll ir-rintraċċar ta' assi kriminali. L-**Operazzjoni Spectre II** kienet operazzjoni bħal dawn appoġġjata mill-Europol fl-2011 u f'dan ir-rapport hemm tagħrif dwarha.

3.10 Gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata

Fl-2011, il-gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata (MOCGs - *Mobile Organised Crime Groups*) ġibdu dejjem iktar l-attenzjoni tal-pubbliku u huma primarjament involuti fi kriminalità u frodi tal-proprjetà. Fl-2011, l-Europol appoġġja erba' operazzjonijiet transkonfinali kontra MOCGs kemm għal Stati tal-UE kif ukoll għal oħrajn li mhumiex, u d-dettalji dwarhom jinstabu f'din ir-reviżjoni.

3.11 Klikek ta' motoċiklisti illegali

Monitor, il-proġett ta' speċjalisti tal-Europol, jgħin fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali ta' Klikek ta' Motoċiklisti Illegali (OMGs - *Outlaw Motorcycle Gangs*). L-Europol jappoġġja lill-imsieħba tal-infurzar tal-liġi fil-forniment ta' sigurtà mill-pulizija f'avvenimenti ewlenin ta' motoċiklisti, bħall-World Run tal-HAMC (*Hells Angels Motorcycle Club*) tal-2011 li saret f'Laconia, fl-Istati Uniti.

3.12 Terroriżmu

It-terroriżmu għadu theddida serja għall-Unjoni Ewropea. Fl-2011, l-Europol kompla jassisti lill-Istati Membri fil-ġlieda tagħhom kontra t-terroriżmu billi pprovdilhom firxa ta' prodotti u servizzi. L-appoġġ huwa disponibbli fil-forma ta' analiżi u prodotti analitiċi, valutazzjonijiet tat-theddidiet, skambju ta' informazzjoni u r-Rapport annwali dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejriet tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT), li jippreżenta fatti u figuri dwar l-arresti ta' terroristiċi fl-UE, kif ukoll xejriet ġodda fl-attività terroristika.

Din ir-reviżjoni tipprovdi iktar informazzjoni dwar in-Netwerk tal-Ewwel Rispons, in-Netwerk Ewropew ta' Żarmar ta' Materjal Splussiv (EEODN - *European Explosive Ordnance Disposal Network*) u s-Sistema ta' Data tal-UE dwar il-Bombi (EBDS - *EU Bomb Data System*) tal-Europol. Oqsma speċjalisti oħrajn jinkludu l-Programm tar-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP - *Terrorism Finance Tracking Programme*) u Check the Web.

4. Firxa tal-Europol

L-Europol għandu konnessjoni live 24/7 mal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u b'mod regolari jorganizza avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ, *road shows* u seminars biex itejjeb l-għarfien dwar is-servizzi u l-kompetenzi tiegħu.

Barra minn hekk, l-Europol jikkoopera b'mod estern ma' 18-il pajjiż mhux mill-UE, disa' korpi u aġenziji tal-UE u tliet organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn (kollha elenkati f'dan ir-rapport). Il-kooperazzjoni mal-Interpol u l-aġenziji tal-UE bħall-Eurojust, is-CEPOL u l-Frontex ittejjeb sew il-firxa globali tal-Europol.

5. Nimxu 'l Quddiem

L-Istrateġija tal-Europol 2010-2014 tkompli tkun il-qafas ta' referenza għan-negozju ta' kuljum, billi tiżgura l-aħjar appoġġ għall-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-UE.

L-Europol huwa involut b'konsistenza ikbar fl-implimentazzjoni tal-politika dwar is-sigurtà interna tal-UE, minħabba bidliet miġjuba mit-Trattat ta' Lisbona, l-istatus legali l-ġdid tal-Europol bħala aġenzija tal-UE sa mill-2010, iżda anki grazzi għall-istrateġija u l-abilitajiet imtejba tal-aġenzija stess.

Fl-2011, tnediet evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol u tal-attivitajiet tal-Europol taħt is-superviżjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni. Dan l-eżerċizzju, ladarba jiġi ffinalizzat fl-2012, sejjer jappoġġja l-produzzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea u finalment, proposta għal Regolament tal-Europol fil-ġejjieni biex jieħu post id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Indipendentement mill-possibilitajiet ta' politika ġodda, l-iskop primarju tal-Europol jibqa' li jappoġġja lill-komunità tal-UE tal-infurzar tal-liġi, li jkisser u jrażżan gruppi ta' kriminalità organizzata serja u terroristiċi. Il-komunità tal-infurzar tal-liġi sħiħa għandha bżonn tibqa' taġġorna l-għodod, it-tattiki u l-politiki biex iżżomm il-pass mal-iżviluppi globali u tibqa' tantiċipa l-kriminali.

Fir-rigward tas-sofistikazzjoni li dejjem qiegħda tikber fl-attività kriminali, sforzi lokali jew saħansitra nazzjonali waħedhom biex jiġġieldu kriminalità organizzata internazzjonali u

terroriżmu jistgħu jgawdu biss suċċess limitat. Madanakollu, flimkien mal-Istati Membri tal-UE u l-organizzazzjonijiet imsieħba, l-Europol jista' jkollu rwol dejjem iktar importanti fis-salvagwardja tas-sigurtà interna tal-UE.

Europol iktar b'saħħtu jfisser investigazzjonijiet li jirnexxu iktar u protezzjoni aħjar għaċ-ċittadini tal-UE kontra l-perikli ta' kriminalità serja internazzjonali u t-terroriżmu.

1. Dwar l-Europol

1.1 Missjoni, viżjoni u prijoritajiet

Bħala l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-infurzar tal-liġi, il-missjoni tal-Europol hija li jappoġġja lill-Istati Membri tiegħu fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' kriminalità serja internazzjonali u terroriżmu. Ir-rwol tiegħu huwa li jgħin fil-kisba ta' Ewropa iktar sikura għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE billi jappoġġja lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE permezz tal-iskambju u l-analiżi ta' intelligence kriminali.

Netwerks kriminali u terroristiċi fuq skala kbira huma ta' periklu notevoli għas-sigurtà interna tal-UE u għas-sikurezza u ħajjet in-nies. L-ikbar perikli għas-sigurtà jiġu mit-terroriżmu, traffikar internazzjonali ta' drogi, traffikar tal-bnedmin, falsifikazzjoni ta' prodotti, flus tal-euro u karti tal-ħlas, frodi, korruzzjoni u ħasil tal-flus, kif ukoll attivitajiet oħrajn relatati mal-preżenza ta' gruppi tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija. Qegħdin jikbru wkoll perikli ġodda fil-forma ta' ċiberkriminalità, frodi tal-VAT u delitti sofistikati oħrajn li jabbużaw mit-teknoloġija moderna u l-libertajiet offruti mis-suq intern tal-UE. Ħafna minn dawn ġew iddikkjarati bħala oqsma prijoritarji mill-Kunsill tal-Ministri tal-UE u l-Europol huwa l-pijunier li qiegħed joħloq risponsi ġodda għal dawn il-perikli.

Il-viżjoni tal-Europol hija li jikkontribwixxi għal Ewropa iktar sikura billi jipprovdi l-aħjar appoġġ possibbli lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri tal-UE. Sejjer jikseb dan billi jforni sett uniku ta' servizzi operattivi għall-Unjoni Ewropea li jiżviluppa bħala:

- Ċentru ta' appoġġ ewlieni għal operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi
- Fulkru prinċipali għal informazzjoni dwar il-kriminalità, u
- Ċentru primarju għall-kompetenzi fl-infurzar tal-liġi.

Minbarra li jsegwi l-prijoritajiet taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, għall-Europol l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Interna (ISS - *Internal Security Strategy*) tal-UE huwa dokument vitali, li jsawwar il-politika fit-tul tal-UE fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. L-Istrateġija turi l-aspetti differenti tal-politika dwar is-sigurtà interna tal-Ewropa u telenka l-linji gwida strateġiċi għal azzjoni. L-Istarateġija ġiet issupplimentata mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,[2] li għandha l-għan li trawwem l-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Tidentifika ħames objettivi fil-qasam tas-sigurtà. Tlieta minnhom - speċjalment it-tkissir tan-netwerks kriminali, il-prevenzjoni tat-terroriżmu u s-sigurtà taċ-ċiberspazju - huma koperti b'mod estensiv mill-mandat tal-Europol.[3] L-azzjonijiet proposti mill-Kummissjoni biex jintlaħqu l-objettivi jirriflettu l-oqsma ta' kompetenzi li l-Europol huwa stabbilit sew fihom. Iż-żewġ dokumenti jagħtu lill-Europol rwol implimentattiv ewlieni u jagħtu opportunità kbira għall-iżvilupp ulterjuri fis-snin li ġejjin b'politiki xprunati mill-intelligence bħala wieħed mill-kunċetti ewlenin.

L-Europol ta sehemu b'mod konġunt mal-Frontex u l-Eurojust għall-ewwel reviżjoni annwali tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Interna ppreżentata f'Novembru 2011.

1.2 Riżorsi


L-Europol juża l-abilitajiet ta' informazzjoni uniċi tiegħu u l-kompetenzi tas-777 persunal, inklużi 92 analist, biex jidentifika u jirrintraċċa n-netwerks l-aktar kriminali u terroristiċi perikoluży fl-Ewropa. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, irrappreżentati fl-Europol minn 145 uffiċjal ta' kollegament tal-Europol li jaħdmu flimkien maċ-ċentru ta' servizz operattiv 24/7 b'sigurtà estensiva tal-Europol u d-databases siguri tiegħu, kellhom suċċess fit-tkissir ta'

[2] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istrateġija fl-Azzjoni tas-Sigurtà Interna tal-UE: Ħames passi lejn Ewropa aktar sikura. COM (2010) 673 finali.

[3] Kif dettaljat fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (2009/371/ĠAI).

ħafna netwerks kriminali u terroristiċi, fejn arrestaw eluf ta' kriminali perikoluży, irkupraw miljuni ta' euro u salvaw mijiet ta' vittmi ta' delitti, inklużi tfal ittraffikati u abbużati.

L-Europol huwa ffinanzjat mill-baġit komunitarju tal-UE. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew jiddeċiedu l-baġit tal-Europol, fuq il-bażi ta' proposti mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol. Fl-2011 il-baġit tal-Europol kien ta' EUR 84.8 miljun.



Organigramma tal-Europol		
Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data	Direttur	Funzjoni tal-awditjar Intern (IAF)
Dipartiment tal-Operazzjonijiet Viċi Direttur	Dipartiment ta' Governanza Viċi Direttur	Segretarjat tal-Bord ta' Amministrazzjoni (MBS)
Proġetti tal-Assistent Direttur	G 1 Uffiċċju tad-Direttur	C 1 Infrastruttura u Faċilitajiet tal-ICT
Eżiti tal-Assistent Direttur	G 2 Affarijiet Strateġiċi u Esterni	C 2 Talba u Prodotti tan-Negozju
O 1 Ċentru operattiv u Koordinazzjoni	G 3 Affarijiet Legali	C 3 Inġinerija ta' Soluzzjonijiet tal-IT
O 2 Analiżi u Għarfien	G 4 Komunikazzjonijiet Korporattivi	C 4 Programmi u Arkitettura
O 3	G 5	C 5

Europol Mhux Ikklassifikat – Livell Bażiku ta' Protezzjoni

Finanzi Kriminali	Sigurtà	Riżorsi Umani
O 4 Ġlieda Kontra t-Terroriżmu		C 6 Finanzi
O 5 Falsifikazzjoni u Flus u Ċiberkriminalità		
O 6 Netwerks ta' OC		
O 7 Netwerks ta' OC		
O 8 Netwerks ta' OC		
O 9 Programm ta' Rintraċċar ta' Finanzjament tat-Terroriżmu		
Uffiċċji ta' Kollegament tal-Istati Membri		
Uffiċċji ta' Kollegament ta' Pajjiżi Terzi		

Fatti Bażiċi dwar l-Europol (2011)

Kwartieri Ġenerali: L-Aja, il-Pajjiżi l-Baxxi

Persunal: 777 persunal fil-kwartieri ġenerali, inkluż 145 uffiċjal ta' kollegament tal-Europol

Baġit: EUR 84.8 miljun

Servizzi lil: 27 Stat Membru tal-UE, 500 miljun ċittadin tal-UE

Appoġġ għal: 13 697 każijiet transkonfinali tal-infurzar tal-liġi.

1.3 Il-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-Europol

Fl-1 ta' Lulju 2011, il-Majestà Tagħha r-Reġina Beatriċe tal-Pajjiżi l-Baxxi inawgurat uffiċjalment il-ftuħ tal-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-Europol fl-Aja. Mijiet ta' membri tal-persunal superjuri tal-infurzar tal-liġi, nies popolari u dinjitarji attendew iċ-ċeremonja ta' ftuħ, flimkien ma' membri tal-persunal tal-Europol u mistiedna oħrajn.

Ir-Reġina Beatriċe kixfet plakka li tfakkar il-ftuħ uffiċjali u ttieħdet għal mawra mal-bini l-ġdid, immexxija mid-Direttur tal-Europol, Rob Wainwright, u żaru l-Laboratorju tad-Drogi u l-Unità taċ-Ċiberkriminalità.

Il-kwartieri ġenerali l-ġodda jinstabu fiż-żona internazzjonali tal-Aja, b'ġirien li jinkludu t-Tribunal Kriminali Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għal dik li kienet il-Jugoslavja u l-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni tal-Armi b'Sustanzi Kimiċi. Il-bini, b'superfiċje ta' 32 000 m^2, ġie kkummissjonat mill-Aġenzija tal-Bini tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u ġie ddisinjat minn Quist Wintermans Architects.

Il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-ogħla żvilupp tekniku fil-bini l-ġdid tagħna huma konformi mal-ambizzjoni tal-Europol li jkun organizzazzjoni moderna u dinamika, maħluqa biex tgħin u taqdi liċ-ċittadini tal-UE, permezz tal-appoġġ li nipprovdu lill-imsieħba tagħna tal-infurzar tal-liġi.

Monument ta' tifkira Ewropew għall-aġenti tal-infurzar tal-liġi

L-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-UE li tilfu ħajjithom waqt li jwettqu d-dmirijiethom ġew onorati fl-2011 b'monument ta' tifkira Ewropew ġdid tal-infurzar tal-liġi fl-Europol.

L-iskultura tal-azzar, li tqiegħdet f'post prominenti fil-kwartieri ġenerali l-ġodda tagħna, inħolqot mill-artist Ungeriż Apolka Erős u ngħatat b'donazzjoni lill-Europol mill-Pulizija Nazzjonali tal-Ungerija matul il-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill tal-UE.

Il-monument inkixef għall-ewwel darba matul il-Konvenzjoni Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija tal-Europol u ġie segwit minn minuta silenzju, osservata minn madwar 250 kap tal-pulizija u uffiċjal superjuri tal-infurzar tal-liġi li attendew minn madwar l-Ewropa kollha, u persunal tal-Europol.

2. Kif jaħdem l-Europol

Gruppi kriminali u terroristiċi internazzjonali joperaw madwar id-dinja, u jagħmlu użu mill-aħħar teknoloġija. Biex jiżguraw tweġiba effettiva u kkoordinata, l-Europol għandu bżonn ikun flessibbli u innovattiv daqshom, billi jiżgura li l-metodi u l-għodod tiegħu jkunu aġġornati. L-Europol iżomm databases u kanali ta' komunikazzjoni tal-ogħla livell tekniku, li joffru faċilitajiet veloċi u sikuri għall-ħżin, it-tiftix, il-viżwalizzazzjoni, l-analiżi u l-illinkjar ta' informazzjoni importanti. Il-ġbir, l-analiżi u t-tqassim ta' din l-informazzjoni jinvolvu l-iskambju ta' kwantitajiet kbar ta' data personali. Fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet, l-Europol jikkonforma mal-ogħla standards ta' protezzjoni tad-data u sigurtà tad-data.

Kull database u servizz tal-Europol huma disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. Nibagħtu wkoll esperti u nqiegħdu s-servizzi tagħna disponibbli permezz ta' uffiċċju mobbli fuq il-post, kull meta Stat Membru jitlobhom.

Iċ-ċentru operattiv 24/7 tal-Europol huwa l-punt ġeneriku għall-iskambju ta' data bejn l-Europol, l-Istati Membri tal-UE u partijiet terzi. Iċ-ċentru operattiv jwettaq ħames funzjonijiet ewlenin:

- Servizz ta' kontroverifika ċentralizzat: data li tidħol malajr tiġi kontroverifikata mad-data kollha eżistenti. L-informazzjoni operattiva hija pproċessata fi ħdan is-sistema tal-Europol billi jintużaw fajls ta' ħidma ta' analiżi (AWFs - *Analysis Work Files*), li jiffokaw fuq qasam partikolari tal-kriminalità. Jekk tinstab data li taqbel, din l-informazzjoni tiġi kkonsolidata f'rapporta analitiku wieħed, u jingħata rispons rapidu li jixħet dawl fuq il-links lill-parti li tipprovdi d-data sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati xejriet u żviluppi ġodda fix-xena kriminali tal-UE. Madwar kwart mit-talbiet operattivi mibgħuta lill-Europol diġà jinvolvu liċ-ċentru operattiv
- Iċ-ċentru operattiv jista' jaħżen ċerta data għal perjodu limitat ta' żmien bil-għan li jiddetermina jekk tali data hijiex rilevanti għall-kompiti tal-Europol u tista' tiġi inkluża fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol jew fil-fajls ta' ħidma ta' analiżi
- Appoġġ analitiku f'każijiet 'tematiċi': Issa, data investigattiva li tolqot bosta proġetti ta' analiżi eżistenti tista' tiġi analizzata minnufih mill-Europol
- Komunikazzjoni ma' partijiet terzi: Iċ-ċentru operattiv jipproċessa l-informazzjoni kollha skambjata ma' partijiet terzi, u b'hekk jiżgura li d-data tintbagħat għall-proġett xieraq għal ipproċessar ulterjuri, u li l-fornitur oriġinali jirċievi tweġiba fil-ħin u preċiża
- Appoġġ għall-forniment ta' sigurtà mill-pulizija f'avvenimenti kbar: Iċ-ċentru operattiv jikkoordina l-appoġġ li l-Europol jista' jipprovdi għall-forniment ta' sigurtà mill-pulizija f'avvenimenti kbar, jiġifieri dawk l-avvenimenti sportivi, ekonomiċi, politiċi jew kulturali f'livell internazzjonali li jippreżentaw mira jew opportunità għal kriminalità u terroriżmu. Fl-2011, dan inkluda l-għoti ta' appoġġ marbut mal-Kampjonat Dinji tal-Ice Hockey fis-Slovakkja, il-EuroBasket fil-Litwanja, it-tħejjija għall-kampjonat tal-futbol li ġej tal-UEFA EURO 2012 fil-Polonja u l-Ukraina u l-Logħob Olimpiku f'Londra.

Kmamar ġodda għall-operazzjonijiet

Ġimgħatejn biss wara li l-persunal mar fil-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-Europol fl-1 ta' Ġunju, ġie ospitat ċentru ta' koordinazzjoni għall-Operazzjoni Truck f'waħda mill-kmamar il-ġodda għall-operazzjonijiet. L-operazzjoni kellha fil-mira tagħha netwerk Ċiniż involut fil-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fir-Renju Unit. Uffiċjali minn Franza, il-Portugall u l-Eurojust ngħaqdu mal-persunal tal-Europol f'ambjent ta' ħidma kompletament ġdid, f'waħda mill-kmamar il-ġodda mibnija apposta għall-operazzjonijiet li jipprovdu lill-Europol b'kapaċità ikbar sabiex jilqa' operazzjonijiet u jipprovdi appoġġ operattiv ieħor.

Matul l-operazzjoni, saru sitt arresti fi Franza, u fil-Portugall saru perkwiżizzjonijiet ta' bini, instabu provi importanti u saru sitt arresti oħrajn. Il-proprjetà sekwestrata inkludiet dokumenti, flus, rendikonti ta' banek, mobajls u provi ta' sostenn oħrajn.

Wara ġew ospitati ħafna operazzjonijiet oħrajn fil-kmamar tal-operazzjonijiet tal-Europol. Aktarx li l-operazzjoni l-aktar ambizzjuża sa issa kienet l-Operazzjoni Night Clone immexxija mill-Italja u appoġġjata mill-Bulgarija, il-Polonja, Spanja u l-Istati Uniti. Din l-operazzjoni kellha fil-mira tagħha grupp kriminali bbażat fil-Bulgarija iżda li jopera fuq skala globali li kien responsabbli għal frodi stmat għal madwar EUR 50 miljun.

Fis-6 ta' Lulju, l-Europol laqa' t-tim ta' tmexxija għall-jum ta' azzjoni li ra iktar minn 200 uffiċjal tal-pulizija skjerati madwar l-Ewropa. Il-persunal tal-Europol, mgħammar b'uffiċċju mobbli tal-Europol, kien fil-Bulgarija biex iħaffef l-iskambju rapidu u sigur ta' intelligence. Matul il-jum ta' azzjoni **l-awtoritajiet Bulgari arrestaw lill-kriminali ssuspettati, għamlu perkwiżizzjonijiet ta' vetturi u djar u ġabru provi.** Ġew arrestati iktar minn 60 ruħ, u tkisser grupp kriminali organizzat li kien jopera madwar l-Ewropa, l-Amerika u l-Afrika.

2.1 Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (ENUs)

Kull Stat Membru tal-UE kellu Unità Nazzjonali tal-Europol (ENU - *Europol National Unit*) magħżula li hija l-korp ta' kollegament bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE. Il-Kapijiet tal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol (HENUs - *Heads of Europol National Unit*) jiltaqgħu fuq bażi regolari biex jagħtu pariri lill-Europol u lill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol fuq kwistjonijiet operattivi u kwistjonijiet oħrajn.

Kull ENU tagħżel tal-inqas uffiċjal ta' kollegament wieħed għall-Europol, li jintlaqa' fil-kwartieri ġenerali tagħna fl-uffiċċju ta' kollegament tiegħu stess. L-uffiċċji ta' kollegament huma parti mill-unità nazzjonali ta' pajjiżhom u jirrappreżentaw l-interessi tal-pajjiż tagħhom fl-Europol skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membri li jissekonda.

L-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri jiżguraw li hemm link live 24/7 bejn il-kwartieri ġenerali tal-Europol fl-Aja u s-27 Unità Nazzjonali tal-Europol fil-kapitali nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE. Dan in-netwerk uniku ta' 145 uffiċjal ta' kollegament għandu rwol importanti fl-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi ta' kuljum billi jħaffef l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll jipprovdi appoġġ u koordinazzjoni għal investigazzjonijiet kontinwi.

L-Europol jilqa' wkoll uffiċjali ta' kollegament minn 10 pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet li jaħdmu flimkien mal-Europol fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni.[4]

Dan in-netwerk huwa appoġġat permezz ta' kanali u ta' komunikazzjoni siguri pprovduti mill-Europol. Barra minn hekk, l-Europol għandu żewġ uffiċjali ta' kollegament issekondati ma' Washington DC u wieħed mal-kwartieri ġenerali tal-Europol f'Lyon, Franza.

2.2 Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol

Il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol jagħti gwida strateġika u jissorvelja l-prestazzjoni tad-Direttur u l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-Europol. Jinkorpora fih rappreżentant wieħed ta' livell għoli minn kull Stat Membru u l-Kummissjoni Ewropea. Jieħu deċiżjonijiet permezz ta' maġġoranza ta' żewġ terzi, b'kull stat membru li jkollu vot wieħed.

Il-Bord ta' Amministrazzjoni jiltaqa' bosta drabi tul is-sena biex jiddiskuti firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet tal-Europol li huma relatati mal-attivitajiet attwali u l-iżviluppi tiegħu fil-ġejjieni. Kull sena, il-Bord ta' Amministrazzjoni jadotta l-baġit finali tal-Europol, programm ta' ħidma ta' attivitajiet tal-ġejjieni u dan ir-rapport ġenerali dwar l-attivitajiet imwettqa tul is-sena ta'

[4] L-Albanija, l-Awstralja, il-Kanada, il-Kolombja, il-Kroazja, l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera, l-Interpol u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Uniti li ġejjin: L-Uffiċċju għall-Alkoħol, it-Tabakk, l-Armi u l-Isplussivi (ATF); L-Amministrazzjoni għall-Infurzar kontra d-Drogi (DEA); Servizzi Sigrieti (USSS); L-Uffiċċju Federali tal-Investigazzjonijiet (FBI); L-Infurzar tal-Immigrazzjoni u tad-Dwana (ICE) u s-Servizz tad-Dħul Intern (IRS).

qabel, u kollha kemm huma huma sottomessi lill-Kunsill għal approvazzjoni u iktar tard lill-Parlament Ewropew għal informazzjoni.

2.3 Infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura

Sabiex jappoġġja l-operazzjonijiet tiegħu u jipprovdi firxa dejjem ikbar ta' servizzi operattivi u strateġiċi lill-Istati Membri, pajjiżi mhux tal-UE u partijit terzi, l-Europol iżomm u jiżviluppa b'mod regolari infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet teknikament avanzata, affidabbli, effiċjenti u sigura.

Is-sisien ta' din l-infrastruttura huwa n-Netwerk Sigur tal-Europol. Dan jgħaqqad lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri kollha, u numru li qiegħed jikber ta' pajjiżi mhux mill-UE u partijiet terzi li l-Europol għandu ftehimiet ta' kooperazzjoni magħhom. L-2011 rat it-twaqqif ta' interkonnessjonijiet ta' netwerks siguri ġodda mal-Interpol, il-Kolombja u l-Isvizzera.

Is-sigurtà tal-infrastruttura tan-netwerk hija ta' tħassib primarju għall-Europol. Peress li s-sigurtà tal-ogħla żvilupp tekniku hija l-bażi għaż-żamma tal-fiduċja bejn il-partijiet kollha li jikkondividu informazzjoni u intelligence ma' u permezz tal-Europol.

2.4 Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS)

L-objettiv ewlieni tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) serja tkun is-sistema ta' referenza għal reati, individwi involuti, u data oħra relatata biex tappoġġja lill-Istati Membri, lill-Europol u l-imsieħba ta' kooperazzjoni tiegħu fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu, u forom oħrajn ta' kriminalità serja.

SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TAL-EUROPOL
Diċembru 2011

Kontenut:

183 240 oġġett

41 193 entitajiet 'persuni'

Żieda ta' **5%** fuq l-2010

Oqsma ewlenin tal-kriminalità:

Traffikar ta' droga, 25% tal-oġġetti kollha

Traffikar tal-bnedmin, 23%

Falsifikazzjoni ta' flus, 18%

Serq, 10%

Frodi u imbrolji, 5%.

Użu:

111 110 tiftixiet
ngħaddew mis-sistema fl-2011.

Il-Ġermanja kienet dik li l-iktar li pprovdiet data fl-EIS, segwita mill-Belġju, Franza, Spanja u l-Europol (f'isem partijiet terzi). Ta' min jgħid li l-maġġoranza assoluta ta' data fl-EIS tiddaħħal permezz ta' sistemi awtomatizzati ta' llowdjar ta' data. Fl-2011 inbidel l-approċċ ta' ġbir ta' data mill-Istati Membri, u l-enfasi nxteħet iktar fuq oġġetti li jistgħu jinstabu

kontroreferenza għalihom (eż. persuni, mezzi ta' komunikazzjoni, mezzi ta' trasport). Din il-bidla, riflessa wkoll f'rapporti ta' kwalità tad-data aġġornati, tejbet il-kwalità ġenerali tal-kontenut tal-EIS. Eżempju minnhom huwa l-ammont kbir ta' data mir-Renju Unit imtella' f'Awwissu 2011 li rriżulta f'numru relattivament għoli ta' taqbil (taqbila waħda għal kull 200 oġġett).

Fl-2011 ġiet żviluppata verżjoni ġdida tal-EIS. Il-karatteristika l-aktar importanti hija l-possibilità ta' tiftix taqbila/ebda taqbila (*hit/no-hit*) għal Awtoritajiet Kompetenti Magħżula. Din hija l-ewwel darba li l-aċċess għall-EIS seta' jingħata lil oħrajn, bħall-uffiċjali ta' quddiem nett fl-infurzar tal-liġi, u mhux biss lill-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol tal-Istati Membri.

Barra minn hekk, sar progress biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-Istati Membri ta' lowders tad-data awtomatizzati. Fl-2011, il-Litwanja implimentat is-sistema awtomatika ta' llowdjar ta' data tagħha, u b'hekk żiedet għal 13 in-numru totali ta' Stati Membri li issa għandhom il-kapaċità li jtellgħu data b'mod awtomatiku fuq is-sistemi tal-Europol. Bosta pajjiżi oħrajn qegħdin iħejju ruħhom biex jimplimentaw din l-għodda.

Sar titjib sinifikanti wkoll f'termini ta' interoperabilità ta' sistemi ewlenin ta' ġestjoni tal-informazzjoni. F'Ottubru 2011 bdiet titħaddem funzjoni ġdida, il-Maniġer tal-Links tal-Europol (ELM - *Europol Links Manager*). Fi ħdan il-konfini tal-qafas legali tal-Europol, din tippermetti il-kontroverifika awtomatizzata ta' fajls ta' ħidma ta' analiżi, repożitorju 10.4, l-EIS, u s-Soluzzjoni għal Entitajiet b'Riskju Miżjud (ERES - *Enhanced Risk Entities Solution*). Din tal-aħħar hija repożitorju li fih data b'sors miftuħ mixtri mill-Europol minn fornitur kummerċjali ta' intelligence. Meta mqabbel mal-arranġament ta' kontroverifka ta' qabel, l-ELM iwessa' l-firxa ta' sorsi tad-data, itejjeb l-utilità u l-flessibilità, u jindirizza bosta kwistjonijiet importanti relatati mal-protezzjoni tad-data.

KODIĊIJIET TA' ĠESTJONI

Il-kodiċijiet ta' ġestjoni huma mezzi ta' protezzjoni ta' sors ta' informazzjoni. Il-kodiċijiet jiżguraw sigurtà tal-informazzjoni u l-ipproċessar sikur u adegwat tagħha, b'konformità max-xewqat ta' sid l-informazzjoni, u b'rispett sħiħ tar-regoli legali nazzjonali tal-Istati Membri. Il-kodiċijiet ta' ġestjoni jindikaw x'jista' jsir b'informazzjoni partikolari u min se jkollu aċċess għaliha fil-ġejjieni.

Il-Pulizija tal-Belt ta' Londra, Operazzjoni Theo

L-Operazzjoni Theo tnediet f'Marzu 2011 biex tiġġieled il-kriminalità li bdiet tiżdied fuq il-magni tal-banek li jagħtu l-flus (ATMs) fil-Belt ta' Londra. L-operazzjoni malajr irnexxiet, b'arresti minnufih u s-sekwestru ta' tagħmir użat għal tbagħbis fil-magni.

Madanakollu, hekk kif kompliet l-Operazzjoni Theo, b'mod kemxejn kontradittorju, hekk ukoll komplew l-attakki - lejl wara lejl f'bosta postijiet għat-tliet ġimgħat sussegwenti - u dan wassal għal total ta' 29 ċittadin Rumen arrestati u mixlija. Parti mill-proċess għal kull wieħed mis-suspettati kien li jingħaddu d-dettalji tagħhom minn numru ta' databases ta' intelligence inkluża l-EIS li l-pulizija tal-Belt kienet għahda kif titħarreġ kif tuża.

Dan it-taħriġ malajr wera kemm jiswa meta nstab li tlieta minn dawk arrestati matul l-Operazzjoni Theo dehru bħala 'nominali' fuq l-EIS. Dawn kienu mfittxija għal reati simili f'pajjiżi Ewropej oħrajn u wieħed kien issuspettat ukoll li kien involut fit-traffikar ta' bnedmin għal finijiet ta' prostituzzjoni, u ieħor għal reati ta' serq f'numru ta' pajjiżi. Kollha kienu membri ta' gruppi internazzjonali tal-kriminalità organizzata.

L-intelligence pprovduta mill-EIS kienet ta' utilità kbira ħafna għat-timijiet operattivi u ppermettiet sabiex is-servizz ta' prosekuzzjoni jkun jista' jagħmel applikazzjonijiet b'saħħithom sabiex is-suġġetti jintbagħtu l-ħabs. L-abilità tal-EIS li tipprovdi intelligence

tajba u l-istess ħin tipproduċiha kemm f'rapport bil-miktub kif ukoll fi graffs analitiċi għamilha faċli sabiex l-uffiċjali jifhmu u jistabbilixxu rabtiet ma' assoċjati u delitti oħrajn.

Issa, il-Pulizija tal-Belt ta' Londra jaraw isibux fl-EIS iċ-ċittadini Ewropej kollha li jiġu arrestati minnhom, u minn żmien l-Operazzjoni Theo 'l hawn raw għadd ta' suċċessi oħrajn li ma kinux jiġu identifikati qabel ma l-pulizija ngħataw taħriġ u aċċess għas-sistema.

Informazzjoni pprovduta mill-Pulizija tal-Belt ta' Londra

2.5 L-Applikazzjoni ta' Netwerk Sigur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (SIENA)

L-Applikazzjoni ta' Netwerk Sigur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (SIENA) hija għodda tal-aħħar ġenerazzjoni mfassla sabiex tippermetti komunikazzjoni rapida, sigura u faċli għall-utenti u skambju ta' informazzjoni u intelligence operattivi u strateġiċi relatati ma' delitti, bejn l-Europol, l-Istati Membri u pajjiżi terzi li għandhom ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-Europol.

Fid-disinjar u t-tħaddim tas-SIENA, inxteħet enfasi sinifikanti fuq il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data, sabiex tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti legali kollha. Bl-istess mod, is-sigurtà hija meqjusa vitali u ttieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikun jista' jsir skambju sigur tal-informazzjoni ristretta. Barra minn hekk, ittieħdet f'kunsiderazzjoni l-aħjar prattika fl-iskambju tal-informazzjoni fl-infurzar tal-liġi, bi grad għoli ta' affidabilità, u l-użu ta' kodiċijiet ta' ġestjoni u evalwazzjoni li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-użu. Fl-2011:

- SIENA tnediet għall-imsieħba ta' kooperazzjoni bi ftehim operattiv li ġejjin: l-Awstralja, il-Kroazja, l-Islanda u n-Norveġja
- Fil-kuntest tal-Patt Ewropew dwar id-Drogi, l-Europol ingħata l-inkarigu li jqiegħed lis-SIENA disponibbli għall-pjattaformi reġjonali fl-Afrika tal-Punent. Għal dan il-għan, ġew żviluppati soluzzjonijiet u issa, il-pjattaformi reġjonali f'Accra (il-Gana) u Dakar (is-Senegal) għandhom faċilitajiet ta' aċċess mill-bogħod għal SIENA. SIENA tqiegħdet disponibbli wkoll għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istat tad-Dritt dwar Missjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (EULEX - *European Union Rule of Law Mission in Kosovo*).
- SIENA ġiet aġġustata biex tappoġġja s-segwitu tat-tiftixiet fis-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol (EIS) mill-awtoritajiet kompetenti magħżula. Issa hemm fis-seħħ ukoll it-tidħil awtomatizzat ta' kontributi fis-Sistema ta' Analiżi tal-Europol (EAS), li jiffranka ħafna ħin għall-analisti tal-Europol kif ukoll huwa titjib importanti fis-sigurtà.
- SIENA ġiet aġġustata sabiex tkun tista' tiġi estiża għal imsieħba ta' kooperazzjoni bi ftehimiet strateġiċi bħall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u t-Turkija
- Saru tħejjijiet biex l-aċċess għas-SIENA jiġi estiż għal dawn il-pajjiż fl-2012 inkluż taħriġ u estensjonijiet tan-netwerks siguri. Għadejjin ukoll tħejjijiet biex fl-2012 tingħaqad l-Isvizzera.

Barra minn hekk, qiegħda ssir ħidma sabiex SIENA tiġi konnessa direttament mas-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-każijiet, u b'hekk l-uffiċjali tal-pulizija jkunu jistgħu jużaw sistema waħda kemm għal każijiet nazzjonali kif ukoll għal każijiet li jeħtieġu komunikazzjoni internazzjonali.

Skambju ta' Informazzjoni permezz ta' SIENA fl-2011

Infetħu **13 697 każ ġdid**
Medja fix-xahar: 1141
(**Żieda ta' 17%** meta mqabbla mal-2010)

30% tal-każijiet il-ġodda kienu relatati mad-drogi,
segwiti minn frodi u imbrolji (14%),
terroriżmu (10%), falsifikazzjoni ta' flus (9%) u serq (9%)

ġew ipproċessati **330 633 messaġġ operattiv**
bejn l-Istati Membri, l-Europol u partijiet terzi
Medja fix-xahar: 27 553

103 awtoritajiet kompetenti ġew ikkonfigurati fi SIENA
fuq talba tal-Istati Membri,
u b'hekk issa hemm total ta' 287 awtorità kompetenti

2.6 Analiżi tal-kriminalità

2.6.1 Analiżi operattiva

L-analiżi hija s-sisien li fuqhom huma msejsa l-attivitajiet moderni kollha tal-infurzar tal-liġi mmexxija mill-intelligence u hija fundamentali għall-attivitajiet kollha tal-Europol. Il-kapaċitajiet analitiċi tagħna huma bbażati fuq teknoloġija avvanzata aġġustata għall-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi. L-analisti impjegati fl-Europol jużaw l-aħħar metodoloġiji u tekniki biex jidentifikaw id-diskrepanzi fl-investigazzjonijiet transkonfinali tal-UE. Jaħdmu b'fajls ta' ħidma ta' analiżi (AWFs) ffokati fuq is-suġġett biex jipprovdu informazzjoni lil operazzjonijiet li għaddejjin fl-Istati Membri tal-UE. Din l-informazzjoni spiss tista' tipprovdi żviluppi importanti ġodda għal ħafna investigazzjonijiet internazzjonali.

Is-**Sistema ta' Analiżi tal-Europol (EAS)** hija s-sistema ta' informazzjoni operattiva li tilqa' ġo fiha data pprovduta mill-partijiet interessati tal-Europol.

Il-komponenti differenti tas-sistema joffru l-benefiċċji li ġejjin:

- Ċentralizzazzjoni u ġestjoni tal-informazzjoni
- Kapaċitajiet analitiċi permezz ta' firxa wiesgħa ta' għodod analitiċi.

L-Europol jivvaluta b'mod kontinwu l-kapaċitajiet analitiċi u t-teknoloġija tiegħu biex jiżgura li l-analisti tal-Europol ikollhom l-aħjar appoġġ tekniku possibbli għall-ħidma tagħhom.

Netwerk tal-Forensika tal-Kompjuters (CFN)

L-Europol jinstab fl-aħħar stadji ta' implimentazzjoni ta' faċilità tal-ogħla żvilupp tekniku biex joħroġ u janalizza informazzjoni relatata ma' delitti minn data diġitalizzata – is-CFN.

L-abilità li tiġi identifikata b'mod effiċjenti informazzjoni rilevanti minn ammonti vasti ta' data tal-kompjuter, filwaqt li tiġi ppreservata l-validità ġudizzjarja tagħha, qiegħda ssir arma kruċjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

Permezz ta' din is-soluzzjoni teknika ġdida, l-Europol issa jista' joffri servizz ta' kwalità għolja lill-komunità Ewropea tal-infurzar tal-liġi, li tidentifika u tipproċessa din l-informazzjoni, b'titjib drammatiku fil-kwantità ta' data li tista' tinkiseb.

Dan is-servizz imwassal b'mod ċentrali huwa kkomplimentat bil-possibilità ta' appoġġ permezz tal-iskjerament lokali ta' sett ta' għodod operati minn esperti għal forensika ta' data tal-kompjuters. Is-CFN jifforma pjattaforma teknika robusta għall-attivitajiet imwettqa miċ-Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità.

2.6.2 Analiżi strateġika

L-analiżi strateġika hija aspett importanti ieħor tal-attivitajiet analitiċi tal-Europol. Grazzi għall-prodotti ta' analiżi strateġika tal-Europol, bħall-OCTA, ROCTA, OCTA-WA u TE-SAT,[5] jingħata iktar appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet li jidentifikaw prijoritajiet speċifiċi fil-qasam kumpless tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Fuq il-bażi ta' linji gwida politiċi,

[5] Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata fl-UE (OCTA); Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata fir-Russja (ROCTA); Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata fl-Afrika tal-Punent (OCTA-WA); Rapport dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejriet tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT).

imbagħad, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jistgħu jfasslu l-ħidma operattiva tagħhom fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Jistgħu anki jużaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni reġjonali eżistenti appoġġjati mill-Europol bħat-Task Force tal-Baħar Baltiku.[6]

Skont it-Trattat ta' Lisbona, l-importanza ta' valuazzjoni komprensiva tat-theddid qiegħa dejjem tikber, u b'hekk l-Europol sar kontributur importanti għall-proċess ta' tfassil ta' politiki.

Rapport dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejriet tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT)

Fl-2011, l-Europol ipproduċa il-ħames Rapport annwali tiegħu dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejriet tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT). Sa mill-2007, it-TE-SAT ilu jgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fenomenu tat-terroriżmu fl-UE minn perspettiva tal-infurzar tal-liġi.

It-TE-SAT huwa dokument pubbliku bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-UE u minn pajjiżi mhux tal-UE, u organizzazzjonijiet imsieħba bħal Eurojust, SitCen u Interpol.

Ir-rapport tal-2011 wera tnaqqis kontinwu fin-numru ta' attakki relatati mat-terroriżmu fl-UE, iżda wissa li l-periklu minn terroriżmu jibqa' għoli fl-UE u qiegħed jinbidel fl-ambitu u l-impatt. Jagħti dettalji wkoll dwar kif qiegħda tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-gruppi terroristiċi u estremisti fl-UE u barra minnha. Barra minn hekk, it-TE-SAT irrapporta li spettru varjat ta' atturi huma ta' riskju, minn gruppi terroristiċi organizzati sa individwi radikalizzati, kif muri mill-attakk fin-Norveġja fl-2011.

Xejra oħra li ġiet irrapportata fit-TE-SAT 2011 hija li l-professjonaliżmu tal-propaganda tagħhom juri li l-gruppi estremisti tal-lemin għandhom ir-rieda li jkabbru u jifirxu l-ideoloġija tagħhom u għadhom ta' periklu fl-Istati Membri tal-UE.

Il-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata fl-UE (OCTA)

L-OCTA hija d-dokument ta' analiżi strateġika l-aktar importanti prodott mill-Europol. Huwa d-dokument li fuqu l-Kunsill tal-Ministri tal-UE (il-Kunsill) jibbaża l-prijoritajiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata fl-Ewropa. Abbozzata b'konformità ma' prinċipji ta' forniment ta' pulizija mmexxi mill-intelligence, l-OCTA huwa rikonoxxut bħala proġett pijunier, u fil-ħajja qasira tiegħu, mill-2006, introduċa kunċetti innovattivi bħall-fulkri tal-kriminalità u tipoloġija tal-gruppi ta' kriminalità organizzata. Ir-rapport tal-2011 ippreżenta s-sejbiet importanti li ġejjin:

- Il-kriminalità organizzata qiegħda tinbidel u qiegħda ssir dejjem iktar diversifikata fil-metodi, l-istrutturi tal-gruppi u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà.
- Il-gruppi kriminali dejjem qiegħdin isiru multikomoditarji u polikriminali fl-attivitajiet tagħhom.
- Teżisti atmosfera dejjem iktar kollaborattiva bejn gruppi differenti tal-kriminalità organizzata, u qegħdin imorru lil hinn mid-differenzi nazzjonali, etniċi u tan-negozju, bil-prattika ta' tpartit li qiegħda tiżdied.
- Il-gruppi kriminali jisfruttaw ħafna l-infrastruttura tat-trasport kummerċjali u tal-passiġġieri, speċjalment il-kontejners ta' merkanziji bil-baħar.
- Il-kooperazzjoni magħrufa ta' speċjalisti hija fattur notevoli li jħaffef il-kriminalità organizzata.

[6] It-Task Force tal-Baħar Baltiku hija netwerk ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi biex jindirizzaw il-kriminalità organizzata fir-reġjun tal-Baħar Baltiku. Il-pajjiżi parteċipanti huma: id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Islanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Russja u l-Isvezja. Barra minn hekk, hemm rappreżentanti permanenti mill-Europol, l-Eurojust, il-Frontex, l-Interpol u l-Kummissjoni Ewropea.

- L-effetti kontinwi tal-kriżi ekonomika globali qarrbu liċ-ċittadini tal-UE lejn il-kriminalità organizzata.
- Fis-suq għal drogi illeċiti, il-prezzijiet f'ċaqliq kontinwu u l-livelli ta' purità tal-kokaina u l-eroina, flimkien ma' tnaqqis ta' prekursuri sintetiċi, wasslu sabiex ifeġġu 'abbużi minn sustanzi legali' u sostituti oħrajn.
- It-teknoloġija tal-internet issa feġġet bħala faċilitatur ewlieni għall-parti l-kbira tal-attività tal-kriminalità organizzata li sseħħ offline.
- Gruppi kriminali li Niġerjani li jitkellmu bl-Albaniż, Torok u minn dik li kienet l-Unjoni Sovjetika qegħdin ifittxu li jespandu l-interessi tagħhom fl-UE, billi jisfruttaw opportunitajiet possibbli.
- Il-fulkru tal-kriminalità tal-Majjistral[7] għandu r-rwol taċ-ċentru ta' koordinazzjoni prinċipali għad-distribuzzjoni tad-drogi. Il-fulkru tal-Grigal jibqa' punt fokali għat-transitu ta' komoditajiet illeċiti lil u minn dik li kienet l-Unjoni Sovjetika u bażi għal gruppi polikriminali vjolenti b'firxa internazzjonali. Ir-rwol ewlieni tal-fulkru tal-Lbiċ fit-transitu u d-distribuzzjoni tal-kokaina u r-reżina tal-kannabis qiegħed jippersisti u bħalissa jservi wkoll ta' żona ta' transitu għall-vittmi tat-THB għal sfruttament sesswali. Il-fulkru tan-Nofsinhar għadu prominenti fl-intraprenditorija kriminali, bħala ċentru għal flus u komoditajiet iffalsifikati, żona ta' transitu għall-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin (THB) u immigranti illegali, u bażi għal uħud mill-gruppi kriminali bl-iktar fl-Ewropa. Ix-Xlokk ra l-ikbar espansjoni fis-snin reċenti, bħala riżultat ta' traffikar ikbar permezz tal-Baħar l-Iswed, proliferazzjoni ta' bosta rotot Balkani għal komoditajiet illeċiti lejn u mill-UE, żieda sinifikanti fl-immigrazzjoni illegali permezz tal-Greċja, u l-formazzjoni ta' assi Balkani għat-traffikar lejn l-UE, li jikkonsisti fil-Balkani tal-Punent u l-Ewropa tax-Xlokk.

Billi diġà hu komponent importanti tal-Mudell Ewropew tal-Intelligence Kriminali (ECIM - *European Criminal Intelligence Model*), l-OCTA jikseb importanza miżjuda wara l-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' ċiklu ta' politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali u organizzata serja. Dan iċ-ċiklu ta' politika jidentifika lill-OCTA bħala l-bażi għall-identifikazzjoni tal-prijoritajiet kriminali tal-UE u, imbagħad, bħala tweġiba koerenti tal-UE biex tindirizza lil dawk il-prijoritajiet. Il-prijoritajiet politiċi għall-2011 - 2013 ġew identifikati bħala:

- Kriminalità organizzata tal-Afrika tal-Punent
- Kriminalità organizzata tal-Balkani tal-Punent
- Immigrazzjoni illegali
- Drogi sintetiċi
- Kutrabandu f'Kontejners ta' Merkanzija bil-Baħar
- Traffikar tal-bnedmin
- Gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata
- Ċiberkriminalità.

L-Europol organizza workshop ta' tliet ijiem fl-2011, li ġabar flimkien total ta' 164 delegat li jirrappreżentaw lil kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE, is-Segretarjat tal-Kunsill, is-CEPOL, il-Kummissjoni Ewropea, l-EMCDDA, il-Eurojust, il-Frontex u l-Interpol. Tmien gruppi ddiskutew l-oqsma prijoritarji tal-kriminalità msemmija hawn fuq, u b'hekk inġabru ideat u suġġerimenti f'daqqa sabiex issawwar pjan koerenti wieħed għall-ħidma tal-ġejjieni. Il-persunal tal-Europol ħaffef il-workshops u pprovda kontribut operattiv dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-oqsma differenti tal-kriminalità u l-firxa ta' prodotti u servizzi tal-Europol lesti sabiex jappoġġjaw lill-isforzi tal-Istati Membri biex jiġġieldu kontrihom.

Skennjar, Analiżi u Notifiki

It-Tim ta' Skennjar, Analiżi u Notifiki (SCAN - *Scanning, Analysis and Notification*) tal-Europol jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-UE bi prodott strateġiku addizzjonali għall-kriminalità organizzata (OC - *Organised Crime*): notifiki ta' twissija bikrija dwar theddid ġdid

[7] Ara l-Anness 1 għal definizzjonijiet ta' fulkru tal-kriminalità.

tal-kriminalità organizzata. Fl-2011, it-tim ipprovda erba' notifiki dwar theddid tal-OC-SCAN,[8] li koprew is-suġġetti li ġejjin:

- **Traffikar u rimi illegali ta' skart.**[9] Immexxi minn perċezzjoni ta' riskju eċċezzjonalment baxx u profitt kbir, u xprunat minn tkabbir ekonomiku u l-globalizzazzjoni, it-traffikar u r-rimi transkonfinali illegali tal-iskart sar wieħed mill-oqsma li qegħdin jikbru b'rata mgħaġġla tal-kriminalità organizzata fl-UE. Il-kriminali u l-gruppi ta' kriminalità organizzata jisfruttaw l-ispejjeż għoljin assoċjati mal-ġestjoni legali tal-iskart u qegħdin jagħmlu qligħ sostanzjali mill-attivitajiet illegali ta' traffikar u rimi, u b'hekk jaħarbu mil-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent.
- **Negozjar illegali tal-qarn misruq tar-rinoċeronti.**[10] L-intelligence tal-Europol identifikat kriminali organizzati li jinnegozjaw b'mod illegali l-qrun tar-rinoċeronti, komodità rari b'valur għoli. Misruqa minn antikwarji, ċentri ta' rkant, wirjiet tal-arti, mużewijiet, kollezzjonijiet privati u zoos, qarn ta' rinoċeront jista' jkun jiswa bejn EUR 25 000 u EUR 200 000, skont id-daqs u l-kwalità tiegħu. Il-qrun tar-rinoċeronti jintużaw għal tiżjin, biex jiġu manifatturati prodotti ta' lussu u anki f'mediċini tradizzjonali, minkejja li ntwera li huma ineffettivi.
- **Traffikar ta' speċi fil-periklu.**[11] Gruppi tal-kriminalità organizzata fl-UE qegħdin jinnegozjaw b'mod illeċitu speċijiet ta' fawna u flora selvaġġi fil-periklu għal dħul globali estremament għoli. Bl-użu ta' dokumenti foloz, annimali u għasafar eżotiċi u rari, qroll, pjanti ta' valur, ġlud tat-tigri u iktar qegħdin jiddaħħlu b'kutrabandu fl-Ewropa, spiss permezz ta' rotot użati wkoll għall-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' drogi.
- **Kummerċ li qiegħed jikber f'pestiċidi ffalsifikati.**[12] Instab kummerċ li qiegħed jikber f'pestiċidi illegali u ffalsifikati madwar l-Ewropa, organizzat minn netwerks kriminali ferm sofistikati li żviluppaw katini tal-provvista kumplessi madwar id-dinja u li jisfruttaw kumpaniji legali biex jaħbu l-attivitajiet tagħhom. Huwa stmat li iktar minn 25 fil-mija tal-pestiċidi fiċ-ċirkulazzjoni f'uħud mill-Istati Membri tal-UE joriġinaw minn dan is-suq illegali. Sustanzi kimiċi bħal dawn huma ta' periklu għas-saħħa tal-bdiewa u l-konsumaturi, u huma ta' riskju għall-ambjent naturali. Minħabba n-nuqqas ta' traċċabilità, hemm il-periklu wkoll li dawn il-pestiċidi illegali jistgħu jintużaw bħala prekursuri għal splussivi magħmulin id-dar.

Fl-2011, minbarra li pproduċa n-notifiki dwar theddid tal-kriminalità, it-tim ta' SCAN nieda s-sistema ta' kollaborazzjoni online E-SCAN,[13] li taqdi bħala punt ta' referenza għall-oqsma bħall-kriminalità ambjentali u ċ-ċiberkriminalità.

Billi ħadem ma' esperti tal-Europol, it-tim ta' SCAN żviluppa wkoll tliet profili tar-riskji għall-Presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-UE, li jappoġġjaw operazzjoni konġunta tal-pulizija minn madwar l-Ewropa kollha dwar il-kriminalità relatata mal-vetturi. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi minn 14-il pajjiż tal-UE ipparteċipaw fl-Operazzjoni EuroCar, flimkien mal-Europol, il-Frontex u l-Interpol.

2.6.3 Taħriġ fl-analiżi

L-Europol joffri kors ta' taħriġ fl-analiżi ta' ġimgħatejn imsejjaħ Taħriġ Integrat Operattiv dwar l-Analiżi. Biex jissodisfa t-talbiet li qegħdin jiżdiedu mill-Istati Membri, it-tim ta' taħriġ fl-analiżi żviluppa żewġ verżjonijiet separati tat-taħriġ - wieħed għall-analisti u l-ispeċjalisti li jaħdmu fl-Europol u wieħed li jagħti importanza lill-kunċett ta' 'Ħarreġ lill-Ħarrieġ'. Dan tal-aħħar tfassal b'mod speċifiku għal ħarrieġa potenzjali fl-Istati Membri, bil-għan li jkopri l-elementi essenzjali taċ-ċiklu ta' intelligence u li jiffoka b'mod partikolari fuq l-analiżi.

---

8 Disponibli għat-tniżżil mill-websajt tal-Europol.

9 Notifika dwar theddid prodotta fuq talba tal-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill tal-UE u kien ibbażat fuq id-data miġbura matul il-proġett Augias immexxi mill-Presidenza Belġjana.

10 Notifika dwar theddid prodotta mill-esperti tal-Europol li ħadmu f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet Irlandiżi tal-infurzar tal-liġi.

11 Notifika dwar theddid bħala riżultat ta' sforz kollaborattiv bejn l-esperti tal-Europol u dawk tal-Interpol.

12 Notifik dwar theddid prodotta wara valutazzjoni konġunta mill-esperti tal-Europol u l-Kummissjoni Ewropea.

13 E-SCAN: għall-iskennjar, l-analiżi u l-avviżi ambjentali u t-twissija bikrija.

L-Europol diġà ta sitt korsijiet lil total ta' 68 persuna mħarrġa minn 28 pajjiż differenti fl-Ewropa, kif ukoll fl-Awstralja u l-Istati Uniti. Ħafna Stati Membri użaw il-materjal, il-metodi u l-eżerċizzji mit-taħriġ tal-Europol sabiex jiżviluppaw il-korsijiet ta' analiżi operattiva tagħhom stess. Matul l-2011, korsijiet ta' taħriġ ta' analiżi finanzjarja u analiżi strateġika mfassla mill-ġdid ingħataw lill-persunal operattiv tal-Europol u lill-analisti fl-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, ġie żviluppat kors ġdid ta' analiżi tan-netwerk soċjali (SNA - *Social Network Analysis*) ta' ħamest ijiem u ngħataw ħames korsijiet bħal dawn lil 50 analist operattiv, b'iktar korsijiet ippjanati għall-2012.

Barra minn hekk, fl-2011, iktar minn 50 uffiċjal ta' kollegament tal-Europol u iktar minn 120 kollega fl-infurzar tal-liġi minn pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE attendew il-kors il-ġdid ta' tliet ijiem tal-Europol fit-Taħriġ ta' Analiżi Strateġika għall-Kapaċitajiet ta' Twissija Bikrija (SAT-EWC - *Strategic Analysis Training for Early Warning Capabilities*).

2.7 Ċentru tal-UE għall-kompetenzi fl-infurzar tal-liġi

Sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu bħala pjattaforma għal oqsma ta' speċjalisti u biex iħaffef il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-komunikazzjoni bejn il-bosta komunitajiet ta' esperti, l-Europol żviluppa l-**Pjattaforma Ewropea għall-Esperti (EPE)**. Il-viżjoni għall-EPE hija li tkun ambjent sigur għall-ispeċjalisti minn firxa ta' oqsma tal-infurzar tal-liġi, u dan jippermettilhom jikkondividu – fi ħdan il-komunitajiet rispettivi tagħhom - għarfien, l-aħjar prattiki u data mhux personali dwar delitti. Ġiet żviluppata mhux biss għall-pubblikazzjoni ta' dokumenti iżda kellha l-għan li tħeġġeġ lill-utenti awtorizzati sabiex jaħdmu flimkien online grazzi għal serje ta' għodod ta' kollaborazzjoni wkoll.

Fl-2011, l-Europol nieda l-pjattaformi online li ġejjin għall-esperti:

- Tattika Speċjali:
    - Protezzjoni tax-Xhieda
    - EuNAT (Ħtif, teħid ta' ostaġġi u estorsjoni)
    - Grupp ta' Ħidma tal-Europol dwar l-Omiċidji
- E-SCAN.
- Taħriġ Ewropew ta' Kontra l-Korruzzjoni.
- EnviCrimeNet.
- Pjattaforma Ewropea għall-Esperti dwar il-Klikek.
- Irvelli fl-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani.
- Pjattaforma Ewropea ta' Komunikazzjoni dwar l-Infurzar tal-Liġi.
- UMF2 (Format Universali ta' Messaġġi).

Qiegħed jitħejja wkoll numru ta' pjattaformi addizzjonali:

- Ċiberkriminalità (I-FOREX).
- Sfruttament sesswali ta' tfal.
- Sorveljanza Transkonfinali b'Tattika Speċjali u fornimenti kkontrollati, kif ukoll ISLE[14]
- Falsifikazzjoni ta' flus u frodi tal-karti ta' ħlas (PaySafe).
- Implimentazzjoni tal-Prüm.

Qiegħda titħejja wkoll il-migrazzjoni ta' tliet websajts ad hoc eżistenti lejn l-EPE:

- Ċentru ta' Informazzjoni dwar il-Kriminalità Finanzjarja.
- Pjattaforma ta' Komunikazzjoni Atlas lejn l-EPE għal operazzjonijiet speċjali u unitajiet ta' kontra t-terroriżmu.
- Websajt tax-Xena tad-Delitt tal-ENFSI.

2.7.1 In-Netwerk Ewropew ta' Timijiet ta' Konsulenza

In-Netwerk Ewropew ta' Timijiet ta' Konsulenza (EuNAT) jikkonsisti f'timijiet ta' konsulenza u unitajiet ta' ġestjoni tal-kriżi minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi li jipprovdu pariri strateġiċi u/jew tattiċi, koordinazzjoni u appoġġ f'investigazzjonijiet ta' ħtif, qbid ta' ostaġġi u estorsjoni.

L-EuNAT jgħaqqad b'mod permanenti lit-timijiet ta' konsulenza mal-Europol, biex jiffaċilita il-kooperazzjoni internazzjonali immedjata bħala tweġiba għal riskji ta' periklu għall-ħajja. In-netwerk jikkondividi prattiki tajbin u jiżviluppa standards f'dan il-kamp speċifiku madwar l-

[14] Infurzar tal-Liġi Internazzjonali Speċjali - il-grupp Ewropew ta' esperti ta' livell għoli dwar 'dħul mistur'.

UE. F'dan il-kuntest, attwalment l-Europol qiegħed iħejji t-traduzzjoni u t-tqassim ta' fuljett dwar strateġiji ta' prevenzjoni u dwar kif wieħed ikampa għal każijiet ta' ħtif, qbid ta' ostaġġi, estorsjoni u atti ta' vjolenza, li għandu l-għan li jgħarraf lil organizzazzjonijiet u kumpaniji li jiskjeraw persunal f'oqsma ta' riskju għoli.

2.7.2 L-aħjar prattika għall-ġestjoni ta' informanti

L-informant huwa aspett ta' importanza kruċjali fl-attivitajiet tal-pulizija. L-involviment ta' informant kmieni fil-proċess ta' ġbir ta' intelligence kriminali aktarx li jirriżulta f'eżitu tajjeb għall-investigazzjoni. Il-kwalità tal-intelligence miġbura hija direttament proporzjonali għall-kwalità tal-informant.

Il-kriminalità organizzata serja mhijiex ristretta minn fruntieri nazzjonali u b'hekk, l-informanti jistgħu jipprovdu intelligence biex jappoġġjaw l-infurzar tal-liġi f'għadd ta' pajjiżi. Is-sitwazzjoni legali attwali fi ħdan l-UE mhijiex uniformi fir-rigward tal-użu ta' informanti, għad li l-kooperazzjoni mal-informanti hija prattika komuni u mifruxa sew.

- L-Europol jikkoordina netwerk ta' esperti dwar il-ġestjoni tal-informanti jew Sors Uman Mistur ta' Intelligence (CHIS - *Covert Human Intelligence Source*), biex dawn jikkondividu l-aħjar prattiki u l-esperjenza f'dan il-qasam sensittiv.
- Nipprovdu wkoll manwal (ristrett) dwar l-użu u l-ġestjoni ta' informanti li huwa dokument żviluppat b'mod komuni u użat mill-unitajiet ta' CHIS Ewropej sabiex jiżviluppaw u jarmonizzaw kwistjonijiet assoċjati fil-pajjiżi tagħhom.
- F'kooperazzjoni mas-CEPOL,[15] l-Europol jipprovdi kors annwali ta' taħriġ dwar il-ġestjoni tal-informanti, fuq il-bażi tal-esperjenzi u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri.
- Qiegħda tiġi żviluppata pjattaforma ddedikata għall-EPE għall-unitajiet speċjalizzati fil-ġestjoni ta' informanti, li sejra tippermettilhom jikkondividu għarfien u jikkomunikaw direttament mal-kontropartijiet Ewropej tagħhom fl-infurzar tal-liġi.

2.7.3 L-aħjar prattika għal sorveljanza transkonfinali u twassil ikkontrollat

L-użu ta' sorveljanza mistura huwa wieħed mill-għodod fundamentali moderni għall-kisba ta' informazzjoni deċiżiva dwar strutturi kriminali. Madanakollu, minħabba l-għamla transnazzjonali tal-gruppi moderni tal-kriminalità organizzata, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dejjem qegħdin iħabbtu wiċċhom iktar ma' każijiet ta' osservazzjoni u sorveljanza transkonfinali li joħolqu kwistjonijiet kemm fil-livelli legali kif ukoll f'dak operattiv.

L-Europol huwa membru tal-Grupp ta' Ħidma ta' Sorveljanza Transkonfinali, li l-iskop tiegħu huwa li jħeġġeġ il-kooperazzjoni internazzjonali u jipprovdi forum għall-iżvilupp ta' tekniki ta' sorveljanza sikuri u effettivi għall-infurzar tal-liġi.

Għodda investigattiva ewlenija oħra hija l-iskjerament u l-użu operattiv sistematiku ta' metodi ta' sorveljanza mistura flimkien ma' fornimenti kkontrollati. Hemm disponibbli ġabra fuq CD-ROM tal-leġiżlazzjoni differenti tal-Istati Membri dwar il-fornimenti kkontrollati sabiex l-esperti jiġu mgħarrfa dwar il-problemi li jistgħu jseħħu fil-kooperazzjoni transkonfinali.

[15] Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL - *European Police College*).

2.7.4 L-aħjar prattika għall-protezzjoni tax-xhieda

Il-protezzjoni tax-xhieda hija waħda mis-sisien fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u n-netwerk ta' protezzjoni tax-xhieda tal-Europol huwa l-ikbar wieħed fid-dinja. Is-servizzi tal-Europol fil-protezzjoni tax-xhieda jinkludu:

- L-armonizzazzjoni tal-programmi nazzjonali differenti
- L-iżvilupp ta' unitajiet u programmi ġodda għall-protezzjoni tax-xhieda
- L-istandardizzazzjoni tal-proċessi bħar-rilokazzjoni tax-xhieda
- L-edukazzjoni għall-uffiċjali tal-protezzjoni tax-xhieda, inkluż l-għoti ta' kors uniku tal-edukazzjoni għolja ta' ġimgħatajn, li beda fl-2011.

2.7.5 Grupp ta' Ħidma tal-Europol dwar l-Omiċidji (EHWG)

Il-Grupp ta' Ħidma tal-Europol dwar l-Omiċidji (EHWG - *Europol Homicide Working Group*) għandu l-għan li jikkondividi għarfien espert dwar l-investigazzjoni kriminali u l-aspetti forensiċi ta' omiċidju. L-enfasi tinxteħet fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi dwar dan is-suġġett u tkopri qtil relatat mal-kriminalità organizzata, qtil simili ripetut, omiċidju jew qtil transnazzjonali li jinvolvu modi operandi speċifiċi, bħal qtil għall-unur jew dawk b'rabtiet etniċi, kulturali jew reliġjużi.

Ippresedut mill-Pulizija Metropolitana tar-Renju Unit, l-EHWG huwa l-awtorità esperta dwar kwistjonijiet relatati mal-omiċidji transkonfinali u joffri appoġġ lill-investigaturi Ewropej dwar l-omiċidi billi:

- Jipprovdi forum għad-diskussjoni u l-iżvilupp ta' għarfien tal-ispeċjalisti dwar il-proċeduri ta' investigazzjoni kif ukoll metodi tekniċi u forensiċi relatati mal-qtil minn gruppi tal-kriminalità organizzata, qtil simili ripetut jew omiċidju transnazzjonali
- Iħaffef u jħeġġeġ il-kooperazzjoni internazzjonali, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattika u jiżgura relazzjoni tax-xogħol mill-qrib mal-Europol, il-Eurojust u l-Interpol f'dan il-qasam
- Jirriċerka u janalizza intelligence u informazzjoni strateġika dwar omiċidji transkonfinali għall-identifikazzjoni ta' xejriet ġodda jew l-iżvilupp ta' prattiki ġodda u għodod investigattivi jew forensiċi
- Jaġixxi bħala sors ta' pariri għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar l-aspetti investigattivi, forensiċi jew ġudizzjarji relatati mal-investigazzjoni ta' omiċidji transnazzjonali.

Bħala parti mir-rwol ta' sostenn tiegħu, l-Europol sejjer jospita l-Konferenza tal-2012 tal-Uffiċjali Superjuri ta' Investigazzjoni dwar l-Omiċidji, f'kooperazzjoni mas-CEPOL. Barra minn hekk, f'ħidma mal-Università Christ Church tar-Renju Unit f'Canterbury, l-Europol qiegħed jiġbor dettalji dwar il-prattiki nazzjonali f'investigazzjonijiet ta' omiċidji, bil-għan potenzjali li jipproduċi manwal Ewropew dwar is-suġġett.

2.8 Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data

L-Europol għandu wieħed mill-iktar reġimi ta' protezzjoni tad-data robusti fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. L-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data (DPO - *Data Protection Officer*) tal-Europol jiżgura li hemm konformità, b'mod indipendenti, fi ħdan il-qafas ta' protezzjoni tad-data, inkluż l-ipproċessar ta' data relatata mal-persunal tal-Europol. Il-kompitu ewlieni ta' xogħlu huwa li jissorvelja qafas legali mfassal b'mod speċifiku li jaqdi l-ħtiġijiet tal-unitajiet operattivi u, fl-istess ħin, jipproteġi d-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data. Barra minn hekk, id-DPO jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt ewlieni mal-Korp ta' Sorveljanza Konġunta (JSB - *Joint Supervisory Body*) u jassisti fl-ispezzjonijiet tagħhom.

Il-qafas għall-attivitajiet ta' awditjar huwa definit fil-Politika ta' Awditjar tal-Protezzjoni tad-Data tal-Europol. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest, id-DPO stabbilixxa 'Politika dawr il-Kontroll ta' Sejbiet' li tipprovdi dettalji dwar mekkaniżmi ta' kontroll għal-legalità tas-sejbiet ta' data personali mis-sistemi tal-Europol. Kif intalab fl-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol (ECD - *Europol Council Decision*), il-politika tiddefinixxi rekwiżiti preċiżi għal-logs ta' awditjar u r-rekords għall-verifika tal-protezzjoni tad-data. Fuq il-bażi ta' dawk il-politiki, id-DPO wettaq verifiki u ħejja rapporti rilevanti għall-EIS, fajls ta' ħidma ta' analiżi (AWFs) u sistemi oħrajn li jipproċessaw data personali.

Matul is-sena l-oħra, id-DPO pparteċipa fil-proġetti importanti kollha li involvew l-ipproċessar ta' data personali billi abbozza r-rekwiżiti ta' protezzjoni tad-data u/jew il-kooperazzjoni ta' koordinazzjoni mal-JSB kull meta kien hemm bżonn. Matul l-2011, wieħed mill-proġetti l-aktar importanti kien l-iżvilupp ta' kunċett ġdid ta' fajl ta' ħidma ta' analiżi (AWF).

Id-DPO kompla jħejji rapporti dwar il-protezzjoni tad-data għall-partijiet terzi li magħhom l-Europol beħsiebu jikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni operattiva. L-Europol għamel ukoll żewġ żjariet dwar il-protezzjoni tad-data (l-Albanija, is-Serbja) biex jiċċekkja l-prattika amministrattiva fil-pajjiżi kandidati.

Għal data relatata mal-persunal, id-DPO ffoka fuq l-operazzjonijiet ta' pproċessar li aktarx li jippreżentaw riskji speċifiċi fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persunal, b'mod partikolari għal kwistjonijiet dwar il-persunal u s-sigurtà. Id-DPO appoġġja lill-unitajiet tal-Europol fl-abbozzar tan-notifiki dwar il-protezzjoni tad-data u, is-sena l-oħra, ta attenzjoni partikolari għas-sistemi tas-sigurtà tal-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-Europol. Barra minn hekk, id-DPO kompla jinnotifika lill-JSB dwar l-operazzjonijiet ta' pproċessar li huma soġġetti għal verifiki minn qabel minnhom.

Kif previst mid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol (ECD), l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data ppreżenta r-rapport annwali tiegħu lill-Bord ta' Amministrazzjoni u l-Korp ta' Sorveljanza Konġunta.

3. Attivitajiet operattivi tal-Europol

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Europol huwa li jipprovdi lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE b'appoġġ operattiv 24/7. L-appoġġ huwa pprovdut f'oqsma mandati[16] u anki f'dawk li jolqtu bosta oqsma kriminali.

L-appoġġ operattiv jista' jiġi estiż permezz tal-iskjerament tal-uffiċċju mobbli tal-Europol, b'analisti u esperti ddedikati, biex jagħtu assistenza fuq il-post fl-Istati Membri.

Uffiċċju mobbli tal-Europol

Konnessjoni live mad-databases u l-pjattaformi ċentralizzati tal-Europol għall-esperti

L-Europol żviluppa soluzzjoni b'saħħitha ta' uffiċċju mobbli li tippermetti sabiex l-uffiċjali tal-Europol jagħmlu aċċess għall-firxa sħiħa ta' għodod ta' sejbien u analiżi ta' informazzjoni minn kwalunkwe post remot, bl-użu tal-ogħħla standards tas-sigurtà.

L-uffiċċju mobbli tal-Europol ġie **skjerat 84 darba fl-2011** biex jappoġġja lill-kollegi mill-UE tal-infurzar tal-liġi - żieda ta' iktar minn 150% fuq l-2010 (31 darba).

L-Europol għandu rwol vitali fl-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-Kriminalità Internazzjonali Organizzata u Serja. Dan iċ-ċiklu multiannwali għandu l-għan li jindirizza l-perikli l-aktar kriminali importanti għall-UE b'mod koerenti.

L-Europol ħejja l-OCTA 2011, li fuq il-bażi tagħha ġew identifikati tmien prijoritajiet strateġiċi mill-Kunsill. Wara t-twaqqif tal-għanijiet strateġiċi għal kull waħda mill-prijoritajiet, l-Europol ospita workshop biex jiżviluppa Pjanijiet ta' Azzjoni Operattiva, li jittrasformaw l-objettivi politiċi f'azzjonijiet operattivi konkreti. L-Europol huwa fdat bl-Unità ta' Appoġġ EMPACT [Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali - *European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats*] li tappoġġja u tissorvelja l-proġetti kollha tal-EMPACT.[17]

L-Europol kkontribwixxa b'mod konġunt mal-Frontex u l-Eurojust għall-ewwel reviżjoni annwali tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Interna (ISS) ippreżentata f'Novembru 2011.

L-2011 f'ċifri

- L-Europol uża l-kapaċitajiet ta' informazzjoni u l-kompetenzi operattivi tiegħu biex jappoġġja lill-awtoritajiet fl-Istati Membri tal-UE fi 13 697 każ transkonfinali - żieda ta' 17% fuq l-2010
- Biex jappoġġja l-investigazzjonijiet tal-Istati Membri, l-Europol ipproduċa:
    - 716-il notifika ta' taqbil
    - 984 rapport ta' kontroreferenza
    - 376 prodott tal-għarfien

[16] Kif dettaljat fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (2009/371/ĠAI).

[17] EMPACT (Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali), l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet (pubbliċi u privati) li jindirizzaw periklu pan-Ewropew jew reġjonali tal-kriminalità internazzjonali u organizzata serja li ngħata prijorità mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Serja u Organizzata (mill-2013 'l hemm). Dan sar permezz ta' Pjan Strateġiku Multiannwali jew għan strateġiku żviluppat minn grupp ta' esperti ad hoc tal-atturi msemmija li elaboraw soluzzjonijiet immirati lejn il-problemi sabiex jindirizzaw b'mod effettiv il-periklu prijoritizzat.


- 340 rapport ta' analiżi operattiva.

In-numru għal kull tip ta' servizz ta' appoġġ operattiv lill-investigazzjonijiet tal-Istati Membru huwa muri fit-Tabella 1 ta' hawn taħt. F'ħafna mill-oqsma, ġew irreġistrati żidiet kbar fl-għoti ta' dawn is-servizzi meta mqabbla fl-2011 mas-sena ta' qabel. Dan jikkonferma xejra ġenerali ispirata mill-Istrateġija tal-Europol sabiex jikkonċentra fuq l-attività u l-impatt operattiv.

Tabella 1: Tip ta' appoġġ operattiv pprovdut lill-Istati Membri fl-2011


Tip ta' appoġġ operattiv (numru ta' drabi pprovdut)	Total 2011	Total 2010
Appoġġ forensiku/tekniku	594	543
Appoġġ finanzjarju għal laqgħat operattivi	142	60
Appoġġ finanzjarju għal investigazzjonijiet (falsifikazzjoni tal-euro)	28	35
Laqgħat operattivi/ta' koordinazzjoni ospitati	214	56
Uffiċċju mobbli (analiżi fuq il-post)	84	31
Għad-dispożizzjoni 24/7	26	-

Tabella 2: Perċentwal ta' operazzjonijiet appoġġjati mill-Europol fl-2011 skont il-qasam tal-kriminalità



Perċentwal	Percentage	Qasam tal-kriminalità	Crime area
Kannabis	Cannabis	Klikek ta' motoċiklisti illegali	Outlaw Motorcycle Gangs
Check the Web	Check the Web	Frodi b'Negozjant Nieqes	Missing Trader Fraud
Checkpoint	Checkpoint	Ċentru Op.	Op. Centre
OCGs Etniċi Albaniżi	Ethnic Albanian OCG	THB	THB
Kokaina	Cocaine	Kutrabandu ta' Tabakk	Tobacco Smuggline
PR Intellettwali	Intellectual PR	Falsif. tal-Euro	Euro Count.
Ċiberkriminalità	Cybercrime	Ħasil tal-flus	Money Laundering
Terroriżmu	Terrorism	Drogi Sintetiċi	Synthetic Drugs
OC mil-Lvant tal-Ewropa	Eastern European OC	Frodi tal-Karti ta' Ħlas	Payment Card Fraud
Delitti tal-Proprjetà	Property Crime	Sfruttament Sesswali ta' Tfal	Child Sexual Exploitation
Eroina	Heroin		
Piraterija Marittima	Maritime Piracy		

Tabella 3: Perċentwal ta' operazzjonijiet appoġġjati mill-Europol fl-2011 skont kull Stat Membru



perċentwal	**percentage**
SM	**MS**

Stħarriġ dwar is-sodisfazzjoni

Fl-2011, l-Europol reġa' talab feedback dirett mill-investigaturi ewlenin li l-operazzjonijiet tagħhom ġew appoġġjati mill-Europol. Il-feedback minn dan il-proċess wera li l-prodotti ta' analiżi tal-Europol kienu ta' valur. Il-kummenti inkludew:

"Ir-rapporti ta' intelligence kienu fantastiċi – kemm il-kontenuti kif ukoll il-formats kienu eċċellenti."

"… ir-rapporti ta' analiżi diġà huma tajbin ħafna fir-rigward tat-twaqqif u l-kompletezza. L-istruttura u l-kontenuti tar-rapporti ppermettew fehim u użu faċli mill-investigaturi."

Dawk li wieġbu rraportaw ukoll li l-kwalità tal-kompetenzi u l-pariri mogħtija mill-Europol kienu ta' valur ukoll u li kienu sodisfatti bit-tipi differenti ta' assistenza operattiva pprovduta, inklużi analiżi teknika u forensika, appoġġ finanzjarju għall-investigazzjonijiet, u kompetenzi pprovduta fl-oqsma ta' drogi sintetiċi u ċ-ċiberkriminalità.

Il-faċilitajiet tal-Europol fl-Aja, il-jiem ta' azzjoni, l-appoġġ finanzjarju għall-attendenza tal-laqgħat operattivi u l-analiżi fuq il-post ingħataw riżultati tajbin ukoll. Il-kummenti mill-investigaturi li rċivew l-istħarriġ identifikaw b'mod ċar li l-komunikazzjoni, il-koordinazzjoni u l-analiżi operattiva kienu l-iktar servizzi apprezzati tal-Europol.

"L-appoġġ tekniku kien ferm apprezzat mill-investigaturi f'Lille - dan ippermettilhom jiffrankaw ħin u sforzi żejda. Ir-rapporti tekniċi prodotti mill-ispeċjalisti tal-Europol kienu użati b'mod dirett u minnufih mill-investigaturi meta interrogaw lis-suspettati."

"L-assistenza teknika pprovduta kienet ferm tajba u kienet fattur ewlieni fl-identifikazzjoni ta' iktar minn 69 000 persuna ssuspettata tal-websajt. Ta' min jinnota wkoll il-mod effettiv li bih l-Europol irnexxilu jqasssam riferimenti lill-pajjiżi membri."

"Nemmen li l-assistenza minn esperti mogħtija mill-Europol matul l-analiżi teknika tal-istamperiji sejrin ikunu ta' valur importanti meta jiġu mixlija nies arrestati."

Dawk li wieġbu taw suġġerimenti biex isir xi titjib fl-appoġġ tal-analiżi u operazzjonali, inklużi rapporti analitiċi iktar fil-ħin u l-involviment tal-Europol f'fażi iktar bikrija tal-investigazzjonijiet.

Tabella 4: Stħarriġ tas-sodisfazzjoni tal-investigaturi ewlenin tal-2011

Tip ta' appoġġ operattiv pprovdut	Punteġġ medju (minn 10)
Oħrajn: "Sinerġija tal-AWF fil-qasam ta' kompetenzi fit-tagħmir" "barra l-ħiliet professjonali tagħhom, nixtieq nisħaq fuq id-disponibilità tal-kollegi tal-Europol li attendew il-jum ta' azzjoni fi Franza" "il-membri tal-AWF Twins fil-każ. Kienu f'kuntatt permanenti mal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi inkarigati mill-investigazzjonijiet"	9.5
Analiżi teknika/forensika (eż. karti tal-kreditu)	9.1
Investigazzjoni teknika fuq materja prima u strumenti (falsifikazzjoni ta' flus)	9.0
Appoġġ finanzjarju għal investigazzjonijiet (euro)	9.0
L-użu ta' **faċilitajiet tal-Europol** fl-Aja	8.8
Jiem ta' azzjoni (koordinazzjoni mill-Europol)	8.8
Appoġġ finanzjarju biex wieħed jattendi laqgħat operattivi	8.5
Analiżi fuq il-post	8.2

Assistenza fiż-żarmar ta' laboratorji illeċiti	8.0
Assistenza fiż-żarmar ta' zekek ta' flus foloz	6.0

3.1 Drogi

Il-fenomenu tad-drogi huwa ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini tal-Ewropa minħabba l-impatt tiegħu fuq is-saħħa u s-sikurezza kemm kollettivi kif ukoll individwali. Il-ġlieda kontra l-kriminalità relatata mad-drogi ilha prijorità għall-Europol sa mill-bidu nett. Fl-2011, iktar minn kwart tal-operazzjonijiet appoġġjati mill-Europol kienu relatati mad-drogi.

3.1.1 Drogi sintetiċi

L-Unjoni Ewropea għadha reġjun sinifikanti għall-produzzjoni ta' drogi sintetiċi b'mod illeċitu, partikolarment l-anfetamina u l-ekstasi. Kull sena, jiġu identifikati u żarmati madwar 60 sa 90 sit ta' produzzjoni fuq skala kbira.

Is-siti ta' ħżin għal sustanzi kimiċi prekursuri potenzjalment perikoluży użati fil-proċess ta' manifattura tad-drogi wkoll spiss jinstabu matul l-investigazzjonijiet fl-Istati Membri. Dawn is-sustanzi kimiċi prekursuri jiddaħħlu b'mod illegali mill-Asja jew jiġu awtoprodotti fl-UE.

Filwaqt li l-produzzjoni tal-anfetamina għadu stabbli iżda għoli, il-manifattura tal-ekstasi fl-UE żdied fl-2011, wara tnaqqis sinifikanti fis-snin ta' qabel. Xejra emerġenti fl-UE hija l-firxa rapida ta' sustanzi psikoattivi ġodda. Ir-rapport konġunt[18] ippubblikat fl-2011 mill-Europol u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA - *European Monitoring Centre for Drugs and Drug Addiction*) jagħti dettalji dwar kif liż-żewġ aġenziji ġie notifikat b'mod uffiċjali total ta' 41 sustanza psikoattiva ġdida. Dan jirrappreżenta l-ikbar numru ta' sustanzi kimiċi li qatt ġie rraportat f'sena waħda u jinkludi kannabinojdi sintetiċi, katinoni sintetiċi u derivati sintetiċi ta' drogi oħrajn stabbiliti sew.

L-appoġġ operattiv tal-Europol jinkludi l-koordinazzjoni u l-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali dwar drogi kif ukoll assistenza fuq il-post lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-UE matul iż-żarmar sigur tal-faċilitajiet ta' produzzjoni tad-drogi illeċiti u l-ġbir tal-provi meħtieġa. L-Europol iwettaq ukoll investigazzjonijiet tekniċi fuq tagħmir personalizzat u industrijali sekwestrat minn unitajiet ta' produzzjoni u ħżin ta' drogi.

Is-**Sistema tal-Europol tat-Tqabbil ta' Laboratorji Illeċiti (EILCS)** tinvolvi informazzjoni fotografika u teknika dettaljata dwar is-siti ta' produzzjoni, ħżin u rimi ta' drogi sintetiċi. Dan jippermetti l-identifikazzjoni ta' taqbiliet bejn tagħmir, materjali u sustanzi kimiċi sekwestrati. Barra minn hekk, is-**Sistema tal-Europol għad-Drogi Sintetiċi (ESDS)** tinkludi l-informazzjoni dwar il-modus operandi u sekwestri sinifikanti. Dan jippermetti l-identifikazzjoni ta' taqbiliet bejn sekwestri u jgħin biex jinħareġ profil dwar gruppi kriminali u sabiex dawn jitqiegħdu fil-mira.

[18] Rapport Annwali EMCDDA-Europol 2010 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI (…) dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda.

Operazzjoni De-Bads

Qasam kriminali ewlieni Produzzjoni u traffikar ta' ekstasi, anfetamina, kannabis u kokaina

Pajjiżi parteċipanti Il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi

Kontribut tal-Europol

- Organizza laqgħat operattivi biex tiġi skambjata informazzjoni
- L-analisti tal-Europol ipproduċew tmien rapporti analitiċi li identifikaw links operattivi

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Il-Pulizija Belġjana[19] fetħet investigazzjoni fuq grupp kriminali Belġjan-Olandiż li kien ferm attiv fil-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi sintetiċi.

Wara li l-pulizija ssekwestrat 62 kg anfetamina fiż-żona ta' Ghent fil-Belġju, deher biċ-ċar li dawk id-drogi kienu ddestinati għal klikka lokali ta' motoċiklisti tal-kriminalità organizzata. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Pulizija Olandiża,[20] iż-żewġ korpi komplew sabiex jidentifikaw sit ta' produzzjoni possibbli f'Tilburg, fil-Pajjiżi l-Baxxi. Bħala riżultat ta' din il-kooperazzjoni, saru arresti u ġew sekwestrati kwantitajiet sostanzjali ta' drogi.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Saru 12-il arrest: 9 fil-Belġju u 3 fil-Pajjiżi l-Baxxi għal estradizzjoni lejn il-Belġju
- Djar perkwiżiti fil-Belġju u nstabu 36 kg anfetamina
- Għaxart idjar oħra perkwiżiti rriżultaw fiż-żarmar u s-sekwestru ta' żewġ postijiet ta' kultivazzjoni tal-kannabis, 1 kg anfetamina, 100 pillola ekstasi u 5 litri żejt tal-anfetamina
- Il-Pulizija Olandiża ssekwestrat nofs kilo kokaina, 30 kg pilloli ekstasi (150 000 pillola), 5 kg trab tal-ekstasi u 720 litru sustanzi kimiċi għall-produzzjoni tal-pilloli ekstasi.

3.1.2 Kokaina

Wara l-kannabis, il-kokaina hija t-tieni s-sustanza l-aktar illeċita użata b'mod komuni fl-Ewropa. Madwar erba' miljun Ewropew huma rraportati li użaw il-kokaina s-sena l-oħra[21] u huwa stmat li madwar 14.5 miljun adult (etajiet ta' bejn 15 u 64 sena) użaw kokaina f'ħajjithom. Dan jirrifletti l-flussi tat-traffikar u l-flussi tal-użu tal-kokaina li qegħdin jikbru b'rata mgħaġġla fl-Ewropa. Wara l-Istati Uniti, l-Unjoni Ewropea għadha t-tieni l-ikbar konsumatur tal-kokaina fid-dinja.

Il-pajjiżi sors ewlieni għall-kokaina huma l-Kolombja, il-Perù u l-Bolivja. Spanja u l-Portugal huma l-punti prinċipali ta' dħul fl-UE għad-droga flimkien ma' pajjiżi oħrajn tal-Punent tal-Ewropa, madanakollu, ammont dejjem ikbar qiegħed jidħol fl-UE permezz tal-Balkani tal-Punent u l-Ewropa tax-Xlokk. L-Afrika tal-Punent tintuża bħala reġjun ta' transdispaċċ u ħżin għall-kokaina Latino-Amerikana fi triqtha lejn l-Ewropa.

Madanakollu, mhumiex biss in-netwerks kriminali Ewropej li qegħdin jittraffikaw kokaina fl-UE. Gruppi kriminali mill-Kolombja (inklużi l-FARC), ir-Repubblika Dominikana, l-Afrika tal-Punent, il-Balkani tal-Punent, il-Messiku, ir-Russja u dik li kienet l-Unjoni Sovjetika (eż. l-Ukraina, il-Ġeorġja u l-Moldova) huma attivi wkoll.

[19] Il-Pulizija Ġudizzjarja Federali Belġjana ta' Dendermonde.
[20] Nationale Recherche tal-Pulizija Olandiża.
[21] Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), Rapport Annwali 2011, Il-Qagħda tal-Problema tad-Droga fl-Ewropa (*The State of the Drugs Problem in Europe*).

Fl-Europol, netwerks tal-kriminalità organizzata relatati mal-kokaina nxteħtu taħt proġett iddedikat li l-attivitajiet tiegħu jinkludu:

- Il-forniment ta' servizz ċentralizzat għall-ipproċessar u l-analiżi veloċi u effiċjenti ta' data relatata man-netwerks kriminali ta' traffikar ta' kokaina
- It-tqassim ta' rapporti analitiċi biex jappoġġja lill-investigazzjonijiet kontinwi tal-Istati Membri, li wasslu għall-arrest ta' persuni li kien ilhom fil-mira u s-sekwestru ta' tunnellati ta' kokaina
- L-identifikazzjoni ta' possibilitajiet għat-twaqqif ta' Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta, operazzjonijiet komuni u investigazzjonijiet paralleli, li jippermettu kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi madwar l-Ewropa
- L-għoti ta' informazzjoni tattika u strateġika lill-Istati Membri dwar suspetti ewlenin u l-assoċjati tagħhom
- Ir-rintraċċar tal-flussi ta' flus li joriġinaw mit-traffikar ta' kokaina u jassisti lill-Istati Membri fl-iffriżar u s-sekwestru ta' dawn il-proċeduri illegali, jgħin idgħajjef il-pożizzjoni tal-gruppi kriminali li jipproduċu u jittraffikaw kokaina
- Il-bidu u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni operattiva u strateġika kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE, b'enfasi fuq it-tkissir tan-netwerks kriminali.

Fi ħdan dan il-proġett iddedikat, l-Europol imexxi s-**Sistema tal-Europol ta' Logo tal-Kokaina** li tikkonsisti f'databases ta' Logos tal-Kokaina, *Punch* tal-Kokaina u ta' Mezzi Speċifiċi ta' Ħabi.

Operazzjoni Aigle 35/Vortice Due

Qasam kriminali ewlieni Traffikar tal-kokaina

Pajjiżi parteċipanti Il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi

Kontribut tal-Europol

- Ħaffef l-organizzazzjoni tal-laqgħat operattivi
- Ikkoordina numru ta' operazzjonijiet tal-pulizija
- Ġabar kwantitajiet kbar ta' data u intelligence
- Appoġġja t-timijiet ta' investigazzjoni rilevanti fl-Istati Membri b'għadd ta' rapporti ta' intelligence
- F'numru ta' każijiet, l-identifikazzjoni korretta tas-suspettati ewlenin kienet ibbażata fuq intelligence tal-Europol.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-Europol u l-Eurojust appoġġjaw miżuri biex jitressqu l-qorti kważi 100 traffikant tal-kokaina li jitkellmu bl-Albaniż li kienu attivi f'ħames pajjiżi tal-UE.

L-investigazzjoni Taljana, li inizjalment iffokat fuq ġgajtiet tal-Camorra u 'familji tal-Ndrangheta', ġiet orjentata mill-ġdid lejn gruppi kriminali li jitkellmu bl-Albaniż. L-attività wasslet għall-identifikazzjoni u r-riferiment ta' 76 persuna ssuspettata lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali. 40 minnhom ġew arrestati filwaqt li uħud baqgħu barra. Barra minn hekk, erba' kriminali Albaniżi ewlenin inqabdu fl-Italja u l-Belġju, b'rabta ma' traffikar tal-kokaina. Il-kriminali ewlenin arrestati finalment ingħataw piena qawwija fl-2011.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Iż-żarmar ta' netwerk importanti ta' kriminali li fil-parti l-kbira tagħhom jitkellmu bl-Albaniż involuti fit-traffikar tal-kokaina
- Bħala parti mill-investigazzjoni Taljana, 40 ġew arrestati, u ġew sekwestrati 6 kg eroina, 2.5 kg kokaina u bosta sustanzi għat-tqattigħ, materjali ta' ppakkjar u tagħmir
- Inqabdu erba' kriminali Albaniżi ewlenin fl-Italja u l-Belġju, b'rabta ma' traffikar tal-kokaina
- Il-pulizija Franċiża arrestat 22 persuna ssuspettata li jitkellmu bl-Albaniż, u ġew sekwestrati 3.2 kg eroina u EUR 127 000 fi flus.
- L-investigazzjoni Olandiża wasslet għall-konfiska ta' 20 kg kannabis u s-sekwestru ta' armi u armi tan-nar
- Fil-Ġermanja, ġew investigati 7 persuni, bi 3 detenuti.
- L-investigazzjoni fil-Belġju wasslet għall-arrest ta' 3 persuni u s-sekwestru ta' 30 kg kannabis, aġenti għat-tqattigħ tad-droga, materjali ta' ppakkjar u tagħmir.

Operazzjoni Salonica

Qasam kriminali ewlieni Produzzjoni u traffikar ta' kokaina u kannabis

Pajjiżi parteċipanti L-Albanija, l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, Spanja

Kontribut tal-Europol

- Appoġġ analitiku koordinat għall-operazzjoni
- Ħaffef l-organizzazzjoni tal-laqgħat operattivi
- Ġabar dejta u intelligence għall-analiżi operattiva
- L-Europol ħaffef l-operazzjoni ta' monitoraġġ internazzjonali biex jiġi segwit it-trakk li ġarr il-konsenja ġewwa l-Ewropa u finalment lejn l-Albanija, fejn ġew interċettati d-drogi.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Din l-operazzjoni tal-pulizija internazzjonali rriżultat fiż-żarmar ta' organizzazzjoni kriminali magħmula minn ċittadini Spanjoli, Marokkini u Albaniżi li kienu qegħdin jimportaw u jqassmu konsenji kbar ta' kokaina Kolombjana u ħaxixa Marokkina fl-Ewropa. In-netwerk kriminali ħadem ma' cartel tad-drogi biex jikseb kokaina fuq skala industrijali u kellu infrastruttura ta' distribuzzjoni tad-drogi f'bosta pajjiżi Ewropej.

Konsenja enormi ta' kokaina, dilwita fi 13-il tunnellata ta' żejt tal-palm kienet intbagħtet mill-Kolombja, lejn Antwerp fil-Belġju, u finalment ġiet issekwestrata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Albanija.

Il-grupp kriminali kellu negozju wkoll f'bosta narkotiċi oħrajn. Fergħa minnhom tal-organizzazzjoni kienet tkabbar il-kannabis, oħra kienet torganizza l-provvista tal-ħaxixa minn sorsi differenti. Il-grupp kien jittrasporta wkoll ħaxixa minn Spanja lejn l-Italja u l-Pajjiżi l-Baxxi permezz ta' trasport kummerċjali fit-toroq, moħbija f'kabini ta' trakkijiet.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Ġew issekwestrati kważi tunnellata kokaina u 160 kg ħaxixa
- Ġie żarmat netwerk internazzjonali kriminali tad-drogi, wara 22 arrest inklużi xi persuni importanti

- Il-grupp kriminali fl-Albanija, inkarigat mill-ipproċessar taż-żejt tal-palm biex minnu joħroġ il-kokaina dilwita ġie żarmat ukoll.

3.1.3 Eroina

L-Unjoni Ewropea għandha wkoll suq sinifikanti għal-loppji. Għalkemm id-domanda u l-provvista ta' loppji, speċjalment l-eroina, huma relattivament żgħar meta mqabbla ma' drogi illeċiti oħrajn bħall-kannabis u drogi sintetiċi, il-problemi soċjali, ekonomiċi u tas-saħħa assoċjati mal-użu tagħhom huma enormi. Għaldaqstant, huma meqjusa periklu kbir għas-sigurtà u s-saħħa tas-soċjetà Ewropea.

Il-kummerċ dinji tal-eroina huwa ddominat minn kultivazzjoni u produzzjoni kbar fl-Afganistan, li għadu s-sors primarju assolut tal-eroina fl-UE. Ħafna minn din l-eroina toħroġ mill-Afganistan permezz tal-konfini mal-Pakistan u l-Iran, li joffru l-iqsar u l-iktar rotot diretti.

Filwaqt li hemm żieda fit-traffikar dirett lejn xi pajjiżi Ewropej bl-ajru mill-Pakistan, ammonti kbar ta' eroina waslu wkoll bil-baħar, wara waqfiet fil-portijiet ta' transitu fl-Afrika. Hemm sinjali ċari li, f'dawn l-aħħar snin, l-Afrika saret fulkru kbir għat-traffikar tal-eroina lejn l-Ewropa, bla dubju sabiex jiġu evitati l-fruntieri li huma ssorveljati u kkontrollati b'mod ħafna iktar estensiv tul ir-rotot ta' traffikar tradizzjonali.

Mill-Iran, l-eroina tiddaħħal fit-Turkija u tilħaq l-Ewropa billi tgħaddi mir-rotot hekk imsejħa Balkani, li joffru netwerk ta' possibiltaijiet infiniti ta' kutrabandu minn ġewwa r-reġjun. Filwaqt li hemm diversifikazzjoni li qiegħda tikber ta' xejriet ta' traffikar fl-Ewropa minħabba żviluppi reġjonali fil-politika, l-infrastruttura u l-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi, is-sitwazzjoni għadha dik li r-rotta tal-Balkani hija l-kanal ta' trasport favorit. Huwa stmat li f'sena, madwar 100 tunnellata eroina huma ttrasportati minn ġewwa l-Balkani, u 85 tunnellata minnhom eventwalment jirnexxilhom jidħlu fl-iktar suq li jħalli qligħ - l-Ewropa tal-Punent.

Fl-2011, l-Europol kien involut f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' appoġġ operattiv marbutin mal-kummerċ fl-eroina, li jinvolvu l-iktar traffikanti mill-UE, mit-Turkija, mill-Afrika tal-Punent u mill-Pakistan. In-netwerks kriminali involuti fit-traffikar tas-sustanza kimika fundamentali li hija prekursur tal-eroina - anidride aċetika - lejn l-Afganistan kienu prijorità wkoll.

Għad li t-traffikar tal-eroina huwa l-enfasi ewlieni assolut tal-isforzi tal-Europol, mingħajr anidride aċetika huwa ferm diffiċli li wieħed jimmanifatturaha, għaldaqstant, din hija ferm imfittxija mit-traffikanti li jippruvaw jiksbu kwantitajiet kbar minn kumpaniji kummerċjali leġittimi ta' sustanzi kimiċi, inklużi dawk ibbażati fl-UE. L-Europol kien involut f'bosta każijiet ta' profil għoli ta' traffikar ta' anidride aċetika s-sena l-oħra, fejn ġew sekwestrati iktar minn 30 tunnellata, aktarx iddestinati li jintużaw fil-manifattura tal-eroina fl-Afganistan. Is-sustanza kimika, li hija soġġetta għal kontroll regolatorju internazzjonali, tista' tinxtara fil-livell tal-operaturi għal $1 il-litru, filwaqt li fil-partijiet t'isfel tal-Afganistan, din tista' tkun tiswa sa 400 darba l-prezz fis-suq illegali.

Sottoproġett Watani

Qasam kriminali ewlieni Produzzjoni illeċita ta' eroina

Pajjiżi parteċipanti L-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, id-DEA tal-Istati Uniti[22]

Kontribut tal-Europol

- Beda u mexxa bosta laqgħat operattivi b'suċċess biex jiġu kkoordinati l-investigazzjonijiet kontinwi u biex tiġi skambjata informazzjoni, f'kooperazzjoni mal-Eurojust u d-DEA tal-Istati Uniti
- Ipprovda kompetenzi, speċjalment fl-oqsma ta' kooperazzjoni operattiva u l-iżvilupp ta' data kriminali
- L-esperti tal-Europol assistew fl-investigazzjonijiet tal-Istati Membri permezz tal-analiżi ta' data dwar il-każijiet u fl-identifikazzjoni ta' links operattivi.

Kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjonijiet

Dan il-grupp tal-kriminalità organizzata ilu involut fit-traffikar ta' ammonti sinifikanti ta' sustanza kimika kritika li hija prekursur tal-eroina. L-investigazzjonijiet sa issa wasslu għal erba' sekwestri kkoordinati ta' anidride aċetika, inkluż sekwestru wieħed barra l-UE .

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Ġie żarmat Netwerk kbir tal-kriminalità organizzata li kien ferm involut fit-traffikar ta' anidride aċetika ġewwa u barra l-UE
- Sa issa ġew sekwestrati iktar minn 30 tunnellata ta' dan il-prekursur fundamentali, li huma ferm sinifikanti f'termini ta' kwantità ta' eroina li setgħet tiġi pproċessata bis-sustanza kimika.

3.1.4 Kannabis

Fuq livell globali, il-kannabis hija l-iktar droga prevalenti fl-UE f'termini ta' produzzjoni, traffikar u konsum fil-bosta forom tagħha, bħall-kannabis erbali (marijuana), reżina tal-kannabis (ħaxixa) u żejt tal-kannabis. L-UE hija konsumatriċi kbira tal-kannabis. Il-produzzjoni hija kwistjoni sinifikanti f'bosta pajjiżi wkoll.

It-traffikar u l-produzzjoni tal-kannabis huma negozju attraenti għal bosta kriminali peress li huma meqjusa bħala ta' riskju baxx. Konsegwentement, bosta gruppi kriminali huma involuti fil-produzzjoni, it-traffikar tal-kannabis u l-ħasil tal-flus sussegwenti. Madanakollu, dawn in-netwerks kriminali rari jinnegozjaw primarjament fil-kannabis. Dawn l-attivitajiet spiss ikunu parti minn negozju li jinvolvi bosta drogi b'varjabbli li jiddependu mill-parametri ġeografiċi u etniċi jew sempliċi opportunità.

L-Europol iniedi, jappoġġja u jikkoordina l-aspetti ta' intelligence fl-investigazzjonijiet tal-kannabis, filwaqt li jżid l-iskambju ta' informazzjoni, l-għarfien u l-esperjenza dwar il-kummerċ tal-kannabis. Żewġ sottoproġetti jiffokaw fuq it-traffikar bl-ingrossa tal-kannabis u t-tkabbir u l-produzzjoni tagħha. L-Europol irċieva primarjament intelligence dwar investigazzjonijiet kontinwi relatati mat-traffikar tal-kannabis, b'enfasi fuq ir-rotot li jgħaqqdu lill-Afrika ta' Fuq mal-pajjiżi Skandinavi.

L-Europol jipproduċi s-**Sistema tal-Europol ta' Tqabbil tas-Siti ta' Tkabbir tal-Kannabis** (ECCCS - *Europol Cannabis Cultivation site Comparison System*) u s-**Sistema ta' Logo tal-**

[22] Amministrazzjoni tal-Infurzar tal-Liġi kontra d-Drogi tal-Istati Uniti (*United States Drug Enforcement Administration*).

Europol dwar il-Kannabis (ELSC - *Europol Logo System on Cannabis*). Aħna nipparteċipaw ukoll fil-**Grupp Ewropew ta' Esperti dwar il-Kannabis** (EEGC - *European Expert Group on Cannabis*), li diġà appoġġja bosta każijiet operattivi.

Fl-2011, timijiet iddedikati tal-Europol appoġġjaw bosta investigazzjonijiet permezz ta' analiżi ad-hoc u forensika fuq il-post. Grazzi għall-inizjattiva tat-Taskforce Olandiża ta' Azzjoni Konġunta (JAT - *Joint Action Taskforce*) rajna żieda sinifikanti fil-kontributi ta' intelligence. Min-naħa tiegħu, dan wassal għal numru għoli ta' prodotti analitiċi li għenuna nżidu s-sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi u ppermettiet identifikazzjoni ulterjuri tar-rabtiet ma' investigazzjonijiet kontinwi fi Stati Membri oħrajn.

L-Europol ospita kors ta' taħriġ fl-Aja dwar iż-**żarmar ta' siti illeċiti ta' tkabbir tal-kannabis fuq ġewwa**, li attendew għalih rappreżentanti minn 20 pajjiż tal-UE.

Żewġ esperti mill-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi ppreżentaw l-għarfien tagħhom dwar il-metodoloġija u r-riskji involuti fiż-żarmar ta' dawn il-pjantaġġuni mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Il-kors ipprovda lill-parteċipanti bl-informazzjoni meħtieġa biex iżarmaw b'mod sigur is-siti u kif jirnexxilhom jippreservaw il-provi. Barra minn hekk, l-esperti ppreżentaw dettalji dwar il-kapaċitajiet operattivi tal-Europol. Wara, il-parteċipanti marru l-Belġju biex iwettqu eżerċizzji prattiċi bi pjantaġġuni fuq ġewwa ssimulati.

Operazzjoni Mango

Qasam kriminali ewlieni Traffikar ta' kannabis u flus tal-euro falsifikati

Pajjiżi parteċipanti Spanja. 20 pajjiż tal-UE milqutin

Kontribut tal-Europol

- Bħala l-uffiċċju ċentrali Ewropew għall-protezzjoni tal-euro, l-Europol kellu rwol importanti fl-operazzjoni billi kkoordina l-investigazzjonijiet bejn il-pajjiżi milqutin mill-attivitajiet ta' falsifikaturi.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Dan il-grupp kriminali kien qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija Nazzjonali Spanjola għal ċertu żmien, għal traffikar tad-droga u falsifikazzjoni tal-euro. L-awtoritajiet Spanjoli kissru l-ewwel parti tan-netwerk kriminali meta ssekwestraw iktar minn tunnellata kannabis u arrestaw 11-il persuna ssuspettata. Imbagħad, l-investigazzjonijiet komplew, u bdew jiffokaw fuq il-falsifikazzjoni tal-euro.

Il-kontrafattur ewlieni kien sid kumpanija ta' distribuzzjoni tal-ikel tal-bott, li fiha nstab il-post illegali fejn jiġu stampati l-flus foloz. Uża l-kumpanija bħala kopertura għall-post illeċitu fejn kienu jiġu stampati karti tal-50 euro. Il-grupp kriminali importa wkoll karti foloz tal-20, 50 u 100 euro notes minn kontropartijiet kriminali fl-Italja, għal distribuzzjoni mifruxa madwar l-Ewropa.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Żarmar tal-grupp kriminali li kien responsabbli mit-traffikar tad-droga u d-distribuzzjoni ta' iktar minn żewġ miljun euro falsifikati f'20 pajjiż tal-UE
- Ġew sekwestrati 1.5 million f'karti tal-euro kontrafatti, kif ukoll materjali għall-produzzjoni tal-massa ta' noti tal-euro falsifikati oħrajn
- Iktar minn tunnellata kannabis issekwestrati
- Instabu wkoll makkinarji u għodod għall-falsifikazzjoni ta' dokumenti ta' identifikazzjoni Spanjoli.

3.2 Traffikar tal-bnedmin

Fl-2011, it-traffikar tal-bnedmin (THB - *Trafficking in Human Beings*) baqa' problema serja fl-UE. Din il-forma ta' kriminalità tabbuża mid-drittijiet tal-bniedem ta' individwi, u tittratta linnies bħala oġġetti.

L-iskala u l-għamla tat-THB fl-UE mhux faċli wieħed jaqbad u jiddefinixxiha, speċjalment għaliex spiss din hija moħbija fi ħdan kriminalità oħra, bħall-prostituzzjoni, immigrazzjoni illegali u tilwim tax-xogħol. Spiss dan jirriżulta f'każijiet li fihom it-traffikar ma jiġix irreġistrat jew investigat għal dak li hu.

Inevitabbilment, hemm iktar ċittadini tal-UE li qegħdin jiġu identifikati bħala vittmi ta' traffikar. Din hija taħlita ta' xi pajjiżi sors tradizzjonali li issa saru membri tal-UE, u ċittadini tal-UE oħrajn li għandhom iktar opportunitajiet u libertà li jivvjaġġaw u jaħdmu barra minn xtuthom. Pajjiżi sors ewlenin bħall-Federazzjoni Russa, l-Ukraina, il-Belarus, it-Turkija, il-Moldova u l-Balkani tal-Punent, issa kullma jridu jagħmlu hu li jaqbżu l-fruntiera, biċ-ċittadini tagħhom regolarment identifikati matul investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE jew bħala vittmi jew inkella bħala traffikanti.

L-UE hija żona ta' operazzjonijiet għan-netwerks ta' traffikar mill-Asja, l-Afrika u l-Amerika t'Isfel ukoll u żdied in-numru ta' persuni minn dawn il-pajjiżi li jiġu identifikati bħala vittmi tat-traffikar jew bħala traffikanti ssuspettati.

Għad li l-isfruttament sesswali huwa l-iktar forma rraportata b'mod komuni ta' traffikar, l-isfruttament għax-xogħol ukoll huwa delitt komuni li spiss jibqa' ma jinqabadx minħabba nuqqas ta' sensibilizzazzjoni ġenerali dwar is-suġġett. Fl-2011, grazzi għal rati ta' detezzjoni mtejba, ġiet identifikata xejra ġdida li skont din, it-traffikanti jagħmlu użu mill-opportunitajiet offruti mill-internet biex jirreklamaw servizzi sesswali, jew sabiex jirreklutaw.

Fl-2011, l-Europol appoġġja b'mod attiv 22 investigazzjoni ta' livell għoli ta' traffikar tal-bnedmin. Ipprovdejna appoġġ operattiv fuq il-post permezz tal-iskjerament tal-uffiċċju mobbli, u dan ippermetta lill-investigaturi sabiex jagħmlu aċċess għad-databases u l-għodod analitiċi direttament mill-post fejn kienu skjerati.

Operazzjoni Veerde

Qasam kriminali ewlieni Traffikar tal-bnedmin

Pajjiżi parteċipanti Ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit

Kontribut tal-Europol

- Din l-operazzjoni rnexxilha tindirizza netwerk ta' traffikar tal-bnedmin mill-fażi inizjali ta' reklutaġġ, sal-fażi ta' sfruttament, u kellha suċċess kbir bl-użu ta' Tim ta' Investigazzjoni Konġunta, inklużi l-Europol u l-Eurojust.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Investigazzjonijiet Ċeki u mir-Renju Unit paralleli bdew ifittxu grupp tal-kriminalità organizzata li kien qiegħed jittraffika nisa Ċeki lejn ir-Renju Unit, wara li ħajruhom b'wegħda li sejrin jirċievu 30 000 Kuruna Ċeka għal żwiġijiet finta ma' ċittadini Ingliżi. Ħafna mit-tfajliet qatt ma rċivew flushom u l-passaporti l-ġodda li nħarġulhom baqgħu fil-pussesss tal-OCG, biex potenzjalment jerġgħu jintużaw għal nisa li jixbhuhom.

Mal-wasla fir-Renju Unit, in-nisa Ċeki kienu fiżikament abbużati, stuprati u ġew imġiegħla jipprostitwixxu lilhom infushom jew jiżżewġu ċittadini mill-Pakistan u mill-Indja, sabiex

jillegalizzaw l-istatus tar-raġel. Il-grupp tal-kriminalità organizzata ffroda wkoll lis-sistema tal-benefiċċji soċjali tar-Renju Unit.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- 11-il arrest fir-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka, u b'hekk tkisser il-grupp tal-kriminalità organizzata.

Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (JITs)

Jistgħu jitwaqqfu timijiet ta' investigazzjoni konġunta biex tkompli titjieb il-kooperazzjoni tal-pulizija. It-timijiet jinkludu awtoritajiet ġudizzjarji u tal-pulizija minn tal-inqas żewġ Stati Membri. Huma responsabbli mit-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali fi kwistjonijiet speċifiċi għal perjodu ta' żmien limitat. L-Europol u l-Eurojust jistgħu jipparteċipaw u jikkoordinaw il-ħidma tal-JITs.

Fl-2011, l-Europol ipparteċipa fi 17-il tim ta' investigazzjoni konġunta, u appoġġja lil, u kien involut b'mod attiv f'bosta JITs oħrajn mingħajr ma kien hemm qbil formali fis-seħħ.

Ippjanar Komprensiv, Operattiv, Strateġiku għall-Pulizija (COSPOL)*
dwar il-Kriminalità Organizzata fil-Balkani tal-Punent (WBOC)

Wara l-attività intensiva tal-infurzar tal-liġi li involviet kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja internazzjonali, il-grupp COSPOL WBOC (*Comprehensive, Operational, Strategic Planning for the Police on Western Balkans Organised Crime*) laħaq wieħed mill-objettivi ewlenin tiegħu għall-2011 meta ġew arrestati 18-il persuna maħruba Albaniża wara li kienu ħarbu l-ġustizzja għal bosta snin.

Bl-użu tas-servizzi tal-Europol, il-COSPOL WBOC u l-NCB[23] ta' Ruma, l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani identifikaw kriminali ewlenin u rnexxilhom jipprovdu lill-awtoritajiet Albaniżi b'intelligence biex jgħinuhom isibu u jaqbdu lil dawn il-kriminali serji.

Fundamentali għal dan is-suċċess kienet il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Albaniżi, li sabu, u mbagħad arrestaw, 18-il kriminal Albaniż imfittxija għat-twettiq ta' delitti serji u organizzati bħal appartenenza f'organizzazzjoni kriminali internazzjonali, omiċidju, traffikar ta' drogi u armi, immigrazzjoni illegali u sfruttament tal-prostituzzjoni.

Il-persuni arrestati qegħdin jiġu estraditi lejn l-Italja, fuq il-bażi ta' Protokoll ġdid ta' Estradizzjoni bejn l-Italja u l-Albanija. Dan l-istrument legali jħaffef mhux ftit l-interazzjoni tal-infurzar tal-liġi bejn dawn iż-żewġ pajjiżi u jirrappreżenta ilħuq sinifikanti għall-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja internazzjonali tal-ġejjieni f'dan ir-reġjun.

* Il-proġett COSPOL kien strument multilaterali tal-infurzar tal-liġi maħluq taħt it-Task Force Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija (EPCTF - *European Police Chiefs Task Force*). Issa sar qbil li l-proġett sejjer jiġi integrat mal-proġet il-ġdid tal-Balkani tal-Punent EMPACT, maħluq bħala parti miċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE.

[23] L-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali (*National Central Bureau*) tal-Interpol f'Ruma.

3.3 Immigrazzjoni illegali ffaċilitata

It-terminu immigrazzjoni illegali ffaċilitata jkopri numru ta' delitti serji differenti, kollha kemm huma bil-għan li jassistu, għal gwadann finanzjajru, id-dħul jew ir-residenza f'pajjiż, bi ksur tal-liġijiet tal-pajjiż. Għalhekk, l-immigrazzjoni illegali ffaċilitata tkopri l-produzzjoni u l-akkwist ta' dokumenti ta' vvjaġġar iffalsifikati jew permessi miksubin b'dikjarazzjonijiet foloz, u l-forniment ta' trasport klandestin jew assistenza oħra, sabiex jinkisbu dħul jew residenza illegali - spiss b'rabta ma' numru ta' attivitajiet kriminali oħrajn.

B'mod ġenerali, il-gruppi tal-kriminalità organizzata li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni għandhom it-tendenza li jkunu strutturati f'netwerks laxki ta' gruppi iżgħar, u ħafna minnhom ikollhom rabtiet etniċi jew kulturali oħrajn mal-immigranti illegali li jkunu qegħdin jgħinu. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti juru grad għoli ta' flessibilità u l-abilità li jikkollaboraw b'mod transkonfinali, indipendentement mid-differenzzi etniċi - anki f'reġjun fejn hemm tradizzjoni ta' kunflitt etniku. Il-faċilitaturi malajr jidentifikaw u jagħmlu użu minn bidliet varji fis-soċjetà, bħal tattiki tal-infurzar tal-liġi u bidliet fil-leġiżlazzjoni jew regolamenti, kif ukoll il-ftuħ ta' rotot ta' trasport ġodda jew irħas jew punti ta' qsim tal-fruntieri ġodda.

L-Europol jipprovdi appoġġ analitiku lill-Istati Membri tal-UE biex jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali ffaċilitata. Xi kultant, in-netwerks kriminali involuti fl-iffaċilitar tal-immigrazzjoni illegali jkunu involuti wkoll f'oqsma kriminali oħrajn bħall-falsifikazzjoni ta' dokumenti tal-ivvjaġġar, traffikar ta' drogi, ħasil tal-flus, traffikar tal-bnedmin u l-bqija.

L-Europol qasam dan is-suġġett f'subproġetti li jiffokaw fuq gruppi, nazzjonalitajiet, modi operandi jew żoni ġeografiċi speċifiċi tal-kriminalità organizzata. Fl-2011 kien hemm disa' subproġetti attivi li ffokaw fuq l-immigrazzjoni illegali ffaċilitata mill-Vjetnam, l-Iraq, l-Afganistan, l-Iran, l-Asja t'Isfel, l-Afrika ta' Fuq, iċ-Ċina u l-produzzjoni u d-distrbiuzzjoni ta' dokumenti ffalsifikati. L-Europol qiegħed jappoġġja wkoll lill-Italja fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali mill-Afrika ta' Fuq lejn l-Italja, u qiegħed jappoġġja lill-Greċja fil-ġlieda kontra netwerks attivi fil-fruntiera bejn il-Greċja u t-Turkija.

L-Europol huwa parti minn żewġ Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta: wieħed fuq iż-żwieġ ta' konvenjenza u wieħed fuq l-iffaċilitar ta' ċittadini mis-Sri Lanka fl-UE permezz tal-Finlandja.

Matul l-2011, l-Europol appoġġja disa' operazzjonijiet Ewropej kbar li fil-mira tagħhom kellhom netwerks kriminali li jiffaċilitaw l-immigrazzjoni illegali:

- Dawn l-operazzjonijiet wasslu fl-arrest ta' 161 faċilitaturi ssuspettati
- Ġew ikkoordinati attivitajiet operattivi matul il-laqgħat organizzati u mħaffin mill-Europol
- L-Europol kien preżenti fiċ-ċentri ta' koordinazzjoni operattiva u ta apppoġġ permezz tal-kompetenzi tekniki, tagħmir speċjalizzat ta' estrazzjoni ta' data u l-iskjerament tal-uffiċċju mobbli
- Matul il-fażijiet ta' investigazzjoni, l-uffiċjali tal-Europol iffokaw fuq analiżijiet operattivi u, f'ħafna każijiet, ġew identifikati rabtiet ma' investigazzjonijiet oħrajn fl-UE.

Operazzjoni Cestia

Qasam kriminali ewlieni Immigrazzjoni illegali ffaċilitata ta' ċittadini Afgani

Pajjiżi parteċipanti Franza, il-Ġermanja, l-Italja

Kontribut tal-Europol

- L-uffiċċju mobbli tal-Europol ġie skjerat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Taljana f'Ruma sakemm damet għaddejja l-operazzjoni live, flimkien ma' analist u speċjalist dwar l-immigrazzjoni illegali.
- L-esperti tal-Europol ipprovdew kompetenzi tekniki u appoġġ ta' analiżi operattiva tul l-investigazzjoni, ħejjew bosta rapporti ta' intelligence u ħaffu l-iskambju ta' informazzjoni.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-Europol appoġġja azzjoni mmexxija mill-Italja li fil-mira tagħha kellha network kbir ta' trasportar illegali ta' migranti. Din l-investigazzjoni transkonfinali ġiet ikkoordinata wkoll mill-Eurojust u damet għaddejja kważi sentejn.

L-investigazzjoni ffokat fuq it-trasport illegali ta' ċittadini Afgani li għaddew mill-Pakistan, l-Iran u t-Turkija. Imbagħad, minn ġewwa l-Greċja, il-migranti ddaħħlu b'mod illegali Ruma. Minn hemm, it-tliet destinazzjonijiet favoriti kienu r-Renju Unit, in-Norveġja u l-Isvezja. Huwa mifhum li l-ispiża għall-migranti għall-vjaġġ sħiħ mill-Afganistan sal-Italja kienet ta' bejn EUR 3500 sa EUR 5000. Il-vjaġġ seta' jieħu minn ftit jiem sa bosta ġimgħat. Huwa stmat li madwar 200 migrant fix-xahar iddaħħlu b'mod illegali bejn l-2008 u l-2011 u huwa mifhum li 20% minnhom kienu taħt l-età. Instabu minorenni Afgani waqt perkwiżizzjonijiet ta' djar imwettqa matul l-operazzjoni.

In-netwerk kriminali kien ilu stabbilit b'ċelluli f'bosta pajjiżi. Il-grupp kellu aċċess ukoll għal dokumenti tal-identità tal-UE ffalsifikati u uża s-sistema bankarja Hawala biex jittrasferixxi flus bejn il-bosta partijiet tan-netwerk ibbażati fir-Renju Unit, Franza, l-Italja, il-Pakistan, l-Iran u l-Greċja. L-organizzaturi ewlenin fi ħdan in-netwerk kien residenti fir-Renju Unit.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- 26 arrest, l-iktar fl-Italja, iżda anki fi Franza u l-Ġermanja

Hawala (magħrufa wkoll bħala hundi) hija sistema informali ta' trasferiment ta' valur imsejsa fuq il-prestazzjoni u l-unur ta' netwerk enormi ta' sensara tal-flus, li jinstabu primarjament fil-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq, il-Qarn tal-Afrika u l-Asja t'Isfel.

Fl-iktar varjant bażiku tas-sistema hawala, il-flus huma ttrasferiti permezz ta' netwerk ta' sensara tal-hawala, jew hawalara. Huwa t-trasferiment ta' flus mingħajr ma jiġu mċaqilqa fil-verità. Klijent ikellem sensar tal-hawala f'belt u jagħtu somma flus li trid tiġi ttrasferita lil riċevitur f'belt oħra, ġeneralment barranija. Is-sensar iċempel lil sensar tal-hawala ieħor fil-belt tar-riċevitur, jagħti struzzjonijiet għat-teħid tal-fondi (ġeneralment b'kapparra żgħira mnaqqsa), u jwiegħed li jsalda d-dejn iktar tard.

F'xi partijiet tad-dinja, din hija l-unika sistema li biha jistgħu jsiru trasferimenti leġittimi ta' fondi, u saħansitra ntużat minn organizzazzjonijiet li jagħtu għajnuna f'żoni fejn hija l-istituzzjoni li taħdem bl-aħjar mod. Is-soltu, it-trasferimenti jkunu informali u ma jkunux irregolati b'mod effettiv mill-gvernijiet, li huwa vantaġġ kbir għall-klijenti bi tħassib dwar it-taxxa, kontroll tal-muniti, immigrazzjoni, jew oħrajn.

Operazzjoni Schwarz/White

Qasam kriminali ewlieni Trasportar illegali ta' immigranti illegali Vjetnamiżi

Pajjiżi parteċipanti Ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, ir-Renju Unit

Kontribut tal-Europol

- Operazzjoni b'ħames pajjiżi appoġġjata u kkoordinata mill-Europol u l-Eurojust

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Il-pulizija Ewropea ħadet azzjoni kontra numru ta' netwerks kriminali sofistikati li kienu qegħdin joffru s-servizzi tagħhom lil immigranti potenzjali sabiex jivvjaġġaw b'mod illegali mill-Vjetnam lejn ir-Renju Unit.

Il-modus operandi kien li jipprovdu lill-Vjetnamiżi b'dokumenti ffalsifikati, itajruhom lejn Moska, u mbagħad jittrasportawhom b'mod illegali fl-UE permezz ta' ferroviji, karozzi jew trakkijiet. Għal dawk li riedu jmorru r-Renju Unit, grupp ta' faċilitaturi kriminali Kurdi mill-Iraq offrew dan is-servizz mill-Belġju u Franza lejn ir-Renju Unit għal EUR 2000 - EUR 3000. Irranġaw għall-immigranti sabiex dawn jaqsmu l-English Channel moħbija f'vannijiet jew trakkijiet.

Il-faċilitaturi kriminali offrew ukoll metodu li jiswa iktar (EUR 10 000 - EUR 15 000 għal wasla garantita), billi jiksbu b'mod illegali viżi Schengen Ungeriżi u Ċeki maħruġa f'Hanoi għal skopijiet kummerċjali. Imbagħad, l-immigranti setgħu jaqbdu titjiriet diretti lejn Pariġi. L-immigranti kienu jingħataw akkomodazzjoni f'*safe houses* f'Pariġi organizzati mill-faċilitaturi kriminali qabel it-tluq finali tal-vjaġġ tagħhom lejn ir-Renju Unit. Dan kien netwerk sofistikat b'ċelluli fil-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Franza, ir-Renju Unit u l-Vjetnam.

L-azzjonijiet tal-pulizija seħħew f'Lille, Pariġi, Londra, Praga, Berlin, Monako, u Budapest, fejn kien hemm bosta *safe houses* u appartamenti ssuspettati li kienu fil-mira.

Franza żarmat kamp ta' transitu użat mill-immigranti fi Grande–Synthe, qrib Dunkerque; 38 immigrant (14 b'ċittadinanza Vjetnamiża u 17 ta' bosta ċittadinanzi oħrajn) ġew interċettati f'dan il-kamp, fejn kollha għexu f'kundizzjonijiet skomdi marsusin.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Ġew arrestati faċilitaturi kriminali ssuspettati fi Franza (19), il-Ġermanja (8), l-Ungerija (5), ir-Repubblika Ċeka (2) u r-Renju Unit (1)
- Fi Franza, instab razzett ta' kultivazzjoni tal-kannabis fuq ġewwa.

Operazzjoni Truck

Qasam kriminali ewlieni Netwerk Ċiniż ta' faċilitaturi tal-immigrazzjoni illegali

Pajjiżi parteċipanti Franza, il-Portugall, ir-Renju Unit

Kontribut tal-Europol

- Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni mwaqqaf fl-Europol ipprovda l-għodod ta' komunikazzjoni speċjalisti kollha meħtieġa għal appoġġ u koordinazzjoni f'ħin reali. Kienu preżenti r-rapperżentanti mill-awtoritajiet investigattivi kollha involuti
- Iċ-ċentru ta' koordinazzjoni kien appoġġjat mill-Eurojust, li ta appoġġ importanti fil-livell ġudizzjarju
- L-analisti tal-Europol ipprovdew rapporti ta' analiżi dwar l-intelligence kriminali emerġenti.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-operazzjoni kellha fil-mira tagħha netwerk Ċiniż involut fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn ir-Renju Unit. Il-klijenti kienu jħallsu lill-kriminali sa EUR 23.000 biex jaslu sal-Ewropa tal-Punent miċ-Ċina. Fl-Ewropa, il-klijenti ngħataw dokumenti, li spiss jużawhom biex jivvjaġġaw minn Franza u l-Portugall lejn ir-Renju Unit. Il-kriminali Ċiniżi rnexxilhom jorganizzaw permessi tax-xogħol u residenza miksuba b'mod frawdolenti, kif ukoll jorganizzaw viżi, dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar foloz, assistenza legali u akkomodazzjoni fis-*safe houses*.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Il-pulizija arrestat total ta' 18-il persuna ssuspettata: 10 fi Franza, 6 fil-Portugall u 2 fir-Renju Unit
- Perkwiżizzjonijiet simultanji fid-djar fi Franza u l-Portugall wasslu għas-sekwestru ta' dokumenti, flus, rendikonti tal-banek, mobajls u provi ta' appoġġ oħrajn
- L-investigazzjoni kkonfermat l-eżistenza ta' netwerk tal-kriminalità organizzata tajjeb li jiffaċilita l-immigrazzjoni illegali.

3.4 Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità

L-Internet qaleb ta' taħt fuq il-mod li bih ngħixu u kkontribwixxa sabiex is-soċjetà ssir bla fruntieri. Il-'mogħdija enormi ta' informazzjoni' mbassra tletin sena ilu issa saret realtà, biddinja dejjem iktar dipendenti fuq sistemi ta' komunikazzjoni u bankarji tal-aħħar teknoloġija. Dan ta opportunitajiet ġodda lill-kriminali, u ħoloq prodotti illeċiti ġodda, b'mod partikolari informazzjoni personali u finanzjarja misruqa, u kontenut diġitali illeċitu.

Kmieni fl-2011, il-Valutazzjoni tat-Theddid tal-Kriminalità Organizzata Megħjuna bl-Internet (iOCTA - *Internet Facilitated Organised Crime Threat Assessment*) tal-Europol,[24] identifikat 'ekonomija diġitali sotterrana' sofistikata li fiha d-data tiġi nnegozjata bħala prodott illeċitu. Fl-istess ħin, il-vittmi ta' qerq bl-Internet u serqa tal-identità jġarrbu ħsara emozzjonali li ma tissemmiex, b'ħafna nies li huma vulnerabbli minħabba nuqqas ta' esperjenza online. It-teknoloġija tal-internet ġabet magħha materjal ta' abbuż fuq tfal lil udjenza ferm ikbar, u dan ħaffef iktar minn qatt qabel id-distribuzzjoni ta' dan il-materjal.

Iċ-ċentru b'teknoloġija avvanzata tal-Europol għal kontra l-kriminalità, imwaqqaf fl-2002, jipprovdi livell għoli ta' kompetenzi permezz ta' tliet timijiet speċjalisti li jiffokaw fuq il-ġlieda kontra l-**isfruttament sesswali ta' tfal,** il-**frodi tal-karti tal-ħlas** u ċ-**ċiberkriminalità**. Dawn il-kompetenzi huma pprovduti permezz ta' koordinazzjoni, taħriġ, appoġġ operattiv u analiżi operattiva.

Hemm similaritajiet ċari fix-xogħol tat-tliet timijiet. Kollha kemm huma jipprovdu appoġġ forensiku diġitali speċjalista għal investigazzjonijiet fl-Istati Membri u jaħdmu mill-qrib mal-imsieħba barra l-infurzar tal-liġi, speċjalment fl-industriji finanzjarji u tal-komunikazzjonijiet. It-tliet tipi ta' kriminalità kollha kemm huma jistgħu jitqiesu verament globali. Jidher ukoll li l-kriminali attivi f'partijiet differneti tas-sotterran diġitali jużaw l-istess għodod għal firxa ta' skopijiet, pereżempju, b'websajts maħtufin għad-distribuzzjoni ta' materjal ta' abbuż ta' tfal, u softwer malizzjuż żviluppat biex jattakka magni tal-flus tal-banek (ATMs).

Filwaqt li kkunsidraw dan kollu, il-persunal mit-tliet oqsma tax-xogħol għaqqdu l-forzi tagħhom biex isawru ċ-**Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità**. Din iċ-ċaqliqa ppermettiet sabiex l-ispeċjalisti dwar il-kriminalità online jikkondividu aħjar il-kompetenzi tekniċi tagħhom u jiżviluppaw kontromiżuri effettivi, u b'hekk jipprovdu assistenza iktar effettiva lill-Istati Membri u jipproteġu aħjar liċ-ċittadini tal-UE.

3.4.1 Ċiberkriminalità

Żviluppi operattivi

Fl-iOCTA, l-intraprenditorija taċ-ċiberkriminalità, ibbażata fuq softwer malizzjuż u botnets, tqieset waħda mill-ikbar theddidiet fil-qasam taċ-ċiberkriminalità.

Il-gruppi taċ-ċiberkriminalità għadhom jimmiraw lejn l-infrastruttura finanzjarja b'attakki ta' malware sofistikat. Fl-2011, l-Europol appoġġja, fost l-oħrajn, l-operazzjonijiet ibbażati fuq malware li ġejjin:

- L-Operazzjoni Crossbill, operazzjoni mmexxija mir-Renju Unit kontra grupp kriminali attiv fi kriminalità li ssir b'malware, li l-attivitajiet tiegħu inkludew:

  - il-firxa ta' kodiċi malizzjuż

  - il-ġbir ta' kredenzjali ta' banek, segwiti minn

  - serq u l-ħasil sussegwenti ta' fondi mill-kontijiet tal-banek ipperikolati.

  Dan kien wieħed mill-ewwel Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta fiċ-ċiberkriminalità u eżempju tajjeb għall-kooperazzjoni fil-ġejjieni.

[24] Disponibbli għat-tniżżil mill-websajt tal-Europol.

- L-Operazzjoni Mariposa II kienet segwitu għall-qbid minn Spanja fl-2010 ta' grupp ta' kriminali li kienu jużaw il-'Butterfly bot'. L-użu tal-BFbot kompla jikber, bi gruppi ġodda li bdew ifeġġu madwar l-Ewropa, billi jisfruttaw il-malware għal gwadann finanzjarju. Investigazzjonijiet issoktati identifikaw iktar nies li jużaw dan il-malware madwar id-dinja. Sabiex titkisser l-infrastruttura tal-BFbot, u biex jiġu kkoordinati l-investigazzjonijiet, fil-ħarifa 2011 inġabar grupp ta' ħidma operattiva fl-Europol. Il-grupp ewlieni tal-Istati Membri tal-UE sejjer ikompli b'din il-ħidma fl-2012, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti u l-Awstralja.
- Il-laqgħat operattivi wasslu għal kontroreferenzi interessanti ma' settijiet ta' data oħrajn li sejrin jappoġġjaw il-provi miġburin f'din l-operazzjoni. Barra minn hekk, sejrin iġibu magħhom fehim aħjar dwar il-mudell tan-negozju taċ-ċiberkriminalità minn persuni ssuspettati ta' livell għoli fil-qasam taċ-ċiberkriminalità.

B'mod ġenerali, fl-2012 ser ikomplu jiġu appoġġjati operazzjonijiet kontra malware, iżda b'attenzjoni speċifika mogħtija għall-identifikazzjoni tal-iktar kriminali sofistikati, bħal gruppi ta' 'żvilupp' li joħolqu u jmantnu l-iktar tipi ta' softwer malizzjuż li jirnexxi misjub fl-ekonomija sotterrana diġitali.

In-netwerks ta' *money mules* jintużaw biex jiġu allokati, maqsumin u 'jissarrfu' l-proċedimenti tal-impriża ċiberkriminali. It-tkissir ta' netwerks bħal dawn kien wieħed mill-miri ewlenin fis-sena li għaddiet. Sa issa, l-analiżi tal-kontribuzzjonijiet f'dan il-qasam wasslet għal għarfien aħjar dwar il-flussi ta' flus u identifikat bosta postijiet ġeografiċi ewlenin għat-'tisrif'.

- *Filwaqt li ħa l-ispirazzjoni inizjali tiegħu mill-kooperazzjoni ma' Spanja u l-Eurojust, bħalissa għaddej proġett biex jitqiegħdu f'mappa n-netwerks tal-mules u jiġu identifikati s-suspettati ewlenin fl-Ewropa.*

Minbarra l-periklu kontinwu ta' ċiberkriminalità għal finijiet finanzjarji, bla dubju l-2011 kienet is-sena ta' 'ħekktiviżmu'. Fil-bidu tas-sena, kumpaniji kbar involuti fil-projbizzjoni ta' Wikileaks kienu fil-mira; iktar tard, l-attakki nfirxu lejn gvernijiet, aġenziji tal-infurzar tal-liġi u partiti politiċi. Spin-offs u gruppi li nfirdu mill-moviment oriġinali Anonymous feġġew fid-dinja tal-Punent.

- Bil-ħsieb tal-attakki minn 'Anonymous' u gruppi relatati kontra numru ta' Stati Membri tal-UE, l-Europol organizza laqgħa operattiva biex jgħaqqad l-investigazzjonijiet differenti u jippjana azzjoni ulterjuri. Mill-intelligence miġbura f'din il-laqgħa, qegħdin jiġu analizzati bħalissa l-għamla u l-impatt ta' 'Anonymous' u attakki relatati fl-Ewropa.
- Inħarġu wkoll rapporti ta' intelligence ddedikati kemm dwar 'Anonymous' kif ukoll dwar 'Lulzsec'.

Intelligence

Il-funzjoni ta' intelligence dwar iċ-ċiberkriminalità dejjem qiegħda tiżviluppa, b'enfasi fuq it-tbassir u dimistifikazzjoni tal-fenomeni online. Fl-2011, twettqet u tqassmet riċerka dwar il-fenomeni li ġejjin, fost l-oħrajn:

- Stuxnet: spjegazzjoni teknika ta' dan il-biċċa softwer sofistikat malizzjuż.
- Il-grupp 'Lulzsec': it-tlugħ fil-popolarità tal-grupp 'Lulzsec' u l-moviment 'Antisec'.
- *Phone Phreaking*: Analiżi strateġika u operattiva ta' abbuż primarjament minn *Voice over IP* (VoIP), biex tiġi manipulata sistema telefonika, li mid-dehra ta ħajja mill-ġdid lill-kunċett ta' 'Phone Phreaking'.
- Attakki ta' Ċaħda ta' Servizz ta' SSL: dwar it-tqegħid f'riskju possibbli ta' ħlasijiet siguri fuq l-internet permezz tal-protokoll SSL.

Fl-2012 sejra tiġi ppubblikata riċerka attwali dwar l-evoluzzjoni tas-sistema ta' ħlas virtwali 'Bitcoin' u l-użu ħażin u kriminali tan-netwerk anonimizzanti 'TOR'.

Appoġġ forensiku u operattiv

Ngħata appoġġ forensiku speċifiku f'ħafna mill-operazzjonijiet il-kbar, pereżempju l-Operazzjoni Crossbill (iktar 'il fuq). B'mod ġenerali, l-eżiti mill-analiżijiet forensiċi ta' data sekwestrata jintużaw ukoll sabiex jinstabu fuq il-mappa dawk il-gruppi li huma fl-ogħla pożizzjonijiet tal-ġerarkija taċ-ċiberkriminalità, permezz ta' tqabbil ma' settijiet ta' data oħrajn.

Taħriġ

It-taħriġ fiċ-ċiberkriminalità ġie żviluppat u ngħata permezz tal-attivitajiet li ġejjin:

- Bi sforz konġunt mal-Eurojust, ġew imħarrġa madwar 80 prosekutur u mħallef dwar it-tekniki ta' investigazzjoni ta' malware fir-Rumanija.
- L-Europol ospita żewġ laqgħat tal-Grupp Ewropew ta' Taħriġ u Edukazzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità (ECTEG - *European Cybercrime Training and Education Group*) u kellu rwol attiv fil-ħidma ta' dan il-grupp permezz tal-iżvilupp, il-koordinazzjoni u l-għoti ta' taħriġ dwar iċ-ċiberkriminalità. Fost il-membri tal-ECTEG hemm is-CEPOL, l-Eurojust u l-Interpol, iżda anki msieħba ewlenin oħrajn mid-dinja akkademika u s-settur privat.
- Il-persunal tal-Europol f'oqsma tax-xogħol oħrajn ġew imħarrġa f'elementi bażiċi tal-forensika diġitali, tan-netwerks u tal-mobajls permezz tal-għoti ta' tliet korsijiet akkreditati differenti. Il-programm jipprovdi lill-uffiċjali tal-Europol b'għarfien prattiku sabiex jiġu appoġġjati aħjar l-attivitajiet tal-ispeċjalisti tagħhom.
- Il-persunal operattiv tal-Europol ġie mħarreġ biex jiskjera l-kitt forensika mobbli tal-Istrument ta' Estrazzjoni Forensika Universali (UFED - *Universal Forensic Extraction Device*) fuq il-post.
- Il-persunal speċjalist dwar iċ-ċiberkriminalità appoġġja l-inizjattiva tas-CEPOL biex tiġi żviluppata sistema ta' tagħlim online dwar iċ-ċiberkriminalità.

Netwerk tal-Forensika tal-Kompjuters (CFN)

In-Netwerk tal-Forensika tal-Kompjuters (CFN) hija pjattaforma li qiegħda tiġi żviluppata fl-Europol biex tappoġġja l-analiżi fonrensika ta' data ssekwestrata f'fajls ta' ħidma ta' analiżi u operazzjonijiet.

Fl-2011 il-proġett CFN ipprovda pjattaforma bażika biex titwettaq forensika informatika diġitali. Din il-pjattaforma tipprovdi l-abilità li tiġi ffiltrata u pproċessata informazzjoni rilevanti minn ammont kbir ta' data tal-kompjuters, filwaqt li tinżamm il-validità tad-data bħala prova jew intelligence. Din il-kapaċità tal-ogħla żvilupp tekniku għall-estrazzjoni u l-analiżi ta' informazzjoni relatata ma' delitti minn data diġitali sejra tkompli tiġi żviluppata fl-2012.

Task Force tal-Unjoni Ewropea dwar iċ-Ċiberkriminalità (EUCTF)

Din is-sena, iċ-Ċentru tal-Europol għaċ-Ċiberkriminalità ospita żewġ laqgħat tal-EUCTF (*European Union Cybercrime Task Force*). Dan il-grupp, ifformat mill-Kapijiet tal-Unitajiet taċ-Ċiberkriminalità tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Eurojust, jagħti direzzjoni strateġika lill-ġlieda tal-UE kontra ċ-ċiberkriminalità, u huwa inkarigat mit-trasformazzjoni f'attivitajiet operattivi ta' dawk l-għanijiet strateġiċi dwar iċ-ċiberkriminalità stabbiliti mill-Kumitat Permanenti tal-Kunsill għas-Sigurtà Interna (COSI - *Committee on Internal Security*).

3.4.2 Sfruttament sesswali ta' tfal

Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut illegali li juri l-isfruttament sesswali ta' tfal huwa primarjament iffaċilitat mill-Internet. L-anonimità evidenti offruta minn dan il-mezz ta' komunikazzjoni tagħmilha diffiċli biex jiġu identifikati u llokalizzati l-kriminali b'suċċess. L-iskoperta ta' materjal illegali hija biss parti, possibilment il-bidu, ta' investigazzjoni f'delitt kontra tfal. Ir-rintraċċar u l-identifikazzjoni tal-vittmi tfal hija prijorità u sfida oħra għall-infurzar tal-liġi.

Ladarba materjal ta' abbuż fuq tfal jilħaq l-Internet, dan jikkostitwixxi rivittimizzazzjoni permanenti tat-tfal murija. Il-web jipprovdi wkoll pjattaforma għal delitti oħrajn kontra tfal, bħal *online grooming*.[25]

Fl-2001 inħoloq fajl ta' ħidma ta' analiżi ddedikat tal-Europol għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' netwerks kriminali involuti fil-produzzjoni, il-bejgħ jew it-tqassim ta' materjal ta' sfruttament sesswali ta' tfal, u deliti assoċjati. Sal-lum, eluf ta' pakketti ta' intelligence u rapporti analitiċi tqassmu mill-Europol lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u dan ippermetta l-identifikazzjoni ta' iktar minn 3000 persuna li wettqet delitti sesswali fuq tfal u l-identifikazzjoni ta' numru konsistenti ta' vittmi. L-Europol appoġġja wkoll lill-Istati Membri fl-analiżi forensika ta' kopji ta' materjal diġitali ssekwestrat minn aġenziji tal-pulizija.

Xejriet attwali

- Il-persuni li jwettqu delitti sesswali fuq tfal jivvjaġġaw jew jemigraw lejn pajjiżi speċifiċi fejn it-tfal jiġu offruti minn familthom, jew mill-faċilitaturi tagħhom, għal sfruttament u l-produzzjoni ta' materjal ta' abbuż fuq tfal.
- Il-materjal ta' abbuż fuq tfal jista' jkun awtoprodott minn adoloxxenti jew tfal li jissottovalutaw ir-riskji ta' tqassim tal-istampi jew vidjos tagħhom. F'xi każijiet, huma konvinti jew jiġu persważi sabiex jipproduċu l-materjal minn persuni li jwettqu delitti sesswali fuq tfal permezz ta' *online grooming*.
- *Online grooming* u messaġġi sesswali lil persuni taħt l-età bl-użu ta' mobajls jew apparati multimedjali ('sexting') huma xejriet oħrajn li ġew osservati.
- Persuni li jwettqu delitti sesswali fuq tfal jagħmlu użu minn softwer sofistikat biex jipproteġu l-anonimità tagħhom. Jużaw ħażniet online u tekniki avvanzati ta' kodifikazzjoni biex jilqgħu kontra l-analiżi forensika diġitali mill-pulizija.
- Il-kriminali donnhom jiffokaw fuq l-użu ta' kanali moħbija li għalihom jingħata aċċess privat biss lil dawk li jkunu 'ntgħażlu'. Din l-'għażla' tkun ġejja mill-ammont u t-tip ta' stampi abbużivi fuq tfal li jikkondividu.
- Bdew ifeġġu fenomeni oħrajn, bħat-turiżmu ċibersesswali, fejn l-abbuż fuq tfal iseħħ quddiem webcam, bi ħlas.

[25] *Online grooming* hija l-proposta minn adult biex jiltaqa' ma' tifel jew tifla li ma tkunx għadha laħqet l-età ta' kunsens sesswali skont il-liġi nazjonali, bl-iskop li jidħlu f'attivitajiet sesswali mat-tifel jew tifla taħt l-età.

Operazzjoni Rescue

Qasam kriminali ewlieni Netwerk ta' persuni minn madwar id-dinja li jwettqu delitti sesswali fuq tfal

Pajjiżi parteċipanti L-Awstralja, il-Belġju, il-Kanada, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Islanda, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, New Zealand, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti

Kontribut tal-Europol

- Strumentali għas-suċċess kien ir-rwol li kellu l-Europol fl-identifikazzjoni tal-membri tan-netwerk ta' abbuż sesswali fuq it-tfal u fl-iffaċilitar tal-azzjoni operattiva mill-awtoritajiet tal-pulizija f'bosta ġurisdizzjonijiet.
- B'mod partikolari, kienet il-ħidma tal-analisti tal-Europol fil-fehim tal-karatteristiċi tas-sigurtà ta' server ewlieni fuq kompjuter fiċ-ċentru tan-netwerk li kixfet l-identità u l-attività tal-persuni ssuspettati li jwettqu delitti sesswali fuq tfal.
- Imbagħad, l-Europol ħareġ iktar minn 4000 rapport ta' intelligence lil awtoritajiet tal-pulizija f'iktar minn 30 pajjiż fl-Ewropa u barra, li wasslu għall-arresti tas-suspettati u s-salvagwardja tat-tfal.
- Ir-rapporti tal-Europol identifikaw ukoll rabtiet bejn dan in-netwerk u dawk li dehru f'bosta investigazzjonijiet oħrajn.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Magħruf bħala Operazzjoni Rescue, dan il-każ kumpless ġie ttrattat fuq tliet snin, bl-Europol jappoġġja u jikkoordina l-investigazzjonijiet għal tal-inqas sena u nofs. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi ngħaqdu flimkien minn 14-il pajjiż biex jirrintraċċaw lil dawk li jwettqu d-delitti fuq skala globali fil-veru sens tal-kelma. Xi pajjiżi oħrajn, għad li ma ġewx elenkati, ukoll kellhom għaddejjin investigazzjonijiet li fihom ġew identifikati s-suspettati.

Dawn il-persuni ssuspettati li wettqu delitti sesswali fuq tfal kienu membri ta' forum online - boylover.net – li kien jippromwovi relazzjonijiet sesswali bejn adulti u subien taħt l-età. Il-websajt operat minn server ibbażat fil-Pajjiżi l-Baxxi u, fl-aqwa tiegħu, kellu sa 70 000 membru minn madwar id-dinja.

Issa l-websajt ingħalqet. Ippruvat topera bħala forum ta' 'diskussjoni biss' fejn in-nies setgħu jikkondividu l-interess sesswali tagħhom f'subien żgħar mingħajr ma jwettqu ebda reat speċifiku, u għalhekk joperaw 'lil hinn mil-lenti' tal-pulizija. Wara li jiltaqgħu fuq is-sit, uħud mill-membri jmorru fuq kanali iktar privati, bħall-posta elettronika, sabiex ipartu u jikkondividu stampi u films illegali ta' tfal li jiġu abbużati. Kompjuters sekwestrati minn dawk arrestati kienu jaħżnu fihom kwantitajiet kbar ħafna ta' stampi u vidjos ta' abbużi fuq tfal.

Fil-bidu tal-investigazzjoni, it-timijiet tal-internet tal-pulizija tar-Renju Unit u l-Awstralja identifikaw membri tas-sit boylover.net li ġew ivvalutati bħala dawk li l-iktar li kienu ta' riskju għat-tfal. Irrintraċċaw ukoll il-migrazzjoni ta' persuni li wettqu delitti fuq siti oħrajn fejn issoktaw investigazzjonijiet u valutazzjonijiet tar-riskji oħrajn.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Diġà ġew identifikati 779 persuna ssuspettata madwar id-dinja
- Saru 250 arrest
- Ġew salvagwardjati 252 tifel/tifla.
- In-numru ta' vittmi salvagwardjati huwa l-ogħla li qatt inkiseb minn dan it-tip ta' investigazzjoni u l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin.

Task Force Globali Virtwali (VGT)

L-Europol ingħaqad mat-Task Force Globali Virtwali (VGT - *Virtual Global Task Force*) f'April 2011. L-għan tal-VGT hu li tibni sħubija effettiva, internazzjonali tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, organizzazzjonijiet mhux governattivi u industrija biex tgħin tipproteġi lit-tfal minn abbuż tat-tfal fuq l-internet. Billi ssieħeb mal-VGT, l-Europol għandu l-għan li jikseb kooperazzjoni iktar intensiva mal-pajjiżi barra l-Ewropa f'dan il-qasam kriminali bla fruntieri.

Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea (EFC)

L-Europol jippresjedi l-Koalizzjoni Finanzjarja Ewropea (EFC - *European Financial Coalition*) li ġiet imġedda. Billi tiffoka fuq transazzjonijiet finanzjarji, din il-Koalizzjoni tiġġieled kontra d-distribuzzjoni online ta' stampi illegali ta' abbuż sesswali fuq tfal, bil-għan li taqdi bħala pjattaforma permanenti u ċentru ta' riżorsi għall-partijiet interessati, inklużi aġenziji tal-infurzar tal-liġi, fornituri tas-sistemi ta' ħlas, fornituri tas-servizzi tal-internet (ISPs) u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs).

Filtru għal Kontra d-Distribuzzjoni ta' Abbuż Sesswali fuq Tfal

Fl-2011, il-Proġett ta' Materjal Abbużiv fuq Tfal Relatat mal-Internet COSPOL[26] (CIRCAMP - *COSPOL Internet Related Child Abusive Material Project*)[27] irnexxilu jimplimenta l-Filtru għal Kontra d-Distribuzzjoni ta' Abbuż Sesswali fuq Tfal.

Biex ikomplu jitjiebu l-kapaċitajiet operattivi, pjan ta' azzjoni ġdid tejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali. L-intelligence ġġenerata minn investigazzjonijiet għandha tiġi analizzata mill-Europol u mqassma permezz ta' pakketti ta' intelligence lill-pajjiżi involuti.

Barra minn hekk, l-Europol jikkoordina azzjoni kollettiva mwettqa mill-pajjiżi parteċipanti u jidentifika kontroreferenzi internazzjonali. L-Operazzjoni Icarus hija waħda mill-ewwel operazzjonijiet konġunti fi ħdan il-qafas ta' CIRCAMP, ikkoordinata mill-Europol.

Operazzjoni Icarus

Qasam kriminali ewlieni sesswali fuq	Netwerks online ta' kondiviżjoni ta' fajls ta' abbużi tfal
Pajjiżi parteċipanti	L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja, l-Isvezja, l-Isvizzera

Kontribut tal-Europol

- Koordinazzjoni tal-operazzjoni li involviet 23 pajjiż
- Intelligence u informazzjoni addizzjonali tqassmu mill-Europol permezz tas-sistema sigura ta' informazzjoni tiegħu biex tiġi ggarantita l-integrità tad-data u sabiex tiġi żgurata reazzjoni veloċi fil-pajjiżi kkonċernati
- Wara l-ġbir tal-intelligence mill-Pulizija Nazzjonali Daniża, ġiet organizzata laqgħa operattiva mal-Europol, biex jitqassmu pakketti ta' intelligence lill-pajjiżi involuti

[26] Il-proġett COSPOL huwa strument tal-infurzar tal-liġi multilaterali maħluq taħt it-Task Force Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija (EPCTF).

[27] Il-membri tas-CIRCAMP huma: il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, Spanja, l-Isvezja, l-Europol u l-Interpol.

- In-netwerk ta' kooperazzjoni tal-Europol sejjer jiffaċilita wkoll investigazzjonijiet ulterjuri billi jinvolvi msieħba bħall-Eurojust u l-Interpol, fejn ikun hemm bżonn

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi minn 23 pajjiż Ewropew, appoġġjati u kkoordinati mill-Europol, wettqu azzjoni ta' trażżin kbira kontra netwerks online ta' kondiviżjoni ta' fajls ta' abbuż sesswali fuq tfal.

L-operazzjoni kellha fil-mira tagħha lil dawk li kienu jikkondividu l-livell l-aktar gravi ta' materjal fuq vidjo, li inkludew trabi u tfal żgħar ħafna abbużati sesswalment. Ħafna mill-materjal issekwestrat matul perkwiżizzjonijiet fid-djar għadha trid issirlu analiżi forensika biex jiġi valutat kemm kienu involuti sew is-suspettati fl-abbuż attwali fuq it-tfal.

L-Operazzjoni Icarus tnediet matul laqgħa tas-CIRCAMP fil-bidu tal-2011. Sar qbil li l-Unità Nazzjonali tal-Kriminalità b'Teknoloġija Avvanzata tal-Pulizija Daniża (DK NITEC - *National High Tech Crime Unit*) għandha tkun il-pajjiż mexxej u twettaq l-investigazzjonijiet minħabba l-kompetenzi fl-iskambju tal-pari ta' materjal illegali permezz ta' sistemi ta' kondiviżjoni ta' fajls.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Sa issa,[28] l-'Operazzjoni Icarus' għenet sabiex jiġu identifikati 273 persuna ssuspettata u jiġu arrestati 113-il persuna ssuspettata, mifruxa fuq 23 pajjiż
- Inkixfu netwerks fuq kanali differenti tal-internet ta' persuni li jwettqu delitti sesswali fuq tfal li qabel ma kinux magħrufin
- L-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin u huma mistennija iktar arresti. Enfasi speċjali sejra tinxteħet fuq l-identifikazzjoni tal-produtturi tal-materjal, il-persuni li mmolestaw u l-vittmi tagħhom.

Taħriġ tal-Europol dwar 'Il-Ġlieda kontra l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal fuq l-Internet'

It-12-il kors ta' taħriġ Annwali tal-Europol dwar "Il-Ġlieda kontra l-Isfruttament Sesswali tat-Tfal fuq l-Internet', għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, sar f'Selm, fil-Ġermanja. Dan it-taħriġ prattiku jibni ħiliet fundamentali għall-investigazzjoni ta' sfruttament ta' tfal online u għandu l-għan li jiżviluppa l-għarfien u l-kompetenzi tal-parteċipanti dwar il-ġlieda kontra u t-tkissir ta' netwerks ta' persuni li jwettqu delitti sesswali fuq tfal, kif ukoll is-salvagwardja tat-tfal involuti.

Proġett HAVEN — Trażżin tal-Ewropej li jabbużaw Vittmi f'Kull Nazzjon

Il-Proġett HAVEN jikkoordina sforz komuni tal-UE sabiex jiġi indirizzat abbuż sesswali fuq tfal minn ċittadini Ewropej barra l-pajjiżi ta' oriġini jew residenza permanenti tagħhom. Dan jinkludi l-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet internazzjonali mmexxija mill-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi u oħrajn barra l-Ewropa. Fl-2011 ġiet organizzata operazzjoni konġunta f'uħud mill-ajruporti ewlenin tal-UE. Il-pajjiżi parteċipanti kienu l-Ġermanja (l-Ajruport ta' Frankfurt), il-Pajjiżi l-Baxxi (l-Ajruport ta' Amsterdam), u l-Isvezja (l-Ajruport ta' Stokkolma). Attivitajiet konġunti oħrajn huma ppjanati għall-2012.

Fit-tul, miżuri preventivi bħal notifiki permanenti jew sistema ta' twissija għandhom jiġu implimentati sabiex jiġu rintraċċati vjaġġaturi li jwettqu delitti sesswali, jiġu limitati l-attivitajiet illegali tagħhom u jiġu ssalvagwardjati t-tfal.

3.4.3 Frodi tal-karti ta' ħlas

Il-frodi tal-karti ta' ħlas hija problema globali li qiegħda tikber, u li qiegħda tikkaġuna telf finanzjarju enormi fi ħdan l-Unjoni Ewropea (UE). Fl-istess ħin, dan it-telf jikkostitwixxi assi

[28] 15 ta' Diċembru 2011.

għall-gruppi tal-kriminalità organizzata u d-dħul illegali tagħhom huwa investit fl-iżvilupp ta' forom oħrajn ta' attività kriminali.

Bħala punt ċentrali għall-iskambju ta' intelligence dwar dan it-tip ta' frodi, l-ispeċjalisti tal-Europol jappoġġjaw attivitajiet investigattivi biex jipproteġu s-suq tal-UE u l-klijenti tiegħu, mhux biss fl-UE, iżda wkoll madwar id-dinja kollha.

Fl-2011, l-Europol appoġġja bosta investigazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi fl-UE dwar it-trażżin ta' persuni minn madwar id-dinja li jwettqu frodi tal-karti ta' ħlas. L-Europol enfasizza fuq il-gruppi tal-kriminalità organizzata l-aktar perikoluży li jipproduċu u jiskjeraw tagħmir illegali biex jikkupjaw, jiffalsifikaw u jużaw ħażin karti tal-ħlas. Bosta 'fabbriki' li jagħmlu strumenti ta' *skimming* u netwerks globali li jdaħħlu apparati, data dwar karti u flus b'kutrabandu ġew imrażżna grazzi għal kooperazzjoni transkonfinali effettiva.

Permezz tal-Aħbarijiet tiegħu dwar il-Frodi tal-Karti ta' Ħlas, l-Europol jgħaddi informazzjoni dwar xejriet, tekniki kriminali u modus operandi ġodda lill-investigaturi fl-Istati Membri u l-pajjiżi li jikkooperaw.

Il-kooperazzjoni bejn l-Europol u l-industrija privata wasslet għat-twaqqif ta' **database ta' Ċekkjatur tal-Karti** fl-Europol, li fiha informazzjoni globali dwar l-emittenti tal-karti ta' ħlas (eż. AMEX, VISA, MasterCard u karti tal-ħlas tal-fjuwil). Id-database tintuża mill-Europol kuljum.

L-uffiċċju mobbli u l-għodod forensiċi mobbli (inkluż l-**Apparat għall-Qari tal-Karti**, l-**Istrument Universali għall-Estrazzjoni Forensika** (UFED) u d-**database taċ-Ċekkjatur tal-Karti**) iġibu valur addizzjonali, fuq il-post, sabiex jappoġġjaw miżuri investigattivi:

- L-Apparat għall-Qari tal-Karti jista' jikseb data minn strixxa manjetika u ċippa ta' karta tal-ħlas ġenwina jew iffalsifikata
- L-Istati Membri jibagħtu l-karti ssekwestrati lill-Europol biex jislet data minnhom
- L-Apparat għall-Qari tal-Karti jista' jitħaddem ukoll direttament f'*raid* tal-pulizija għall-istess skop.
- Data tista' tinkiseb minn mobajl bil-UFED.

Il-**katalogu tas-CCTV** huwa prodott ġdid imniedi mill-Europol fl-2011. Fih stampi ta' individwi marbutin mal-manipulazzjoni ta' ATMs u l-użu frawdolenti ħażin ta' karti tal-ħlas. Il-katalogu qiegħed jitqassam lil kollegi tal-infurzar tal-liġi fuq bażi regolari.

Fl-2011 ukoll, l-Europol ipproduċa **Valutazzjoni tal-Perikli dwar il-Frodi tal-Karti ta' Ħlas fl-UE**. Ir-rapport jippreżenta s-sitwazzjoni attwali u x-xejriet tal-ġejjieni fil-kriminalità għall-karti tal-ħlas u t-transazzjonijiet bil-karti.

Din hija l-ewwel darba li ġiet prodotta valutazzjoni bħal din. Sa issa, iċ-ċifri u l-modus operandi speċifiku ma ġewx ippubblikati, u b'hekk, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet ma kellhomx l-istampa sħiħa. Wara li rrikonoxxiet il-problema li qiegħda tikber dwar il-karti, l-industrija ddeċidiet li tgħaqqad l-isforzi u pprovdiet data ferm sensittiva lill-Europol għal analiżi, u dan wassal għall-produzzjoni tal-Valutazzjoni tat-Theddid.

Il-Valutazzjoni tat-Theddid għandha l-għan li tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kontromiżuri u azzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu fuq livelli nazzjonali u tal-UE biex jonqos il-livell tal-frodi. Is-sitwazzjoni u l-livell attwali ta' dħul illeċitu li jagħmlu l-kriminali, li jaqbeż l-EUR 1 500 000 000, jeħtieġ azzjoni urġenti u kollaborattiva.

Skimming: L-ikkupjar tal-istrixxa manjetika ta' karta tal-ħlas - mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tad-detentur tal-karta - spiss iseħħ meta l-karta tintuża f'ATM ġenwina jew terminal ta' Punt ta' Bejgħ. Strument jiżgura li d-data tal-karta tista' tinkiteb (tiġi kklonata) fuq karti ġodda li jintużaw biex isir ġbid ta' flus illeċitu, li spiss isir barra l-pajjiż ta' residenza tad-detentur tal-karta.

Operazzjoni Night Clone

Qasam kriminali ewlieni Frodi tal-karti ta' ħlas

Pajjiżi parteċipanti Il-Bulgarija, l-Italja, Spanja, il-Polonja u l-Istati Uniti

Kontribut tal-Europol

- Minbarra li ospita laqgħat u ħaddem iċ-ċentru operattiv, l-Europol ipprovda appoġġ analitiku, tekniku u loġistiku ewlieni
- F'jum l-azzjoni, saru arresti tal-kriminali ssuspettati u perkwiżizzjonijiet mill-awtoritajiet Bulgari f'koordinazzjoni mal-uffiċjali tal-Italja u l-Europol li kienu b'uffiċċju mobbli fil-Bulgarija.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Wara investigazzjoni estensiva fuq bosta xhur, operazzjoni kbira tal-pulizija bdiet taqbad il-membri ta' waħda mill-ikbar klikek kriminali magħrufin li ilhom attivi f'dan il-qasam fl-aħħar ħames snin.

Ġew arrestati b'suċċess il-persuni ewlenin wara dan il-grupp tal-kriminalità organizzata, issuspettat li wettaq frodi fuq eluf ta' ċittadini tal-UE u li kkopja iktar minn 15 000 karta tal-ħlas b'qerq sofistikat. Saru operazzjonijiet ta' arrest simultanji f'pajjiżi affettwati, li involvew iktar minn 200 uffiċjal tal-pulizija. Huma mistennija iktar arresti.

Il-persuni prominenti ssuspettati tal-grupp, ibbażati fil-Bulgarija, kienu fost dawk li nqabdu. Huma marbutin ma' ċelluli kriminali fil-Kenja, l-Afrika t'Isfel u l-Istati Uniti. Il-metodi tal-grupp inkludew ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' kriminali li jwettqu reati żgħar biex jagħmlu ġbir ta' flus illegali.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Tkisser netwerk internazzjonali kbir ta' kriminali li jwettqu frodi tal-karti ta' ħlas, issuspettat li wettaq sa iktar minn EUR 50 miljun fi frodi fuq ċittadini tal-UE permezz ta' 'skimming' tal-karti tagħhom u żvojtalhom il-kontijiet tal-bank tagħhom
- L-arresti saru fil-Bulgarija (48), l-Italja (9), il-Polonja (1), Spanja (2) u l-Istati Uniti (2).

Operazzjoni Iasi

Qasam kriminali ewlieni *Skimming* ta' karti

Pajjiżi parteċipanti Il-Polonja, ir-Rumanija, l-Isvezja

Kontribut tal-Europol

- Ikkoordina l-operazzjoni u appoġġa lill-investigaturi Rumeni fuq il-post matul ir-*raids* finali fir-Rumanija
- Ħaffef l-iskambju tal-informazzjoni
- Ipprovda kompetenzi tekniċi u analiżi operattiva
- Organizza żewġ laqgħat operattivi fl-Aja bejn l-investigaturi u l-prosekuturi Pollakki, Rumeni u Svediżi.
- Ikkoordina miżuri investigattivi, peress li ġew arrestati wkoll bosta membri tal-istess grupp tal-kriminalità organizzata fil-Polonja.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Grupp tal-kriminalità organizzata kien attiv madwar l-UE kollha, billi jagħmel *skimming* u jiffalsifika karti tal-ħlas u jiġbed flus b'mod illegali. L-attivitajiet kriminali u t-transazzjonijiet illegali minn karti wasslu għal telf finanzjarju sostanzjali għad-detenturi u l-emittenti tal-karti fl-UE.

L-operazzjoni b'suċċess tmexxiet mill-awtoritajiet Rumeni tal-infurzar tal-liġi, u kienet appoġġjata mill-Europol u l-Pulizija Pollakka.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Ġew arrestati ħames membri tal-istruttura kriminali internazzjonali fir-Rumanija.
- Matul 14-il perkwiżizzjoni ta' djar f'bosta bliet Rumeni, il-pulizija ssekwestrat ammonti kbar ta' flus (EUR 50 000, USD 50 000 u GBP 15 000), kif ukoll prodotti mixtrija bi frodi mis-suspettati.

Meta tuża l-magni għall-ġbid ta' flus (ATM)...

...l-Europol jirrakkomanda xi miżuri sempliċi biex tevita milli tisfa vittma ta' skimming.

Oqgħod qrib il-magna għall-ġbid ta' flus.

Kun af min hemm madwarek.
Jekk xi ħadd iġib ruħu b'mod suspettuż, qiegħed irassek jew josservak, waqqaf it-transazzjoni u uża magna differenti.

Ipproteġi l-kodiċi PIN tiegħek. Dejjem **agħtti t-tastiera** b'idejk u b'ġismek biex tevita milli xi ħadd jarak iddaħħal il-PIN tiegħek. Tgħid il-PIN tiegħek lil ħadd, lanqas jekk jgħidu li huma uffiċjali tal-pulizija jew rappreżentanti tal-bank.

Jekk tinnota **xi ħaġa mhux tas-soltu** dwar il-magna għall-ġbir ta' flus stess, tużahiex u rraportaha minnufih lill-bank jew lill-pulizija.

3.5 Kriminalità tal-proprjetà intellettwali

Ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) jirreferi għall-ksur ta' żewġ kategoriji ewlenin ta' drittijiet rikonoxxuti u protetti. L-ewwel wieħed huwa relatat mal-**proprjetà industrijali** li tkopri oqsma bħal sinjali distintivi (*trade marks*), privattivi, disinji u mudelli (falsifikazzjoni). It-tieni wieħed jirreferi għad-**dritt tal-awtur** ta' xogħlijiet letterarji u artistiċi bħal films, ħidma mużikali u programmi softwer (piraterija). Il-**falsifikazzjoni** hija r-reat marbut mal-ksur ta' proprjetà industrijali, filwaqt li l-**piraterija** hija r-reat marbut ma' ksur tad-dritt tal-awtur.

Għal xi snin, il-falsifikazzjoni m'għadhiex limitata għal prodotti ta' lussu - hija problema li taffettwa kull tip ta' prodotti.

Il-falsifikazzjoni u l-piraterija jistgħu jikkaġunaw dannu serju għall-ekonomija, lill-konsumaturi u s-soċjetà. Jaffettwaw il-kummerċ leġittimu billi jnaqqsu l-bejgħ u d-dħul, u konsegwentement jaffettwaw l-innovazzjoni, l-investiment u r-riżorsi allokati għar-riċerka u l-iżvilupp. Iħeġġu kompetizzjoni inġusta peress li l-falsifikaturi ma jħarsux liġijiet, regolamenti, regoli, taxxi u dazji li l-kumpaniji leġittimi jridu jobdu. Konsegwentement, jaffettwaw l-impjiegi u jċaħħdu lill-baġits nazzjonali minn taxxi u dħul minn dazji.

Forsi b'mod iktar serju, il-falsifikazzjoni tista' tkun ta' riskju sinifikanti għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, speċjalment meta wieħed iqis li l-prodotti bħal tagħmir elettroniku, xorb, sigaretti, oġġetti tal-ikel, mediċini, pestiċidi, ilbies u ġugarelli kollha kemm huma kienu soġġetti għal falsifikazzjoni.

L-intelligence u l-provi miġbura mill-Europol jissuġerixxu li l-gruppi tal-kriminalità organizzata huma involuti b'mod effettiv fil-piraterija u l-kummerċ illeċitu ta' prodotti ffalsifikati. L-ammont enormi ta' flus iġġenerat mill-attivitajiet illegali tagħhom, flimkien mal-livell baxx ta' penali jew prosekuzzjonijiet effettivi f'dan il-qasam, għenu sabiex l-organizzazzjonijiet kriminali jagħmlu qligħ sostanzjali, li mbagħad isostni attivitajiet kriminali oħrajn. Dawn jinkludu rabtiet mal-immigrazzjoni illegali, ħasil tal-flus, kutrabandu, traffikar ta' drogi u korruzzjoni.

Iċ-ċifri juru li, fl-2010, id-dwana żammet iktar minn 103 miljun prodott iffalsifikat u soġġett għal piraterija, li jinvolvu kważi 80 000 każ, fil-fruntieri tal-UE.[29] Dawn iċ-ċifri ma jiħdux f'kunsiderazzjoni 'sekwestri intra-UE' u investigazzjonijiet li saru minn aġenziji oħrajn tal-infurzar tal-liġi bħall-pulizija u s-servizzi tad-dwana. Barra minn hekk, ma jinkludux l-identifikazzjoni ta' prodotti ffalsifikati manifatturati fi ħdan l-UE. L-Osservatorju Ewropew dwar il-Falsifikazzjoni u l-Piraterija nħoloq bil-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni u l-istatistiki disponibbli dwar il-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-suq intern tal-UE.

Saru bosta sekwestri ta' pestiċidi ffalsifikati f'bosta Stati Membri u, fl-2011, l-Europol organizza laqgħa operattiva mal-awtoritajiet ikkonċernati. L-Europol qiegħed jippjana sessjoni ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni fl-2012 għall-Istati Membri sabiex jikkondividu għarfien u jikkoordinaw azzjoni konġunta kontra l-fenomenu.

[29] Kummissjoni Ewropea – Tassazzjoni u unjoni doganali. Rapport dwar l-infurzar doganali tal-UE tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Riżultati fil-fruntiera tal-UE – 2010 (*Taxation and customs union. Report on EU customs enforcement of intellectual property rights. Results at the EU border*).

Operazzjoni Opson

Qasam kriminali ewlieni Falsifikazzjoni ta' ikel u xorb

Pajjiżi parteċipanti Il-Bulgarija, id-Danimarka, Franza, l-Ungerija, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija, Spanja, it-Turkija, ir-Renju Unit

Kontribut tal-Europol

- Minbarra li assista fl-ippjanar tal-operazzjoni fuq sitt xhur, l-Europol ta appoġġ operattiv, billi skjera timijiet fil-port ta' Rotterdam biex jassistu lid-dwana Olandiża, u fl-Interpol f'Lyon.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Mijiet ta' tunnellati ta' ikel u xorb iffalsifikati inklużi xampanja, ġobon, żejt taż-żebbuġa u te ġew issekwestrati f'din l-operazzjoni kkoordinata bejn l-Interpol u l-Europol f'10 pajjiżi, u b'hekk, ġew imrażżna l-klikek tal-kriminalità organizzata wara din l-attività.

L-operazzjoni li damet għaddejja ġimgħa involviet lil pulizjia u korpi doganali u regolatorji nazzjonali tal-ikel minbarra msieħba mis-settur privat u rat it-twettiq ta' verifiki li saru fl-ajruporti, portijiet, ħwienet u swieq tal-monti f'10 pajjiżi parteċipanti.

L-Operazzjoni Opson (li tfisser 'ikel' bil-Grieg l-Antik) kellha tliet skopijiet ewlenin:

- Iżżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-perikli minn ikel iffalsifikat u substandard
- Tistabbilixxi sħubijiet mas-settur privat biex jipprovdu tweġiba koeżiv għal dan it-tip ta' delitt
- Tipproteġi lill-konsumaturi billi jiġi ssekwestrat u jinqered ikel substandard u jiġu identifikati l-kriminali wara dawn in-netwerks.

L-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin u l-eżiti finali mill-Operazzjoni Opson sejrin jinħarġu mal-konklużjoni tagħhom. Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo pparteċipat bħala osservatriċi, bil-għan li twettaq operazzjoni pilota s-sena d-dieħla.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi irkupraw
  - iktar minn 13 000 flixkun ta' żejt taż-żebbuġa substandard
  - 30 tunnellata zalza tad-tadam falza
  - madwar 77 tunnellata ġobon iffalsifikat
  - iktar minn 12 000 flixkun inbid substandard b'valur ta' EUR 300 000
  - 5 tunnellati ħut u ikel tal-baħar substandard
  - kważi 30 000 pakkett ċikkulata ffalsifikati.
- Qiegħed jiġi investigat ukoll il-bejgħ ta' kavjar falz jew substandard permezz tal-Internet.

Konferenza Internazzjonali dwar l-Infurzar tal-Liġi fuq il-Proprjetà Intellettwali, Madrid

F'Settembru, l-Europol, flimkien mal-Interpol u l-Cuerpo Nacional de Policía ta' Spanja, ospita dan l-avveniment ta' tliet ijiem. Il-konferenza ġabret flimkien iktar minn 450 investigatur speċjalist, prosekutur u esperti dwar delitti tal-IP minn 52 pajjiż li rrappreżentaw kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat.

Il-workshops operattivi u s-sessjonijiet ta' laqgħat ippermettew lill-parteċipanti sabiex jikkondividu l-aħjar prattiki u jiddiskutu metodoloġiji operattivi. L-Europol ippreżenta l-kapaċitajiet operattivi tiegħu.

Din il-konferenza tat l-opportunità perfetta sabiex jinxteħet dawl fuq il-perikli kollha imposti minn prodotti ffalsifikati u soġġetti għal piraterija kif ukoll biex jiġi promoss l-appoġġ analitiku u operattiv tal-Europol mal-investigaturi.

Operazzjoni Leatherface

Qasam kriminali ewlieni Għodod elettriċi ffalsifikati u substandard

Pajjiżi parteċipanti Spanja

Kontribut tal-Europol

- L-Europol għarraf lill-awtoritajiet Spanjoli tal-infurzar tal-liġi b'intelligence li tissuġġerixxi attività kriminali fil-ġurisdizzjoni tagħhom

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-intelligence identifikat kriminali organizzati fi Spanja li kienu attivi fil-ħasil tal-flus, evażjoni fiskali u delitti kontra l-proprjetà intellettwali.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Il-Guardia Civil ta' Spanja arrestat 64 persuna. 62 minn dawk arrestati kienu Taljani b'rabtiet mal-Camorra
- Ġie perkwiżit bini f'Malaga, Madrid, Barċellona, Valencia u Sevilla, u ġew sekwestrati kwantitajiet kbar ta' merkanzija substandard jew 'falza' tad-ditta inklużi ġeneraturi, lupi u għodod elettriċi oħrajn.

Kondiviżjoni ta' karti

Fl-2011, l-Europol organizza sessjoni ta' taħriġ u laqgħa operattiva dwar il-'kondiviżjoni ta' karti' (*cardsharing*), il-fenomenu ta' manifattura u tqassim ta' *smart cards* tat-TV bi Ħlas (Pay TV) soġġetti għal piraterjia. Din l-attività ftit li xejn tiġġenera interess jew sensibilizzazzjoni minkejja qligħ enormi għan-netwerks kriminali u l-intelligence tal-Europol turi kif ħafna minnha hija kkontrollata minn ċittadini tal-UE.

3.6 Kutrabandu ta' sigaretti

L-Europol jappoġġja aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet tal-gruppi tal-kriminalità organizzata (OCGs) li jimmanifatturaw u jittraffikaw b'mod illegatli sigaretti u prodotti tat-tabakk.

Il-kutrabandu tat-tabakk mhuwiex delitt li ma jħallix vittmi. It-telf tad-dħul mill-gvern huwa flus vitali li jista' jintefaq fuq servizzi pubbliċi essenzjali, bħal skejjel, sptarijiet, toroq u l-infurzar tal-liġi.

- Huwa stmat li l-kummerċ illeċitu tat-tabakk jiswa lill-UE madwar EUR 10 biljun fis-sena fi dħul mitluf
- Kontejner ta' 40 pied (12m) jista' jaħżen sa 10 miljun sigarett. Jekk dan l-ammont jiddaħħal b'kutrabandu, pereżempju, fl-Irlanda, f'dak il-każ, id-dħul mitluf ikun ta' madwar EUR 3 miljun. Jekk jiddaħħal b'kutrabandu fir-Renju Unit, jiġi madwar GBP 1.25 miljun fi dħul mitluf
- Skont il-British American Tobacco (BAT), il-kriminali li jdaħħlu kutrabandu jbiegħu 52 biljun sigarett fis-sena fl-UE, li huwa ekwivalenti għal 6000 kontejner ta' 40 pied. Il-prezz ta' bejgħ medju fl-UE tal-prodott illeċitu huwa ta' EUR 2.50 għal kull pakkett.

Biex jiżdied il-qligħ, it-tabakk illegali jiġi prodott b'materjali rħas, u bi ftit kas tas-saħħa u l-kontrolli fuq il-kwalità. Dawn is-sigaretti jinbiegħu lil dawk li jpejpu minflok prodotti ġenwini, li jilħqu ċerti standards. Il-prodotti ffalsifikati ġeneralment ikun fihom livelli ferm ogħla ta' żift u nikotina meta mqabbla ma' ditti ġenwini, u jipproduċu monossidu tal-karbonju iktar dannuż. Jistgħu jinkorporaw taħlita serjament perikoluża għas-saħħa ta' sustanzi kimiċi li jikkaġunaw il-kanċer inkluż arseniku, kadmju, benżen u formaldeid – ferm iktar minn sigaretti ġenwini. Saħansitra nstab li sigaretti ffalsifikati ssekwestrati fihom dud, bajd ta' insetti, fungi u rawt.

Prodotti tat-tabakk iffalsifikati u mdaħħla b'kutrabandu jinbiegħu fis-swieq miftuħin u l-klijenti spiss ma jkunux jafu li qegħdin jixtru prodotti illegali. Il-flus li jħallsu jmorru direttament għand il-gruppi kriminali, u b'hekk jiffinanzjaw oqsma oħrajn ta' kriminalità organizzata serja u terroriżmu.

- Il-korp investigattiv tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti - il-Grupp ta' Esperti - irrapporta kif miljuni ta' dollari fi dħul minn tabakk illeċitu qegħdin jilħqu l-Al-Qaeda, it-Talibani u organizzazzjonijiet terroristiċi oħrajn. Ir-rapport tagħhom kompla jiddikkjara li dawn il-fondi qegħdin jiffinanzjaw ukoll ribelli mill-Kongo, li jdaħħlu suldati tfal u jwettqu stupri u qtil tal-massa.
- F'Jannar 2011, il-Pulizija Rjali Kanadiża biż-Żwiemel stmaw li mill-105 OCGs li kienu qegħdin jinvestigaw għal kutrabandu ta' tabakk, 69% minnhom huma involuti wkoll fit-traffikar ta' drogi u armi.
- Ħafna pajjiżi jqisu lilhom infushom sempliċi pajjiżi ta' transitu fil-kummerċ illeċitu tat-tabakk. Madanakollu, qegħdin ibatu wkoll minn dan it-tip ta' kriminalità għaliex l-OCGs jeħtieġu mħażen, trasport, u appoġġ finanzjarju, sabiex imexxu l-prodotti illegali tagħhom minn sors għas-suq u sabiex iwettqu l-ħasil ta' flus fuq ir-redditu li jagħmlu. Tul dawn ir-rotot, is-swieq sotterrani joperaw f'appoġġ loġistiku biex iħaffu l-kummerċ, l-infurzar tal-liġi tista' tiġi korrotta u jbatu n-negozji leġittimi.

Operazzjoni Tsar

Qasam kriminali ewlieni Netwerks internazzjonali ta' kutrabandu ta' sigaretti

Pajjiżi parteċipanti Ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, is-Slovakkja

Kontribut tal-Europol

- L-operazzjoni kienet appoġġjata u kkoordinata mill-Europol u l-Eurojust, li inkludiet jum ta' azzjoni ppjanat sew b'iktar minn 150 uffiċjal tal-infurzar tal-liġi skjerati
- Ċentru ta' koordinazzjoni twaqqaf malajr mill-Eurojust b'uffiċċju mobbli operat minn analist tal-Europol, li pprovda appoġġ analitiku vitali sa minn fażi bikrija
- L-approċċ ikkoordinat bejn bosta aġenziji fil-livell tal-UE ppermetta sabiex isir skambju f'ħin reali ta' informazzjoni u provi, kooperazzjoni bejn awtoritajiet doganali, awtoritajiet ta' pulizija u ġudizzjarji fil-pajjiżi involuti, u analiżi kontroreferenzjali immedjata tad-data miġbura

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-Europol u l-Eurojust appoġġjaw lil bosta Stati Membri biex ifarrku netwerk kbir ta' kriminali li jagħmlu kutrabandu ta' sigaretti ffalsifikati li joperaw mill-Ukraina lejn ir-Renju Unit.

F'każ miftuħ minn Franza, l-investigazzjoni kixfet l-eżistenza ta' organizzazzjoni kriminali strutturata stabbilita f'reġjun tal-Ukraina li tinsab fil-konfini ma' bosta Stati Membri tal-UE. Dan in-netwerk operat permezz ta' kumpaniji *front* f'diversi mill-pajjiżi involuti, bl-użu ta' trasportaturi konformi.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Inħarġu 5 Mandati ta' Arrest Ewropew, b'5 arrestati. Is-suspettati sejrin jiġu proċessati
- 13-il perkwiżizzjoni simultanja fi djar u kumpaniji, li rriżultaw fis-sekwestru ta' ġabra kbira ta' evidenza dokumentarja, kompjuters, mobajls u bosta strumenti informatiċi

3.7 Falsifikazzjoni tal-euro

L-Europol għandu l-mandat li jipprevjeni u jiġġieled il-falsifikazzjoni ta' flus, b'mod partikolari l-euro, u ntgħażel mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Unjoni Ewropea biex jiġġieled il-falsifikazzjoni tal-euro. Dan l-istatus legali jikkwalifika lill-Europol sabiex jaġixxi bħala punt ta' kuntatt dinji għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tal-euro.

L-Europol jikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF - *European Anti-Fraud Office*), l-Interpol u msieħba oħrajn.

Biex jaqdi din il-funzjoni ta' Uffiċċju Ċentrali, l-Europol joffri firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi lill-imsieħba tiegħu:

- L-Europol jappoġġja b'mod attiv lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi billi jiġbor, janalizza, iqassam u jħaffef l-iskambju ta' intelligence kriminali, kif ukoll billi jipprovdi kompetenzi u għarfien oħrajn biex jassisti fl-investigazzjonijiet
- L-Europol huwa involut fl-investigazzjonijiet ewlenin kollha ta' falsifikazzjoni tal-euro fl-UE, inklużi t-Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta
- Jingħataw ukoll appoġġ finanzjarju u assistenza fuq il-post meta dawn jintalbu
- L-Europol jipprovdi appoġġ forensiku lil aġenziji tal-infurzar tal-liġi sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini tal-materjali u l-apparati użati għall-manifattura ta' prodotti ffalsifikati
- Nipprovdu wkoll appoġġ tekniku u taħriġ dwar kwistjonijiet tattiċi u tekniċi biex l-euro tkun protetta minn falsifikazzjoni.

Operazzjoni Gazeta

Qasam kriminali ewlieni Produzzjoni tal-massa ta' euro falsifikati

Pajjiżi parteċipanti Il-Polonja

Kontribut tal-Europol

- Assista l-operazzjoni billi ħaffef il-kooperazzjoni internazzjonali
- Stabbilixxa n-netwerk ta' distribuzzjoni għall-prodotti falsifikati barra l-Polonja
- Qabel ir-*raid* ipprovda parir tekniku dwar it-tekniki u t-tagħmir ta' stampar falsifikat li jistgħu jintużaw minn dawn li jagħmlu l-falsifikazzjoni
- L-Europol ipparteċipa fl-analiżi tal-ħanut taz-zekka illegali u ta appoġġ tekniku fuq il-post

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Wieħed mill-ikbar ħwienet ta' stampar tal-euro falsifikati fl-Ewropa ġie żarmat f'operazzjoni tal-Pulizija Pollakka appoġġjata mill-Europol.

L-ewwel, il-Pulizija Pollakka kienu qegħdin jinvestigaw attivitajiet ta' frodi marbutin mal-użu ta' dokumenti ffalsifikati, u mbagħad skoprew post fejn isiru karti tal-identità foloz. Intebħu li fl-istess post kienu qegħdin jiġu prodotti flus falsifikati.

Meta l-infurzar tal-liġi għamlu *raid* fil-bini qrib Varsavja, skoprew impjant sħiħ għall-istampar, li jipproduċi karti tal-flus foloz kif ukoll dokumenti ffalsifikati.

Is-suċċess ta' din l-operazzjoni evita l-produzzjoni u d-distribuzzjoni potenzjali ta' ammonti kbar ħafna ta' flus falsifikati tal-euro ta' kwalità għolja, li kapaċi jgħelbu s-sensers ta' awtentikazzjoni kummerċjali.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Ġie ssekwestrat numru rekord ta' karti tal-flus falsifikati tal-50 u 500 euro, b'valur nominali totali ta' iktar minn miljun euro
- Raġel ġie arrestat għall-produzzjoni ta' karti tal-flus falsifikati u dokumenti foloz
- Ġew ikkonfiskati 7500 karta A4 mhux maqtugħa ta' karti tal-flus tal-50 euro b'karatteristiċi tas-sigurtà bħal ologrammi
- Ġiet issekwestrata firxa wiesgħa ta' tagħmir u materjal poligrafiku għal iktar produzzjoni falsifikata, inkluża magna *offset*
- Il-pulizija ħadet magħha kwantitajiet kbar ta' dokumenti ffalsifikati u materjali tal-produzzjoni relatati inklużi karti tal-identità, passaporti, dokumenti ta' reġistrazzjoni ta' vetturi minn pajjiżi Ewropej differenti, atti legali u timbri minn uffiċċji statali differenti.

Operazzjoni Chipmunk

Qasam kriminali ewlieni Produzzjoni ta' karti tal-flus u muniti tal-euro falsifikati

Pajjiżi parteċipanti Il-Belġju, Franza

Kontribut tal-Europol

- L-esperti kienu preżenti fiċ-ċentru ta' koordinazzjoni operattiva sabiex jipprovdu appoġġ ta' kompetenzi tekniċi u analiżi operattiva
- L-analiżi teknika tal-Europol tal-karti tal-flus issekwestrati identifikathom bħala marbutin ma' investigazzjoni mwettqa mill-imsieħba tal-infurzar tal-liġi Taljani u oħrajn internazzjonali

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

F'investigazzjoni mibdija mill-awtoritajiet Belġjani[30] u appoġġjata mill-Europol, ingħalqu żewġt iħwienet illegali taz-zekka tal-euro u tkisser grupp tal-kriminalità organizzata attiv fid-distribuzzjoni ta' karti tal-flus u muniti tal-euro falsifikati.

Is-suspettati ta' oriġini Tajana u Belġjana, ġew arrestati wara li kienu stabbilixxew żewġ ħwienet illegali taz-zekka ta' daqs industrijali fil-Belġju, li fihom ipproduċew muniti falsifikati tal-euro. Anki l-Pulizija Franċiża kienet involuta f'din l-operazzjoni, wara l-arrest iktar kmieni ta' suspettat fi Franza li permezz tiegħu ġew stabbiliti rabtiet mal-investigazzjoni Belġjana.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- L-investigazzjoni kixfet il-forniment ta' karti tal-flus tal-euro falsifikati b'valur nominali totali ta' madwar EUR 60 000
- Minbarra z-zekek illegali u l-muniti lesti, ġew issekwestrati wkoll strumenti u materjali użati biex jiġu prodotti muniti falsifikati ta' euro u ta' ħamsin ċenteżmu, bħal forom imnaqqxa u muniti vojta.
- Instabu wkoll bosta armi tan-nar matul l-operazzjoni.

[30] Il-Pulizija Federali Belġjana tad-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali (CID - *Criminal Investigation Department*) ta' Mons appoġġjata mill-Pulizija lokali f'La Louviere, il-Monnaie Rjali tal-Belġju u l-Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali Belġjan (OCRFM - *Office Central pour la Répression du Faux Monnayage*).

Tim ta' Investigazzjoni Konġunta (JIT) Limón

Qasam kriminali ewlieni Falsifikazzjoni tal-euro u *skimming* ta' karti

Pajjiżi parteċipanti Il-Bulgarija u Spanja appoġġjati mill-Istati Uniti

Kontribut tal-Europol

- Matul il-fażi ta' investigazzjoni, l-Europol ħejja bosta rapporti ta' intelligence u ħaffef l-iskambju ta' intelligence, li rriżultaw ukoll fl-iskoperta ta' rabtiet kriminali ġodda
- L-esperti tal-Europol ipprovdew appoġġ tekniku billi eżaminaw il-bini ta' ħanut taz-zekka li jinstab f'Sofia li juża tagħmir speċjali biex isib traċċi bi stampi tal-euro
- L-Europol ipprovda wkoll appoġġ finanzjarju għall-investigazzjoni.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Twaqqaf Tim ta' Investigazzjoni Konġunta bejn il-Bulgarija, Spanja, l-Eurojust u l-Europol biex jindirizza l-falsifikazzjoni tal-euro. Anki s-Servizzi Sigrieti tal-Istati Uniti appoġġjaw il-JIT.

Grazzi għal dan il-JIT li rnexxa, iżżarmaw tliet iħwienet taz-zekka tal-euro falsifikati u l-gruppi tal-kriminalità organizzata involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' flus falsifikati ma setgħux jibqgħu jagħmlu dan.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Saru sitt arresti u żżarma ħanut taz-zekka illegali li pproduċa karti tal-flus ta' 100, 200 u 500 euro fi Plovdiv, fil-Bulgarija
- Ġew issekwestrati karti tal-flus falsifikati b'valur nominali ta' iktar minn nofs miljun euro, magna offset, magna tal-istampar fuq fojl jaħraq, forom imnaqqxa, linek, kompjuters u films
- Iktar tard, ġew żarmati żewġ ħwienet taz-zekka oħrajn f'Sofia u l-inħawi tagħha. Dawn kienu qegħdin jipproduċu euro u dollari tal-Istati Uniti falsifikati
- Ġew issekwestrati wkoll prodotti ffalsifikati oħrajn bħal passaporti, tikketti tat-taxxa u karti tal-plastik, uħud b'logos tal-karti ta' kreditu.

3.8 Frodi tal-VAT

Il-Kummissjoni Ewropea tistma li l-Frodi tal-VAT jiswa lill-Istati Membri madwar EUR 60 biljun fis-sena. Il-Frodi Intra-Komunitarju b'Negozjant Nieqes (MTIC) huwa forma ta' frodi tat-taxxa organizzat, sofistikat imwettaq minn kriminali li jattakkaw ir-reġimi ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) tal-Istati Membri tal-UE. Il-mudell bażiku ta' Frodi tal-VAT transnazzjonali intra-Komunitarju jinvolvi tal-inqas żewġ Stati Membri.

Il-frodi MTIC jitwettaq minn kriminali organizzati li jimplimentaw struttura ta' kumpaniji u individwi marbutin biex jisfruttaw id-differenzi fis-sistemi nazzjonali tal-VAT filwaqt li jaħbu r-rabtiet reali bejn il-parteċipanti. Dawk involuti fi skemi ta' Frodi tal-VAT li huma inizjalment responsabbli mid-danni tat-taxxa - dawk l-imsejħa negozjanti nieqsa - joperaw biss għal perjodu qasir, xi drabi ftit ġimgħat biss, qabel jgħibu. L-iskemi jistgħu jkunu bbażati fuq transazzjonijiet ta' 'frodi *carousel*' reali, jew dan l-aħħar dejjem iktar virtwali, fejn l-istess 'prodotti' jinbiegħu u jerġgħu jinbiegħu bosta drabi.

Madanakollu, frodi MTIC ibbażat fuq prodotti tanġibbli - spiss jinvolvi prodotti bħal mobajls, ċipep tal-kompjuter jew metalli prezzjużi - ma għadux l-uniku tħassib. Ġiet esperjenzata transizzjoni ċara lejn frodi bbażat fuq is-servizzi, hekk kif dawk li jwettqu l-frodi wrew interess f'oġġetti intanġibbli u estendew l-attivitajiet kriminali tagħhom fis-swieq ambjentali u tal-enerġija.

Waħda mill-prijoritajiet tal-Europol matul l-2011 kienet li jikkoordina u jqassam intelligence biex jappoġġja l-investigazzjonijiet kriminali tal-Istati Membri fil-Frodi tal-VAT fin-negozjar ta' emissjonijiet tal-karbonju, jew Kwoti tal-Unitajiet Ewropej (EUAs - *European Unit Allowances*).

L-Europol jistima li t-telf għal frodi ta' kreditu tal-karbonju bejn Ġunju 2008 u Diċembru 2009 kien ta' bejn wieħed u ieħor EUR 5 biljun. Minn dak in-nhar, saru operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi mill-Ġermanja (April 2010) u l-Italja (Diċembru 2010), li involvew l-arrest ta' bosta individwi u l-perkwiżizzjoni ta' ħafna djar. Fl-Europol twaqqaf grupp ta' mira sabiex jikkoordina madwar 30 investigazzjoni kriminali fl-Istati Membri tal-UE. L-ewwel proċess tas-suspettati akkużati bi frodi tal-kreditu tal-karbonju sar fi Franza f'Jannar 2012, u daqt sejjer jiġi segwit minn proċessi simili fil-Ġermanja u r-Renju Unit.

Il-proġett ta' analiżi tal-Europol dwar il-frodi MTIC huwa l-unika database fil-livell tal-UE għall-ħżin ta' informazzjoni kriminali relatata u din saret is-sors ewlieni ta' referenza għall-operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi. L-għarfien u d-data maħżuna fi ħdan l-Europol jippermettu l-iżvilupp ta' stampa solida dwar dan il-qasam tal-kriminalità u jidentifikaw il-persuni l-aktar kriminali fil-mira. L-Europol sar ċentru ta' eċċellenza għall-ġlieda kontra l-frodi MTIC transkonfinali u reati assoċjati.

Matul l-2011, l-Europol appoġġja investigazzjonijiet tal-Istati Membri:

- Fl-attività kriminali fis-Sistema ta' Negozjar tal-Emissjonijiet tal-UE (frodi tal-kreditu tal-karbonju).
- Fis-serq ta' EUAs negozjabbli (Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE).
- F'bosta attakki b'suċċess ta' phishing minn kontijiet li jinżammu fir-Reġistri Nazzjonali.

Dan inkluda l-attivitajiet ewlenin li ġejjin:

- L-iskjerament tal-uffiċċju mobbli biex jiġu appoġġjati l-ġbir u l-analiżi tal-intelligence f'Dubai.
- Laqgħa Strateġika Konġunta bejn l-Europol u l-Eurojust dwar il-Frodi tal-VAT, li attendew għaliha madwar 80 espert mill-infurzar tal-liġi, mill-ġudikatura u dawk li jfasslu l-politiki minn madwar l-UE.

- Laqgħat ta' koordinazzjoni strateġika, operattiva u ta' intelligence mal-imsieħba rilevanti inklużi il-Eurojust, l-HM Revenue and Customs (HMRC) tar-Renju Unit u l-Awtorità tal-Pulizija ta' Dubai.
- 8 arresti u 20 perkwiżizzjoni f'bini fir-Renju Unit b'rabta mal-Operazzjoni Vista, ikkoordinata ma' 33 perkwiżizzjoni f'bini fil-Ġermanja u uħud fir-Repubblika Ċeka, b'talba għal appoġġ sħiħ biex jiġi analizzat il-materjal issekwestrat.

Ġew identifikati u analizzati wkoll il-pjattaformi u l-faċilitajiet ta' ħlas li jsostnu l-flussi finanzjarji kriminali, u dan sejjer iwassal għal konferenza fl-2012 fl-Europol dwar din il-kwistjoni sabiex jiġu diskussi s-sejbiet u tiġi kkoordinata t-tweġiba mill-infurzar tal-liġi tal-UE.

L-Europol jappoġġja l-Istrument Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX - *Technical Assistance and Information Exchange*) amministrat mill-Kummissjoni Ewropea. Is-seminars iħaffu l-kondiviżjoni ta' għarfien u l-aħjar prattiki bejn l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi mill-UE u l-pajjiżi ġirien. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE hija essenzjali fil-ġlieda kontra l-Frodi tal-VAT peress li l-qligħ kriminali spiss jiġi soġġett għal ħasil tal-flus barra l-Unjoni Ewropea.

Operazzjoni Jacquo New

Qasam kriminali ewlieni Frodi tal-VAT

Pajjiżi parteċipanti Il-Belġju, Franza, Spanja, ir-Renju Unit

Kontribut tal-Europol

- Bosta Stati Membri talbu l-appoġġ operattiv u analitiku tal-Europol għal investigazzjonijiet kriminali kontinwi relatati ma' Frodi tal-VAT fil-kummerċ tal-platinu
- Is-sejbiet analitiċi tal-Europol urew rabtiet ċari bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq
- L-Europol ipparteċipa fit-Tim ta' Investigazzjoni Konġunta
- Franza talbet l-iskjerament tal-uffiċċju mobbli tal-Europol biex jiċċekkja u janalizza d-data miksuba "in situ" matul l-iżvilupp tal-operazzjoni
- L-Europol wettaq għadd ta' verifiki analitiċi fuq dokumenti ssekwestrati matul il-perkwiżizzjonijiet. Ġew stabbiliti sejbiet li qablu ma' investigazzjonijiet relatati eżistenti, kif ukoll żewġ rabtiet ġodda ma' wieħed mis-suspettati ewlenin ta' frodi tal-kreditu tal-karbonju. Għadha għaddejja analiżi ulterjuri.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Saret laqgħa fl-Eurojust li wasslet għall-ħolqien ta' JIT bejn il-Belġju u Franza bil-parteċipazzjoni tal-Europol.

L-investigaturi Franċiżi u Belġjani identifikaw atturi ewlenin issuspettati b'involviment fi Frodi tal-VAT u kellhom fil-mira tagħhom kumpanija Belġjana li tinnegozja f'metalli prezzjużi, bi klijenti li jinstabu fir-Renju Unit, Franza u Spanja.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Saru tiftixiet ikkoordinati mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi ta' Franza u l-Belġju, li bihom setgħu jiġu assoċjati direttament seba' persuni mas-suspettati ewlenin fl-investigazzjoni Franċiża.

3.9 Ħasil tal-flus u rintraċċar tal-assi

L-indikazzjonijiet huma li 70% tad-delitti kollha huma akwiżittivi,[31] u li jġbiu dħul enormi għall-kriminali. B'hekk, il-parti l-kbira tal-każijiet investigati mill-infurzar tal-liġi għandhom xi ħaġa waħda komuni bejniethom - skop finanzjarju għat-twettiq tad-delitt. Il-mogħdija ta' mnejn jgħaddu l-flus twassal għall-kriminali, u dan jista' jrażżan l-assoċjati tagħhom u jippermetti l-konfiska potenzjali tar-redditu mid-delitti tagħhom. Dan l-approċċ jattakka l-bażi ekonomika tal-impriża kriminali u jipprevjeni milli jerġgħu jiġu investiti r-redditi illegali f'attivitajiet kriminali oħrajn.

L-Europol jappoġġja lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra attivitajiet kriminali ta' ħasil tal-flus permezz ta' proġett iddedikat ta' analiżi operattiva, li bħalissa huwa appoġġjat minn 25 Stat Membru tal-UE flimkien mal-Eurojust u l-Islanda. Il-proġett jassisti lill-Istati Membri permezz tal-analiżi ta' data operattiva li tappartjeni għal Rapporti ta' Transazzjonijiet Suspettużi ffiltrati mill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi, Rapporti dwar Transazzjonijiet ta' Muniti u investigazzjonijiet kontinwi dwar il-ħasil tal-flus.

Il-ħidma tisfrutta l-valur intrinsiku tal-intelligence finanzjarja, bħal rapporti dwar transazzjonijiet suspettużi, l-integrazzjoni ta' dik l-informazzjoni ma' intelligence li tiġi minn każijiet kontinwi ta' ħasil tal-flus u sejbiet ta' flus transkonfinali. Barra minn hekk, l-Europol jipprovdi appoġġ orizzontali lil proġetti li għaddejjin oħrajn tal-Europol billi jassisti lil speċjalisti fl-analiżi tal-flussi finanzjarji.

Attivitajiet fl-2011

Ċaqliq transkonfinali mhux tas-soltu ta' ġemgħa flus kontanti (bulk cash) (USD)

L-Europol irċieva kontributi ta' intelligence dwar ċaqliq mhux tas-soltu ta' somom kbar ta' dollari tal-Istati Uniti li seħħew fi ħdan ir-rotta Ukraina-Rumanija-Bulgarija-Turkija. Madwar 200 miljun dollaru tal-Istati Uniti fi flus kontanti kienu ġew iddikkjarati fuq perjodu ta' sentejn (Marzu 2008 - Ġunju 2010). L-awtoritajiet Bulgari pproponew sabiex tiġi organizzata laqgħa strateġika flimkien mal-awtoritajiet Rumeni, Torok u Ukraini. Dan sar fl-2011 - il-kanali ta' komunikazzjoni ġew iċċarati u l-Ukraina qablet li tikkunsidra tiftaħ investigazzjoni.

Operazzjoni Spectre II: operazzjoni ta' kurrier ta' flus multinazzjonali

F'Novembru 2011 l-Europol skjera l-uffiċċju mobbli tiegħu biex jappoġġja operazzjoni ta' sekwestru u sejbien ta' flus f'bosta aġenziji f'portijiet u fruntieri tar-Renju Unit. L-Europol ittratta 271 talba matul l-operazzjoni li rriżultaw f'19-il sekwestru u 4 taqbiliet veri. Ġew issekwestrati GBP 418 136 fi flus matul l-operazzjoni, u GBP 1 412 722 oħrajn fi flus instabu f'fidda, ġojjelli u khat.[32]

Grupp internazzjonali tal-kriminalità organizzata involut fil-ħasil tal-flus mit-traffikar ta' kokaina

B'appoġġ tal-JIT Playa, l-Europol ipprovda appoġġ orizzontali permezz tal-għoti ta' analiżi finanzjarja ddedikata u bosta rapporti ta' analiżi operattiva. Il-JIT wassal għall-arrest ta' 10 persuni ssuspettati minn organizzazzjoni internazzjonali kbira ta' traffikar ta' drogi, wara investigazjoni internazzjonali fit-tul. Il-profitti tagħhom ġew investiti fix-xiri ta' proprjetà personali - karozzi lussużi, proprjetà, diskoteki u dgħajjes - fi Spanja u pajjiżi oħrajn. Biex jaħbu l-identitajiet tagħhom, il-klikka kriminali stabbilixxiet bosta kumpaniji. L-Europol ta wkoll appoġġ investigattiv u b'kompetenzi biex iħaffef l-irkupru tal-assi kriminali.

[31] Uffiċċju tal-Kabinett tar-Renju Unit, 2000.

[32] Khat hija pjanta li l-weraq tagħha jintmagħdu għal effett stimolanti simili għal dak tal-anfetamini, miġjub mill-ingredjenti attivi tagħha ta' cathine u cathinone. Hija sustanza projbita f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE.

Frodi kbir ta' investiment kollettiv tat-tip 'Ponzi'

L-Europol appoġġja investigazzjoni kbira f'bosta ġurisdizzjonijiet li investigat allegazzjonijiet li s-suspettati ewlenin kienu għamlu frodi fuq investituri, kemm privati kif ukoll korporattivi. L-investituri kienu taw somom kbar ta' flus bl-intendiment li kellhom jiġu investiti, bi qligħ sostanzjali ggarantit. Minflok, is-suspetti ewlenin użaw netwerk ta' kontijiet tal-banek biex bilmod il-mod ibattlu flus l-investituri fil-kontijiet privati tagħhom.

L-attivitajiet ta' ħasil tal-flus imwettqa f'livell internazzjonali jikkonfermaw l-użu wiesa' ta' metodi tradizzjonali bħal ċaqliq ta' flus minn kurriera ta' flus flimkien ma' tekniki sofistikati li għandhom l-għan li jistabbilixxu investimenti finanzjarji off-shore, mibgħuta fi transazzjoni taħt kappa korporattiva anonima. Il-każijiet attwali ta' ħasil tal-flus ġew irreġistraw ukoll l-involviment ta' professjonisti, speċjalment minn barra s-setturi finanzjarji tradizzjonali, li kien ilhom jintegraw ir-redditu illegali f'attivitajiet kummerċjali. Investimenti fil-proprjetà, attivitajiet kummerċjali u prodotti ta' lussu xorta għadhom uħud mill-iktar investimenti notevoli għall-gruppi tal-kriminalità organizzata.

L-**Uffiċċju tal-Assi Kriminali tal-Europol (ECAB - *Europol Criminal Assets Bureau*)** jassisti lill-investigaturi finanzjarji tal-Istati Membri biex jillokalizzaw minn madwar id-dinja r-redditi tad-delitti, meta l-assi jkunu nħbew barra l-fruntiera tal-ġurisdizzjoni tagħhom. L-ECAB jeżisti primarjament sabiex jirrintraċċa r-redditi kriminali f'investigazzjonijiet appoġġjati mill-Europol.

Fost aspetti importanti oħrajn tal-ħidma tal-ECAB, hemm inklużi t-twaqqif ta' Uffiċċji għall-Irkupru ta' Assi fl-Istati Membri, it-titjib tal-kooperazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew u l-ospitar tas-Segretarjat tan-netwerk CARIN.

Netwerk Inter-Aġenzjali għall-Irkupru tal-Assi ta' Camden (CARIN)

L-Europol jilqa' s-segretarjat permanenti għall-CARIN (*Camden Assets Recovery Inter-Agency Network*), li huwa netwerk informali ta' esperti ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi dwar l-irkupru ta' assi. Bħalissa, CARIN għandu 49 ġurisdizzjoni membru rreġistrata, inklużi kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u disa' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Kuntatt wieħed tal-infurzar tal-liġi u wieħed ġudizzjarju jiġu nnominati minn kull ġurisdizzjoni, sabiex jassisti l-kooperazzjoni transkonfinali fir-rintraċċar, l-iffriżar, is-sekwestru u l-konfiska ta' assi kriminali. Dawn il-kuntatti jassisti f'mistoqsijiet ġenerali dwar l-irkupru ta' assi fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, u jipprovdu wkoll appoġġ permezz ta' kanali legali disponibbli.

3.10 Gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata

Il-gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata (MOCGs) joperaw bi grad għoli ta' flessibilità u mobilità f'bosta ġurisdizzjonijiet u setturi kriminali. Filwaqt li huma primarjament involuti f'delitti relatati mal-proprjetà jew frodi, dawn il-kriminali jiffokaw fuq attivitajiet bħal:

- Serq (b'armi).
- Tidħil illegali fi djar, negozji u b'distrazzjoni.
- Serq organizzat minn ħwienet u min-nies fit-triq.
- Serq ta' merkanzija u metall.
- Attakki fiżiċi għal Flus fi transitu (CIT - Cash-in-transit) u magni għall-ġbid ta' flus (ATM).
- Serq ta' makkinarju kbir minn siti ta' bini.
- Serq ta' karozzi u vannijiet lussużi.

L-MOCGs daħlu fix-xena meta, fi tmiem is-snin disgħin u kmieni wara s-sena elfejn, instab li l-klikek tal-Ewropa tal-Lvant u Ċentrali kienu dejjem iktar responsabbli għal tidħil sistematiku illegali fi djar u ħwienet, *ram raids* u ċerti forom ta' serq ta' karozzi. Fuq il-bażi tal-modi operandi tagħhom, minn dak iż-żmien diġà kien ċar li l-klikek kienu organizzati sew, operati b'mod sistematiku u li kienu primarjament interessati fi flus u prodotti li setgħu jbiegħu fis-suq ta' prodotti misruqa u użati.[33]

Dawn l-organizzazzjonijiet kriminali jipprovdu vittmi ta' THB[34] u prodotti misruqin jew illeċiti oħrajn, inklużi drogi, għas-swieq tal-UE, u wara dan jibagħtu l-qligħ tagħhom lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, ġewwa jew barra l-UE. F'xi każijiet, jieħdu ħsieb ukoll id-distribuzzjoni finali tal-prodotti. Ħafna mill-gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata għandhom il-mexxejja tagħhom, u tal-inqas parti sostanzjali mill-assi tagħhom, fl-UE.

Fost l-iktar MOCG dominanti hemm il-gruppi mobbli tal-kriminalità organizzata li jitkellmu bil-Litwan, bil-Ġeorġjan u bir-Russu.

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata mil-Litwanja huma attivi f'bosta Stati Membri, inklużi l-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Pajjiżi l-Baxxi, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Dawn il-gruppi diġà ġew identifikati mill-OCTA tal-2011 bħala prijorità sabiex l-Europol tindirizzahom madwar l-Ewropa. Il-fulkru tal-kriminalità[35] tal-Grigal għadu post fokali għat-transizzjoni ta' kommoditajiet illeċiti lejn u minn dik li kienet l-Unjoni Sovjetika u bażi għal gruppi vjolenti polikriminali b'firxa internazzjonali. Il-gruppi Litwani huma impenjati f'medda wiesgħa ta' delitti relatati mal-proprjetà kif ukoll serq ta' vetturi (inkluża xejra ġdida - is-serqa ta' vannijiet), serq, tidħil illegali fi proprjetà, serq minn fuq nies fit-triq u frodi. Huma attivi wkoll fi traffikar tad-droga mill-Amerika Latina permezz tal-Afrika tal-Punent u l-fulkri tal-Lbiċ u tal-Grigal. L-OCGs Litwani jikkooperaw ma' gruppi kriminali li jitkellmu bl-Albaniż biex jittraffikaw eroina mill-Asja Ċentrali lejn l-Ewropa tal-Punent.

Il-gruppi Litwani għandhom rwol importanti wkoll fit-traffikar ta' drogi sintetiċi lejn il-Federazzjoni Russa, il-pajjiżi Skandinavi u l-Istati Baltiċi. Dan l-aħħar saru ħolqa essenzjali fil-katina tal-provvista lejn il-fulkru tal-Majjistral, billi jipprovdu benzyl methyl ketone (BMK) mill-Federazzjoni Russa għall-produzzjoni tal-anfetamina. Bħal fil-każ tal-gruppi tal-kriminalità organizzata li jitkellmu bl-Albaniż, il-ġid komparattiv li jagħmlu l-gruppi kriminali tal-Litwanja jżid il-kapaċitajiet ta' reklutaġġ, żamma, infiltrazzjoni u investiment tagħhom.

[33] Indirizzar ta' Gruppi Kriminali Itineranti: sfidi ġodda (*Tackling of Itinerant Criminal Groups: new challenges*), ippubblikat mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi Belġjani fl-2010.
[34] Traffikar ta' bnedmin.
[35] Ara l-Anness 1 għal iktar dettalji.

OCGs li jitkellmu bil-Ġeorġjan u bir-Russu huma ferm organizzati u huma mmexxija minn subgruppi ta' strutturi ġerarkiċi. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata Ġeorġjani joperaw fl-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, Spanja u anki fil-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti. F'tal-inqas każ wieħed, il-lingwa Russa ffaċilitat l-attività ta' grupp li l-membri tiegħu ġejjin minn bosta stati differenti ta' dik li kienet l-Unjoni Sovjetika.
Il-gruppi kriminali Russi/Ġeorġjani huma, fost l-oħrajn, involuti f'delitti tal-proprjetà, immigrazzjoni illegali, falsifikazzjoni tad-dokumenti tal-identità, ħasil tal-flus, estorsjoni u traffikar tad-drogi. Il-gruppi Ġeorġjani huma involuti wkoll fl-importazzjoni ta' kokaina mill-Amerika t'Isfel lejn il-Federazzjoni Russa u l-Kawkasu.

L-intelligence tindika li l-gruppi mobbli ta' oriġini CIS,[36] Ċeċena u Ġeorġjana huma kkontrollati permezz ta' *vor v zakone* jew Ħallil ta' ġieħ.[37] Il-membri ta' grupp mobbli jridu jikkontribwixxu għall-fond komuni (obshak) billi jħallsu flus ta' protezzjoni u ġestjoni fuq part mir-redditu kriminali lill-*vor v zakone* ikkonċernati - dawn il-*vory* jistgħu jitqiesu bħala r-regolaturi tax-xena tal-kriminalità organizzata li titkellem bir-Russiu.

Dawk il-*vor v zakone* li laħqu tant huma sinjuri li għandhom rwol sinifikanti fis-setturi ekonomiċi strateġiċi. Pereżempju, l-investigazzjonijiet li għaddejjin juru rabtiet ma' kumpaniji Ewrasjani kbar tal-enerġija. Dawn ir-rabtiet huma sfruttati għal taħlita ta' attivitajiet legali u illegali, iżda wkoll sabiex tinħoloq dehra ta' kredibilità u affidabilità għall-persuni u l-attivitajiet involuti. L-aċċess possibbli tagħhom għal ċrieki ekonomiċi legali tal-UE għandu jiġi ssorveljat u miġġieled.

F'dan il-kuntest, l-Europol appoġġja lill-Istati Membri tal-UE u mhux tal-UE:

- Fl-appoġġ operattiv strateġiku u analitiku u tekniku mogħti lil bosta investigazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri tal-UE;
- Fil-laqgħat ta' koordinazzjoni u operazzjoni;
- Impenn fil-Pjan ta' Azzjoni Operattiva (OAP - *Operational Action Plan*) dwar il-Kriminalità Organizzata Mobbli (MOCG) biex inaqqas il-kapaċitajiet ġenerali ta' dawn il-gruppi meta jiġu biex jidħlu f'attivitajiet kriminali (COSI/EMPACT).

Operazzjoni Vigilant

Qasam kriminali ewlieni Delitti relatati ma' vetturi

Pajjiżi parteċipanti Il-Belġju, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi

Kontribut tal-Europol

- L-Europol skjera l-uffiċċju mobbli tiegħu u pprovda kompetenzi fuq il-post lill-aġenziji Olandiżi tal-infurzar tal-liġi[38] involuti fl-azzjoni
- Barra minn hekk, l-Europol ta possibilitajiet sabiex jitwettqu verifiki diretti tal-informazzjoni miġbura mal-Uffiċjali ta' Kollegament tal-Europol.

[36] Komunità ta' Stati Indipendenti (CIS - *Commonwealth of Independent States*): l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, il-Kazakistan, il-Kirgiżistan, il-Moldova, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Ukraina u l-Uzbekistan.

[37] *Vor v zakone* jew Ħalliel ta' ġieħ (traduzzjoni iktar ċara tista' tkun 'Ħalliel li jopera *fi ħdan* il-liġi' jew 'Kriminal li jobdi l-Kodiċi tal-Ħallelin') huwa kriminal li huwa rrispettat, għandu awtorità u status ta' grad għoli fil-kuntest kriminali. Il-ħallelin ta' ġieħ, jew *vory*, huma l-elit tad-dinja tal-kriminalità organizzata Russa - ma jappartjenu mal-ebda grupp individwali iżda huma r-regolaturi bejn l-organizzazzjonijiet differenti (eż. Solntsevskaya, Ismailovskaya, Tambovskaya). Kull organizzazzjoni għandha rappreżentant skont il-*vory* li jinnegozja magħhom u d-deċiżjonijiet tal-*vory* jorbtu fuq il-gruppi kollha tal-kriminalità organizzata.

[38] Servizz ta' Tariffi tal-Komunità ta' Rotterdam, Dwana Olandiża, Spezzjoni Nazzjonali tat-Toroq u t-Traffiku (RDW) u bosta timijiet mill-pulizija ta' Rotterdam-Rijnmond.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-Europol ta appoġġ operattiv għal jum ta' azzjoni tal-Pulizija ta' Rotterdam fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-kameras Stazzjonarji u Awtomatizzati ta' Rikonoxximent tan-*Number Plate* (ANPR - *Automated Number Plate Recognition*) skennjaw 351 vettura – b'iktar minn 100 vettura li twaqqfu mill-pulizija għal spezzjoni ulterjuri.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- 5 arresti
- 41 multa mogħtija – EUR 33 000 miġbura
- 23 vettura ssekwestrata
- 24 dokument suspett spezzjonat.

Operazzjoni Oakleaf

Qasam kriminali ewlieni Delitti relatati mal-proprjetà u frodi.

Pajjiżi parteċipanti Fil-bidu, 12-il pajjiż: il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, l-Isvezja, ir-Renju Unit.

Dawn il-pajjiżi ssieħbu iktar tard: l-Awstrija, il-Portugall, Spanja, l-Isvizzera, l-Istati Uniti. Anki l-Interpol qiegħed jappoġġja l-każ.

Kontribut tal-Europol

- L-Europol ospita laqgħa ta' kooperazzjoni fl-Aja għall-pajjiżi li pparteċipaw biex jippjana l-approċċ ikkoordinat meħtieġ bil-għan li jiġi indirizzat dan it-tip ta' grupp mobbli tal-kriminalità organizzata.
- Ġew appoġġjati bosta każijiet b'analiżi ad hoc u fil-ħin li assistiet lill-investigaturi matul l-operazzjonijiet live ta' sorveljanza. Ir-rispons veloċi għen ukoll lill-prosekuturi sabiex is-suspettati jinżammu f'kustodja. F'Diċembru 2011, analist kien preżenti f'Pariġi, fejn appoġġja lill-awtoritajiet Franċiżi biex idaħħlu data fis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Schengen
- Sa minn tmiem l-2010, l-Europol kien ir-repożitorju prinċipali għall-intelligence u l-analiżi dwar il-grupp. Sa issa, l-analiżi għenet sabiex jiġu identifikati sitt persuni primarji li kienu fil-mira u l-assoċjati tagħhom.
- Ġew identifikati bosta diskrepanzi fl-intelligence, ġew ipproċessati iktar minn 900 messaġġ tas-SIENA, inħolqu iktar minn 11 000 entità sa issa u hemm fluss kostanti ta' kontributi għall-ipproċessar u s-segwitu
- L-operazzjoni hija appoġġjata wkoll mit-tim SCAN tal-Europol u f'Lulju 2011 intbagħat avviż dwar periklu ad hoc lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Dan spjega l-modus operandi tal-kriminali, billi ta indikaturi lill-pubbliku ġenerali u lill-infurzar tal-liġi għad-delitti relatati mal-ivvjaġġar li wettqu, u wissa dwar persuni potenzjalmenti fil-mira li għandhom qarn tar-rinoċeronti għall-wiri jew maħżun
- Ġie identifikat il-bżonn għall-appoġġ tal-Uffiċċju tal-Europol tal-Assi Kriminali (ECAB - *Europol Criminal Assets Bureau*), sabiex jitqiegħdu fil-mira l-finanzi ta' dawn il-kriminali.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

L-Operazzjoni Oakleaf bdiet f'Novembru 2010, fuq l-inizjattiva tal-Irlanda, biex din ikollha fil-mira l-attivitajiet ta' grupp mobbli tal-kriminalità organizzata ta' oriġini Irlandiża. Dan il-grupp kien primarjament involut fi frodi tat-tarmak, id-distribuzzjoni ta' prodotti ffalsifikati (eż. għodod li jaħdmu bl-elettriku u ġeneraturi), serq organizzat, ħasil tal-flus u traffikar ta' drogi f'ħafna pajjiżi tal-UE. Dan l-aħħar, dawn il-kriminali bdew jispeċjalizzaw ukoll fis-serq u l-

kummerċ illegali ta' qrun tar-rinoċeronti, u b'hekk, issa, l-attivitajiet tal-membri tiegħu qegħdin jiġu rraportati fl-Amerika ta' Fuq u t'Isfel, fl-Afrika t'Isfel, fiċ-Ċina u fl-Awstralja.

Bħala parti mill-attività kriminali tagħhom, dan il-grupp ferm organizzat qiegħed jistabbilixxi kumpaniji madwar l-Ewropa kollha biex jipprova jilleġittima u jaħbi l-attivitajiet illegali tiegħu. Il-membri tal-OCG poġġew għal ħasil tal-flus id-dħul illegali u mhux iddikkjarat tagħhom fi proprjetajiet, karozzi lussiżi ġodda u assi oħrajn fl-Irlanda. Sa issa ġew notifikati talbiet ta' taxxa li jammontaw għal EUR 9 miljun lil disa' membri tal-OCG, bl-ammont li għadu jrid jiżdied.

Wara li sar qbil bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE u mhux tal-UE dwar il-fatt li approċċ ikkoordinat kien vitali biex jiġi indirizzat dan il-grupp, fl-2011 ġiet organizzata laqgħa fl-Europol. Il-laqgħa xeħtet dawl fuq kif għexieren ta' każijiet 'minuri' li seħħew madwar l-UE kollha twettqu minn dan il-grupp u qiegħda tiġi segwita triq komuni biex jitrażżnu l-attivitajiet tiegħu.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Għexieren ta' arresti seħħew madwar l-UE kollha, anki grazzi għaż-żieda fis-sensibilizzazzjoni mqajma mir-rapporti analitiċi maħruġa mill-Europol.

Operazzjoni Baia Mare

Qasam kriminali ewlieni Kriminalità relatata ma' vetturi

Pajjiżi parteċipanti L-Awstrija, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, ir-Rumanija

Kontribut tal-Europol

- Ġiet organizzata laqgħa operattiva mal-Eurojust u l-Istati Membri kkonċernati fl-Europol
- Bosta kontributi ta' intelligence ġew sottomessi lill-Europol u l-analiżi relatata rriżultat fl-identifikazzjoni tas-suspettati ewlenin u l-modus operandi.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Appoġġjati u kkoordinati mill-Eurojust, il-pulizija, l-uffiċjali tal-ġendarmerija u l-prosekuturi f'ħames pajjiżi wettqu operazzjoni kontra bosta netwerks kriminali sofistikati involuti fis-serq ta' merkanzija fuq l-awtostradi tal-UE. B'mod partikolari, l-operazzjoni kellha l-għan li trażżan il-gruppi tal-kriminalità organizzata li attakkaw trakkijiet f'żoni ta' parkeġġ waqt li s-sewwieqa kienu reqdin.

Franza fetħet każ u stmat li kienu seħħew iktar minn 70 serqa fi Franza, bejn l-2010 u Marzu 2011, u dawn ikkaġunaw telf ta' bejn wieħed u ieħor EUR 3 miljun. Wara li beda f'livell lokali, f'temp ta' ftit żmien il-każ espanda għal livell nazzjonali[39] u mbagħad Ewropew.

L-investigaturi skoprew il-modus operandi tan-netwerk kriminali. Bosta timijiet kienu qegħdin joperaw fi Franza, billi jisirqu prodotti ta' valur għoli. Xi kultant, l-Awstrija kienet pajjiż ta' transitu. Il-Ġermanja ntużat għal-loġistika u post ta' laqgħa biex jiġu skambjati trakkijiet. L-organizzatur ewlieni, u anki l-post ta' ħżin għall-prodotti misruqin, ġie identifikat fl-Ungerija. Ir-Rumanija kienet il-pajjiż ta' oriġini għal ħafna mill-membri ta' din l-organizzazzjoni kriminali.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- B'kollox ġew arrestati 22 kriminal issuspettat
- Inħarġu 13-il Mandat ta' Arrest Ewropew
- Saru madwar 20 perkwiżizzjoni fi djar fil-pajjiżi li pparteċipaw, u dan irriżulta fl-irkupru ta' kwantità kbira ta' provi u prodotti misruqin.

Operazzjoni Caucase

Qasam kriminali ewlieni Serq

Parteċipanti Franza

Kontribut tal-Europol

- Analiżi u appoġġ bl-Uffiċċju Mobbli fuq il-post matul il-jiem ta' azzjoni
- Instabu bosta rabtiet ma' gruppi oħrajn attivi fi Franza, u ma' gruppi u *vor v zakone*[37] attivi fi Stati Membri oħrajn tal-UE.

[39] Fil-livell nazzjonali Franċiż, dan il-każ qiegħed jiġi investigat mill-Ġendarmerija Nazzjonali Franċiża (SR Limoges u OCLDI) taħt it-tmexxija tal-JIRS ta' Bordeaux.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Fl-2011, tkisser netwerk fuq skala kbira ta' kriminalità organizzata msawwar minn ċittadini Ġeorġjani u Armeni qrib Toulouse fin-naħa t'isfel ta' Franza.[40]

Il-membri tan-netwerk huma ssuspettati li wettqu iktar minn 1000 reat fir-reġjun ta' Toulose - speċjalment dħul illegali f'bini residenzjali u kummerċjali u serqiet. Il-proprjetà misruqa, bħal kompjuters, apparati elettroniċi u lbies lussuż, kienet qiegħda tintbagħat barra l-pajjiż f'kontejners u trakkijiet, filwaqt li l-ġojjelli misruqin - fuq bażi regolari u bil-kilogrammi - kienu qegħdin jinbiegħu f'Antwerp, fil-Belġju. Il-grupp kriminali kellu struttura ġerarkika fuq bosta livelli (ħallelin, sewwieqa u mexxejja ta' timijiet) taħt il-koordinazzjoni ta' mill-inqas ħalliel ta' ġieħ wieħed.[37]

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Sa issa ġew arrestati 23 persuna ssuspettata
- Ġew irkuprati kilogrammi deheb u ġojjelli
- L-aħħar kontejner ta' prodotti misruqin twaqqaf qabel ħalla l-port
- Fir-residenzi perkwiżiti nstabu żewġ individwi ta' oriġini Ġeorġjana bi tpinġija speċifika għall-ħallelin ta' ġieħ.

JIT Balcar

Qasam kriminali ewlieni Kriminalità relatata ma' vetturi

Pajjiżi parteċipanti L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja

Kontribut tal-Europol

- Dan it-Tim ta' Investigazzjoni Konġunta qiegħed jiġi appoġġjat mill-Europol u l-Eurojust
- L-Europol diġà organizza u ffinanzja bosta laqgħat operattivi
- L-Europol skjera wkoll l-uffiċċju mobbli tiegħu u qiegħed jipproduċi prodotti analitiċi perjodiċi.

Kamp ta' applikazzjoni tal-operazzjoni

Din l-investigazzjoni tikkonċerna OCGs Litwani ssuspettati li kienu involuti fis-serq ta' vetturi ta' lussu fil-Ġermanja u l-Istati Baltiċi. Fl-2009 kien hemm mewġa ta' serq ta' vetturi ġodda fl-Estonja. L-investigazzjoni wriet rabtiet li wasslu sal-Latvja u l-Litwanja. Iktar tard f'dik is-sena, ġiet arrestata l-ewwel 'brigata' fl-Estonja. L-Europol ingħaqad mal-JIT fl-2010 u malajr ġiet arrestata 'brigata' oħra fl-Estonja. It-tul tal-JIT ġie stiż u l-investigazzjoni għad għandha fil-mira tagħha wieħed mill-gruppi tal-kriminalità organizzata l-aktar attivi fil-Litwanja.

Bħala riżultat tal-kooperazzjoni internazzjonali:

- Sa issa, tkissru tliet gruppi tal-kriminalità organizzata
- Minnhom, diġà ngħataw sentenza OCG Litwan wieħed u OCG Latvjan wieħed
- OCG Litwan minnhom ġie arrestat parzjalment, qegħdin jinġabru iktar provi u meta jasal iż-żmien sejrin isiru arresti ġodda.

[40] Tkisser mill-Uffiċċju Ċentrali Franċiż għall-Ġlieda kontra d-Delinkwenza Itineranti tal-Ġendarmerija Nazzjonali (OCLDI - *Office Central de Lutte contre la Délinquance Itinérante*) u l-Ġendarmerija tal-Midi-Pyrénées, bl-appoġġ tal-Gruppi ta' Intervent tal-Ġendarmerija Nazzjonali (GIGN - *Groupe d'Intervention de la Gendarmerie Nationale*).

3.11 Klikek ta' motoċiklisti illegali

Il-biċċa l-kbira tal-membri ta' klikek ta' motoċiklisti madwar id-dinja huma parti mis-soċjetà normali; madanakollu, perċentwal żgħir ma jikkonformawx mal-liġi u ma jaċċettawx ir-regoli tas-soċjetà. Isejħu lilhom infushom 'briganti' jew 'il-1 fil-mija'. Spiss ikunu organizzati fi klikek ta' motoċiklisti illegali (OMCGs), u jilbsu bħal arma speċifika fuq il-ġkieket tagħhom li turi sinjal ta' 1% ġewwa forma ta' djamanet.


Biex jiġġieled din it-theddida, il-proġett speċjalist tal-Europol 'Monitor' jgħin fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali tal-OMCGs bħall-Hells Angels Motorcycle Club (HAMC), Bandidos, Outlaws u l-klikek ta' motoċiklisti ta' appoġġ tagħhom. Il-proġett isegwi approċċ multidixxiplinari u orizzontali, filwaqt li jiffoka fuq il-gruppi tal-kriminalità organizzata minflok fuq is-sempliċi fenomenu ta' kriminalità inerenti għall-OMCGs, billi:

- Jidentifika l-istrutturi u l-membri ta' dawn l-OMCGs
- Jikxef is-sens tal-fenomeni l-ġodda fi ħdan din is-subkultura u jidentifika xejriet ġodda permezz ta' analiżi strateġika
- Jibda, jippromwovi u jikkoordina attivitajiet operattivi ġodda mal-analiżi operattiva
- Jappoġġja lill-imsieħba fil-forniment ta' sigurtà bil-pulizija għal avvenimenti kbar ta' motoċiklisti, bħall-HAMC World Run tal-2011 f'Laconia, fl-Istati Uniti, u attivitajiet operattivi oħrajn bl-użu tal-uffiċċju mobbli tal-Europol
- Jorganizza korsijiet ta' taħriġ dwar l-OMCG madwar l-Ewropa
- Jagħti appoġġ ta' livell għoli lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, ġudizzjarji u tal-gvern tal-infurzar tal-liġi
- Jappoġġja l-Pjattaforma tal-Europol għall-Esperti dwar il-Klikek li huwa ambjent uniku għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni strateġika, l-aħjar prattiki, kompetenzi u għarfien bejn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li huma attivi fil-ġlieda kontra klikek ta' motoċiklisti illegali, klikek tat-triq u oħrajn simili.

Il-ġlidiet estremament vjolenti bejn il-klikek rivali u klikek tat-toroq tat-tieni ġenerazzjoni wrew li huma ta' riskju għas-sigurtà tal-pubbliku inġenerali u b'hekk huwa importanti li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jissorveljawhom. Il-klikek ta' motoċiklisti illegali huma meqjusa ta' theddid nazzjonali u prijorità nazzjonali għall-pulizija fil-parti l-kbira tal-15-il pajjiż li jipparteċipaw f'dan il-proġett. Biex nassistu lill-imsieħba tagħna b'mod iktar effettiv, ġew identifikati prijoritajiet strateġiċi u operattivi inkluża l-investigazzjoni tal-espansjoni tal-OMCGs f'oqsma ġodda tal-Ewropa u r-reklutaġġ tagħhom mix-xena ta' *hooligans* tal-lemin estrem.


Kif kibru l-Hells Angels (HAMC)

Espansjoni tal-HAMC madwar id-dinja (1940-2011)



Espansjoni tal-HAMC	**HAMC Expansion**
Friegħi tal-HAMC	**HAMC chapter**

Espansjoni tal-HAMC skont ir-reġjuni (2005-2011)



Ewropa	Europe
Amerika ta' Fuq	North-America
Amerika Ċentrali-t'Isfel	Central-South America
Oċeanja (Awstralja u New Zealand)	Oceania (Australia & New Zealand)
Asja	Asia
Afrika t'Isfel	South Africa

3.12Terroriżmu

Iktar minn 10 snin wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001 fi New York, it-terroriżmu għadu theddida serja għall-Unjoni Ewropea. Gruppi estremisti u terroristiċi, bħall-Al-Qaeda u oħrajn, huma attivi fl-UE u jħallu impatt fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini tagħha. Għaldaqstant, il-ġlieda kontra l-estremiżmu u t-terroriżmu tibqa' prijorità għall-UE u l-Europol.

L-Europol jassisti lill-Istati Membri fit-twettiq ta' investigazzjonijiet li jirnexxu f'dan il-qasam billi jipprovdi l-prodotti u s-servizzi li ġejjin:

- Analiżi u prodotti analitiċi bħal rapporti, valutazzjonijiet tat-theddid u ħoloq neqsin għal investigazzjonijiet internazzjonali kontinwi.
- Skambju ta' informazzjoni u aċċess għad-databases, sistemi ta' skambju u pjattaformi oħrajn tal-esperti tal-Europol.
- Kompetenzi permezz tal-uffiċċju mobbli tal-Europol li jippermetti li tingħata assistenza fuq il-post.
- Jipproduċi ir-Rapport annwali dwar is-Sitwazzjoni u x-Xejriet tat-Terroriżmu fl-UE (TE-SAT), li jippreżenta fatti bażiċi u ċifri rigward attakki terroristiċi u arresti fl-UE, inklużi xejriet ġodda.

3.12.1 Modus Operandi Monitor

Il-Modus Operandi Monitor jipprovdi mudell tal-attività ġenerali li kontinwament jivvaluta l-avvenimenti u l-investigazzjonijiet relatati mat-terroriżmu, billi joffoka fuq elementi speċifiċi tal-modus operandi tat-terroristi. Jingħata valur addizzjonali peress li l-eżitu huwa marbut ma' prodotti ta' intelligence oħrajn tal-Europol u għandu l-għan li jipprovdi kompetenzi u intelligence f'ħin reali lill-aġenziji rilevanti tal-Istati Membri.

3.12.2 Netwerk tal-Ewwel Rispons

In-Netwerk tal-Ewwel Rispons jipprovdi appoġġ lil kwalunkwe Stat Membru li jħabbat wiċċu ma' avveniment terroristiku kbir billi jgħaqqad l-esperti nazzjonali tiegħu ma' pjattaforma internazzjonali ta' esperti u analisti ta' intelligence kontra t-terroriżmu inkluż l-Europol. Permezz ta' din il-pjattaforma, l-Europol jipprovdi l-kapaċitajiet uniċi tiegħu lill-imsieħba tal-infurzar tal-liġi Ewropej inklużi:

- databaes internazzjonali ta' terroristi u estremisti ssuspettati
- l-abilità li jiġi rintraċċat finanzjament tat-terroristi
- pjattaforma operattiva biex jiġu kkoordinati linji internazzjonali importanti ta' inkjesta.

F'każijiet bħal dawn, dan it-tim juża ċ-ċentru operattiv tal-Europol biex jiżgura skambju ta' informazzjoni effiċjenti mal-partijiet kollha involuti. Barra minn hekk, biex joffri appoġġ f'sitwazzjoni ta' kriżi, in-Netwerk tal-Ewwel Rispons għandu wkoll l-għan li jipprovdi lill-esperti ta' livell għoli tat-terroriżmu b'pariri strateġiċi, imfassla eżatt għall-modus operandi f'evoluzzjoni ta' attakk. Eżempju reċenti huwa s-sitwazzjoni immedjata ta' wara l-bomba fil-karozza u l-isparar tal-waħx fin-Norveġja meta, f'Lulju 2011, l-Europol ospita n-Netwerk tal-Ewwel Rispons tal-UE,[41] biex jappoġġja l-investigazzjoni.

Wara l-workshops tat-Tim tal-Ewwel Rispons fl-Europol, ġie sottomess rapport lill-Kunsill tal-Ministri tal-ĠAI li fih ingħataw dettalji dwar it-tliet rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-attivitajiet tal-ġejjieni. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew approvati permezz ta' laqgħa ta'

[41] Li, f'dan il-każ, kien imsawwar minn rappreżentanti mid-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, in-Norveġja, il-Polonja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

esperti ta' livell għoli f'Ottubru 2011 u sejrin ikunu fundamentali fil-ħolqien ta' Task Force virtwali dwar Estremiżmu Vjolenti:

- Għandha tinħoloq Task Force virtwali dwar Estremiżmu Vjolenti, li tinvolvi esperti rilevanti mill-Istati Membri tal-UE, bil-kompitu li tirriċerka u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija madwar l-UE kollha bbażata fuq proġett b'suċċess li diġà beda fir-Renju Unit (Proġett Guillemot).
- Il-kunċett Check the Web tal-Europol għandu jiġi mtenni sabiex jipprovdi portal tal-UE għall-iskambju tal-aħjar prattika, analiżi u valutazzjonijiet fir-rigward tal-użu tal-Internet minn individwi u gruppi assoċjati ma' attività assoċjata mal-lemin estrem (XRW).
- L-Europol għandu jħejji valutazzjoni sħiħa madwar l-UE dwar it-theddida minn individwi u/jew gruppi assoċjati ma' estremiżmu vjolenti u/jew attività assoċjata mal-lemin estrem.

3.12.3 Netwerk Ewropew ta' Żarmar ta' Materjal Splussiv (EEODN)

Imwaqqaf sabiex l-esperti jiskambju għarfien dwar iż-żarmar ta' materjali splussivi, in-netwerk jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki u jorganizza taħriġ bi sħubija mal-Istati Membri tal-UE u partijiet terzi. Iżomm aġġornati l-unitajiet ta' żarmar ta' armi splussivi mal-aħħar żviluppi rilevanti wkoll. Huwa miftuħ għall-unitajiet kollha tal-pulizija, tal-gvern u tal-militari li jittrattaw splussivi. Fl-2011 saru żewġ konferenzi u żewġ korsijiet ta' taħriġ dwar iż-Żarmar ta' Armi Splussivi (EOD - *Explosive Ordnance Disposal*), wieħed fl-Ungerija u ieħor fil-Polonja. Dawn l-attivitajiet ġew ikkofinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex tiġi implimentata waħda mill-azzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni tas-CBRN tal-UE, il-Protokoll tal-EEODN ġie emendat sabiex jinvolvi aħjar lill-komunità tas-CBRN[42]. Għaldaqstant, l-EEODN issa għandu jaqdi l-istess skop inizjali iżda issa għandu jagħmel dan għall-komunità tal-EOD kif ukoll għal dik tas-CBRN. Dan ġie diskuss u approvat matul it-tieni Konferenza tal-EEODN fil-Polonja.

3.12.4 Sistema ta' Data tal-UE dwar il-Bombi (EBDS)

Is-Sistema ta' Data tal-UE dwar il-Bombi (EBDS) tipprovdi pjattaforma għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u intelligence fil-ħin u rilevanti dwar inċidenti li jinvolvu splussivi, strumenti li jaqbdu u li jisplodu (IEDs, IIDs),[43] kif ukoll materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN). Is-Sistema ta' Data tal-UE dwar il-Bombi tinkorpora wkoll databases dwar inċidenti għal splussivi u CBRN, kif ukoll libreriji u forums ta' esperti. Dan il-proġett ikkofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea ilu operattiv minn Ottubru 2010 u tlesta f'Novembru 2011. Kważi l-Istati Membri kollha tal-UE qabdu ma' din is-sistema, li rat żieda kostanti fin-numru ta' utenti, attività u kontributi ġodda fl-2011.

Inċidenti fil-ħwienet tal-IKEA

F'Settembru 2011, l-Europol appella għal informazzjoni f'isem l-awtoritajiet Belġjani u Olandiżi wara splużjonijiet fi ħwienet Ewropej tal-IKEA. Il-kriminal qiegħed strumenti improvviżati li jisplodu ġewwa ħwienet tal-IKEA qabel ma ħareġ jiġri. Imbagħad l-istrumenti ħadu, u kkaġunaw feriti u ħsara fuq proprjetà.

L-Europol appoġġja każijiet bl-istess modus operandi mill-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi, u l-pubbliku ntalab jgħin sabiex jiġi identifikat is-suspettat ewlieni mill-vidjo tal-kamera ta' sorvejlanza u d-deskrizzjonijiet minn xhieda.

Saru żewġ laqgħat operattivi fl-Europol ma' numru dejjem jiżdied ta' Stati Membri li pparteċipaw (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, l-

[42] Materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN - *Chemical, Biological, Radiological and Nuclear*).
[43] Strument improvviżat li jisplodi (IED - *Improvised Explosive Device*). Strument improvviżat li jaqbad (IID - *Improvised Incendiary Device*).

Isvezja u l-Isvizzera). L-Europol kellu rwol ċentrali f'dan il-każ li offra wkoll opportunitajiet sabiex ikompli jsir iktar attiv f'kooperazzjoni ta' kontra t-terroriżmu mal-Istati Membri involuti.

Is-Sistema ta' Data tal-UE dwar il-Bombi (EBDS) intużat għall-iskambju sigur u fil-ħin ta' informazzjoni dwar dan il-każ, li finalment irriżultat fl-identifikazzjoni u l-arrest tal-kriminali. Sakemm seħħ l-aħħar inċident, fir-Repubblika Ċeka, l-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-istrument differenti użati kienet disponibbli fl-EBDS.

Attakki fin-Norveġja

Minbarra l-appoġġ mogħti permezz tan-Netwerk tal-Ewwel Rispons lill-awtoritajiet Norveġiżi fis-sitwazzjoni ta' wara l-attakki ta' Lulju 2011, l-Europol ipprovda lill-Istati Membri tal-UE bl-aħħar informazzjoni u valutazzjoni inizjali kemm dwar l-inċident tal-bombi kif ukoll dwar il-kontenut tal-manifest maħruġ mill-kriminal qabel l-attakki tiegħu.

Ladarba prodotta – fi żmien ftit sigħat mill-attakk bil-bombi u l-isparar - din l-informazzjoni tqiegħdet minnufih disponibbli għall-utenti tal-EBDS, u b'hekk intwera l-potenzjal u l-valur ta' sistema bħal din. Finalment, dawn l-avvenimenti wasslu sabiex l-awtoritajiet Norveġiżi talbu u kisbu konnessjoni mal-EBDS.

Fil-ġimgħat ta' wara l-attakki, l-Europol kien preżenti matul il-bini mill-ġdid tal-istrumenti użati u żar ix-xeni tad-delitt differenti.

3.12.5 Piraterija fuq il-baħar

Peress li l-piraterija fuq il-baħar saret problema kbira, l-ispejjeż għall-industrija tat-trasport bil-baħar żdiedu bla heda minħabba r-rati ta' assigurazzjoni ogħla, l-ispejjeż għas-sigurtà u l-ispejjeż operattivi ikbar imġarrba fuq rotot alternattivi itwal.

L-Europol, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Interpol u appoġġjat minn 10 Stati Membri tal-UE u l-Eurojust, jiskambja intelligence dwar il-piraterija fuq il-baħar. L-involviment tal-Europol jiffoka fuq l-identifikazzjoni tal-kriminali ewlenin, l-assi loġistiċi u l-flussi finanzajrji marbutin mal-attività kriminali. L-intelligence tissuġġerixxi li l-piraterija jista' jkollha rabtiet ma' kriminalità organizzata oħra bħall-kutrabandu ta' bnedmin, armi u drogi.

Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li ġiet approvata b'mod unanimu[44] tappella sabiex kull wieħed mill-192 pajjiż membru jaħdmu f'kooperazzjoni mal-Europol u l-Interpol biex jiġġieldu lin-netwerks kriminali involuti fil-piraterija tal-baħar qrib il-kosta tas-Somalja. Din ir-Riżoluzzjoni kienet pass 'il quddiem importanti peress li l-awtoritajiet internazzjonali tal-infurzar tal-liġi jipprovdu l-ħolqa fundamentali bejn l-arresti, li jsiru permezz ta' interventi militari, u l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-pirati tal-baħar u n-netwerks kriminali assoċjati magħhom.

L-Europol qiegħed jappoġġja l-Operazzjoni Atalanta (EU-NAVFOR)[45] biex tiġi żviluppata sistema li żżomm rekord tal-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-każijiet kollha ta' piraterija fuq il-baħar. L-Europol iżomm kuntatt mal-Interpol, l-NCIS[46] u l-Istati Membri involuti f'dan ir-rigward.

Fl-2011, l-Europol ospita żewġ Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta tal-Istati Membri dwar it-terroriżmu.

[44] Riżoluzzjonijiet 1950 tan-Nazzjonijiet Uniti (2010).
[45] Forza Navali tal-Unjoni Ewropea: www.eunavfor.eu
[46] Servizz Investigattiv tal-Kriminalità Navali tal-Istati Uniti.

3.12.6 Check the Web

Il-portal 'Check the Web' tal-Europol jippermetti lill-awtoritajiet kompeteni tal-Istati Membri tal-UE sabiex b'mod volontarju jikkondividu informazzjoni dwar attivitajiet terroristiċi Islamisti fuq l-Internet permzz tan-netwerk sigur tal-Europol u l-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol. L-għan tiegħu hu li joħloq sinerġiji bejn l-Istati Membri fl-analiżi ta' attivitajiet terroristiċi Islamisti online. Fl-2011, Check the Web:

- Ta appoġġ operattiv lil sitt Stati Membri tal-UE.
- Ħaffef il-ħidma kontinwa f'Inspire - rivista online bl-Ingliż irrapportata li tiġi ppubblikata mill-al-Qaeda fil-Penisola Għarbija (AQAP - *al-Qaeda in the Arabian Peninsula*).
- Ra lill-Awstralja u l-Isvizzera jissieħbu fil-proġett u fajls ta' ħidma ta' analiżi assoċjati.

B'kollox, issa hemm 44 punt ta' kuntatt minn 24 pajjiż differenti konessi ma' Check the Web, b'10 Stati Membri tal-UE jikkontribwixxu b'mod attiv. Minn Marzu 2011, kien hemm żieda ta' 21% fid-data kkontribwita għal Check the Web, b'75% minnha mill-Istati Membri tal-UE.

Grupp ta' Ħidma tal-Pulizija dwar it-Terroriżmu (PWGT)

Fl-2011 l-Europol u l-KLPD tal-Olanda ospitaw flimkien il-Grupp ta' Ħidma tal-Pulizjia dwar it-Terroriżmu (PWGT - *Police Working Group on Terrorism*). Għall-ewwel darba fl-eżistenza tal-PWGT, l-Europol intalab jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni fuq il-bażi tal-kontributi tas-servizzi li jipparteċipaw, ir-rispons inizjali li daħal huwa pożittiv.

L-Operazzjoni Munda tal-Pulizija ta' Greater Manchester fir-Renju Unit

Fl-2011 l-Europol irċieva ringrazzjament u premju mill-Pulizija ta' Greater Manchester.

Tfaħħret l-assistenza tal-Europol talli wasslet każ il-qorti li rriżulta f'erba' sentenzi ta' għomor ħabs għar-reklutur Jihadist, Munir Farooqi. Farooqi, raġel ta' 54 sena li qabel kien ġellied tat-Talibani kien jirrekluta kandidati biex jiġġieldu kontra truppi Ingliżi fl-Afganistan mill-bank ta' bejgħ ta' kotba tiegħu fi triq rinomata għax-xiri f'Manchester. Ħidma taħt kopertura mill-Pulizija ta' Greater Manchester ipprovdiet madwar 600 siegħa konverżazzjonijiet irreġistrati li fihom ir-reklutur Taliban semma attakki kontra truppi Ingliżi, il-ħelsien ta' priġuniera, u l-ismijiet tal-kampijiet ta' taħriġ. Madanakollu, kien diffiċli li tiġi vvalutata l-awtentiċità ta' dawn id-dettalji, u b'hekk il-pulizija tar-Renju Unit daru lejn l-Europol għall-għajnuna.

L-approċċ tal-Europol involva l-verifika tal-informazzjoni li daħlet bl-użu tal-għodod analitiċi disponibbli sabiex iqabbel id-dettalji operattivi, inkluża d-Database tal-Europol ta' Avvenimenti Terroristiċi. L-analiżi mwettqa ppermettiet il-konferma ta' xi fatti importanti inklużi li, ċerti avvenimenti kienu seħħew f'postijiet u dati speċifiċi kif imsemmi minn Munir Farooqi. Sommarju tas-sejbiet tal-Europol intuża biex il-qorti tiġi megħjuna tivvaluta r-riżultati tal-ħidma taħt kopertura tal-Pulizija ta' Greater Manchester.

Estremisti vjolenti għad-drittijiet tal-annimali

Ġiet organizzata konferenza kbira mill-Europol u l-Eurojust, li fiha ngħaqdu flimkien 58 espert minn awtoriatjiet tal-infurzar tal-liġi u ta' prosekuzzjoni, kif ukoll rappreżentanti minn 35 organizzazzjoni mis-settur privat, biex jiddiskutu l-kwistjonijiet wara din ix-xejra.

Iż-żieda fil-vjolenza mill-estremisti għadha problema għal kull min ipparteċipa fil-konferenza, u eżempju minnhom huwa l-użu ikbar ta' Strumenti Improvviżati li Jisplodu (IEDs) u Strumenti Improvviżati li Jaqbdu (IIDs). Il-konferenza fasslet rakkomandazzjonijiet wara li

identifikat b'mod ċar il-bżonn għal skambju usa' ta' informazzjoni biex l-awtoriatjiet tal-Istati Membri jiġu pprovduti bi stampa ċara dwar l-attivitajiet kriminali li għaddejjin.

Żviluppi fil-ġejjieni

- Task Force Virtwali dwar Estremiżmu Vjolenti
- Portal dwar Estremiżmu Vjolenti
- Bħalissa qiegħed isir il-ħolqien tal-pjattaformi online li ġejjin għal esperti:
    - Netwerk tal-Ewwel Rispons
    - CBRNE, għal theddidiet assoċjati ma' materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari u splussivi (improvviżati) imtejba
- Appoġġ f'avvenimenti sportivi kbar bħall-Olimpjadi ta' Londra 2012, u l-UEFA EURO 2012 fil-Polonja u l-Ukraina.
- Titjib fil-kooperazzjoni ma' SitCen billi tiġi prodotta valutazzjoni ristretta orjentata lejn il-ġejjieni. Kif intqal fil-konklużjonijiet dwar iż-żieda tar-rabtiet bejn l-aspetti interni u esterni tal-ġlieda kontra t-terroriżmu[47] "*SITCEN u l-Europol li jaħdmu flimkien, id f'id, biex janalizzaw b'mod komprensiv it-theddid terroristiku għall-UE, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-ħidma li diġà qiegħda ssir minn dawn il-korpi f'dan il-qasam u li ħarsa ġenerali bħal din hija pass importanti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fl-iżgurar ta' tfassil ta' politiki effettivi*."

3.12.7 Programm ta' Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP)

Wara l-Ftehim UE-Stati Uniti dwar il-Programm ta' Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP - *Terrorist Finance Tracking Programme*), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2010, l-Europol ingħata bosta kompiti. Biex iwettaq dawn ir-resposabilitajiet il-ġodda, l-Europol ħoloq unità ta' TFTP iddedikata fi ħdan id-dipartiment operattivi tal-Europol.

L-ispeċjalisti tal-Europol itwettqu tliet rwoli differenti:

1. Il-verifika ta' talbiet mill-Istati Uniti lil Fornitur(i) Magħżul(a) ta' messaġġi finanzjarji (Artikolu 4 tal-ftehim TFTP)
2. Ir-riċevitur tal-informazzjoni pprovduta b'mod spontanju mid-Dipatiment tat-Teżor tal-Istati Uniti
   (Artikolu 9 tal-ftehim TFTP)
3. Bħala Dak li talab it-tiftix assoċjat mat-TFTP, l-Europol jiżgura kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u jiżgura rispons integrat bejn l-Europol, l-Istati Membri u l-Eurojust (Artikolu 10 tal-ftehim TFTP).

L-Europol ħoloq punt ta' kuntatt uniku (SPOC - *Single Point of Contact*) għall-Istati Membri tal-UE u l-Eurojust biex it-talbiet għat-tiftix assoċjat mat-TFTP jgħaddu permezz tal-Europol.

B'konformità assoluta mar-rekwiżiti ta' tqassim, l-ideat li jinħarġu mill-intelligence u riċevuti mill-Europol sejrin jitqabblu ma' databases tal-Europol. Imbagħad, bil-qbil ta' sid id-data, l-informazzjoni tingħadda lid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti fejn jitwettqu l-verifiki tat-TFTP. L-objettiv ta' din il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Uniti u l-UE huwa li jiġu identifikati, rintraċċati u segwiti t-terroristi u l-finanzi tat-terroristi. F'dan il-kuntest:

- L-Europol laqa' għadd ta' talbiet skont l-Artikolu 10 għal tiftix assoċjat mat-TFTP mill-Istati Uniti fl-2011. Dawn it-talbiet waslu minn bosta Stati Membri u kienu ġġenerati mill-Europol innifsu wkoll.

[47] 11075/11, Brussell, 6 ta' Ġunju 2011 (adottati mill-Kunsill tal-ĠAI fid-9 ta' Ġunju 2011).

- L-awtoritajiet tal-Istati Membri irċivew informazzjoni assoċjata mat-TFTP li kienet tipprovdi intelligence importanti u ta' valur biex tappoġġja investigazzjonijiet attwali dwar it-terroriżmu.
- F'Lulju 2011, l-Europol nieda bosta talbiet assoċjati mat-TFTP skont l-Artikolu 10, b'appoġġ tan-Norveġja, flimkien ma' bosta Stati Membri tal-UE li kienu affettwati. Dawn it-talbiet kienu ġġenerati bħala tweġiba għall-attakki bil-bombi u sparar li seħħew f'Oslo fin-Norveġja. Dawn it-talbiet skont l-Artikolu 10 taw assistenza immedjata lill-awtoriatjiet Norveġiżi, flimkien mal-għoti ta' informazzjoni lill-Istati Membri tal-UE li kienu affettwati.
- L-unità tat-TFTP tal-Europol daħlet f'kuntatt bis-sħiħ mat-tim tal-Netwerk tal-Ewwel Rispons, billi tat fluss kostanti ta' informazzjoni.
- Informazzjoni pprovduta mit-TFTP tal-Istati Uniti pprovdiet appoġġ operattiv mgħaġġel 'f'ħin reali' lil bosta pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE.
- L-Europol għadda wkoll lill-Istati Membri tal-UE informazzjoni li ġiet ipprovduta b'mod spontanju mill-Istati Uniti. Din l-informazzjoni u t-tweġibiet għat-talbiet tal-Artikolu 10 għal tiftixiet assoċjati mat-TFTP mill-Istati Uniti kienu ta' valur sinifikanti b'appoġġ tal-inkjesti operattivi tal-Istati Membri, u ġġeneraw linji operattivi ġodda ta' inkjesta għall-pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE.

4. Firxa tal-Europol

4.1 Aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE

L-Europol għandu konnessjoni live 24/7 mal-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol ibbażati fis-27 Stat Membru tal-UE. Dan l-iskambju permanenti ta' komunikazzjonijiet u data kriminali huwa possibbli grazzi għall-Uffiċċju ta' Kollegament li jinsab fil-kwartieri ġenerali tal-Europol. Huwa mod kruċjali u effettiv kif jinżamm kuntatt u jiġu appoġġjati madwar 2 miljun uffiċjal tal-infurzar tal-liġi tal-UE u, ferm importanti, l-investigaturi kollha li l-operazzjonijiet tagħhom jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ tal-Europol.

L-Europol jorganizza avvenimenti ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni regolari għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-UE sabiex iżid l-għarfien tagħhom dwar is-servizzi tal-Europol li jista' jgħin fil-każijiet transkonfinali tagħhom. Fl-2011, sebgħa minn dawn is-seminars kellhom attendenza ta' iktar minn 750 persunal fl-infurzar tal-liġi. Dawn il-'wirjiet' tal-Europol saħħew il-kooperazzjoni u tejbu l-kwalità u l-kwantità tal-intelligence kriminali skambjata.

Uffiċjali ta' appoġġ reġjonali

Fl-2011 tnieda kunċett ġdid ta' appoġġ reġjonali, bil-ħatra ta' tliet uffiċjali ta' appoġġ reġjonali (RSOs - *Regional Support Officers*), li sejrin isaħħu d-djalogu mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u jżommu aġġornata ħarsa ġenerali lejn il-kriminalità organizzata fiż-żoni ġeografiċi ta' responsabilità tagħhom, jiġifieri: l-Ewropa tal-Punent, l-Ewropa tal-Grigal, u l-Ewropa tax-Xlokk.

L-ewwel riżultati kostruttivi, bħall-identifikazzjoni ta' perikli emerġenti ġodda fir-reġjuni, l-għoti ta' assistenza ta' kuljum lil imsieħba ewlenin, u l-integrazzjoni kostanti ta' partijiet terzi fl-ambjent tal-Europol, huma provi tar-rwoli ta' valur li għandhom l-uffiċjali ta' appoġġ reġjonali.

4.2 Kooperazzjoni esterna tal-Europol

Il-kooperazzjoni tal-Europol hija vitali bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-UE u mhux tal-UE, u aġenziji u istituzzjonijiet imsieħba oħrajn tal-UE. Bħalissa, l-Europol jikkoopera ma' 18-il pajjiż mhux tal-UE,[48] 9 korpi u aġenziji tal-UE,[49] u 3 organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn,[50] inkluż l-Interpol, li jieħu sehem f'ħafna mill-aspetti tal-ħidma operattiva tal-Europol.

L-iskambju ta' informazzjoni ma' dawn l-imsieħba jseħħ fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni. Żewġ tipi ta' ftehimiet jiddeterminaw l-għamla tal-kooperazzjoni. Il-ftehimiet strateġiċi jagħmluha possibbli sabiex iż-żewġ partijiet involuti jiskambjaw l-informazzjoni kollha ħlief data personali, filwaqt li l-ftehimiet operattivi jippermettu wkoll l-iskambju ta' data personali. Fl-2011, ġew iffirmati żewġ ftehimiet operattivi ġodda – ma' Monako u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

[48] L-Albanija, l-Awstralja, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kanada, il-Kolombja, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Islanda, il-Moldova, Monako, il-Montenegro, in-Norveġja, ir-Repubblika tas-Serbja, ir-Russja, l-Isvizzera, it-Turkija, l-Ukraina, l-Istati Uniti tal-Amerika.

[49] L-Eurojust, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), il-Bank Ċentrali Ewropew, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), Ċentru Konġunt tas-Sitwazzjoni tal-UE (SITCEN), il-Kulleġġ Ewropew ta-Pulizija (CEPOL) u l-Frontex.

[50] L-Interpol, Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC - *United Nations Office on Drugs and Crime*) u Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO - *World Customs Organization*).

Bħal fis-snin ta' qabel, l-Europol kompla bil-kooperazzjoni mill-qrib tiegħu ma' aġenziji u organizzazzjonijiet oħrajn tal-UE attivi fl-oqsma tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. Fl-2011, l-Europol ikkoopera fuq numru ta' inizjattivi fuq bażi bilaterali.

Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)

- Ġew diskussi u żviluppati opportunitajiet ta' tagħlim elettroniku f'kooperazzjoni mill-qrib. L-Europol huwa s-suġġett tal-ewwel kors ta' tagħlim elettroniku tas-CEPOL u għamel kontributi importanti għall-format u l-kontenut tiegħu. Qegħdin jiġu żviluppati korsijiet ta' tagħlim elettroniku oħrajn dwar iċ-ċiberkriminalità u Schengen.
- Kooperazzjoni kontinwa fuq proġett għall-istandardizzazzjoni tal-ġestoni tal-għarfien.
- L-Europol u s-CEPOL ħadmu flimkien fuq l-iżvilupp ta' kors fil-ġejjieni dwar iċ-Ċiklu ta' Politika l-ġdid tal-UE għal kriminalità internazzjonali serja u organizzata.
- L-Europol ikkoordina numru ta' attivitajiet ta' taħriġ esterni żviluppati bl-użu ta' applikazzjonijiet e-Net differenti tal-Europol u s-CEPOL, bħall-Bażijiet ta' Għarfien tal-Pulizija u s-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim, LMS (*Learning Management System*).
- Fil-qafas tal-programm Ewropew ta' skambju, l-Europol u s-CEPOL żviluppaw b'mod konġunt ġimgħa ta' studju fl-Europol għall-persunal tal-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri. Minħabba t-talba kbira, saru tliet korsijiet fl-2011 u għall-2012 huma ppjanati żewġ ġimgħat ta' studju oħrajn.

Eurojust

- L-Europol ipparteċipa f'żewġ terzi mil-laqgħat ta' koordinazzjoni kollha tal-2011 li saru fl-Eurojust. Numru notevoli ta' dawn il-laqgħat ittratta t-twaqqif ta' Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (JITs).
- L-Europol iżomm kuntatt regolari mas-segretarjat tal-JIT ospitat mill-Eurojust u jkompli jorganizza laqgħat annwali tal-esperti nazzjonali tal-JIT.
- Kooperazzjoni utli sseħħ fil-qasam tat-taħriġ relatat mal-JIT.
- L-Europol bħalissa jappoġġja 17-il JIT mal-Eurojust permezz ta' ftehimiet iffirmati.
- Hemm fis-seħħ Task Force konġunta biex tissorvelja u ttejjeb il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ aġenziji.
- Twaqqaf programm ta' skambju tal-persunal, li sejjer ikompli jiġi żviluppat fl-2012 (l-iskambji sejrin iseħħu kull xahar).

Frontex

L-Europol appoġġja numru ta' operazzjonijiet ikkoordinati mill-Frontex. Il-qafas legali l-ġdid tal-Frontex daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2011 u jagħti lill-aġenzija drittijiet limitati biex tipproċessa data personali. B'hekk, huwa mistenni li n-numru ta' operazzjonijiet konġunti sejjer ikompli jiżdied fil-ġejjieni. Twaqqaf grupp ta' esperti biex jelabora fuq il-proċessi u l-proċeduri tan-negozju għall-iskambju fil-ġejjieni ta' data personali.

Uffiċċju Ewropea Kontra l-Frodi (OLAF)

Bħalissa qiegħed jiġi diskuss it-twaqqif ta' linja sigura u ta' ftehim ta' ħidma operattiva bejn l-OLAF u l-Europol. L-Europol appoġġja u kkontribwixxa għal operazzjonijiet imnedija mill-Uffiċċju u l-Konferenza Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Euro organizzata b'mod konġunt mill-Europol, l-OLAF u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) f'Novembru 2011.

Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

L-EMCDDA huwa attiv mal-Europol f'għadd ta' oqsma differenti, mhux l-inqas fir-rigward tal-Patt dwar id-Drogi Sintetiċi tal-Presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-UE. L-Europol u l-EMCDDA kkollaboraw fuq pubblikazzjonijiet konġunti,[51] u t-tielet waħda minnhom, fuq l-anfetamina, sejra tiġi ppubblikata fl-2012.

Interpol

L-Interpol u l-Europol estendew il-kooperazzjoni mill-qrib tagħhom kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali bit-twaqqif ta' linja ta' komunikazzjoni sigura bejn l-organizzazzjonijiet, kif ukoll billi approvaw pjan ta' azzjoni operattiva kollaborattiva f'oqsma ewlenin tas-sigurtà. Skont Memorandum ta' Fehim iffirmat, il-linja ta' komunikazzjoni għaqqdet flimkien in-netwerks siguri taż-żewġ aġenziji. Sejra tħaffef u tissimplifika l-iskambju ta' informazzjoni operattiva u strateġika dwar il-kriminalità, inkluż l-użu tal-uffiċjali ta' kollegament rispettivi tagħhom ibbażati fl-Interpol f'Lyon u fl-Europol fl-Aja biex itejbu l-fluss ta' intelligence bejn l-aġenziji.

4.3 Konvenzjoni Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija

L-Europol laqa' l-ewwel Konvenzjoni Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija (EPCC) fil-kwartieri ġenerali l-ġodda tagħna fl-Aja mit-30 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju 2011.

L-avveniment ġabar flimkien kważi 300 Kap tal-Pulizija, uffiċjali superjuri tal-infurzar tal-liġi u esperti akkademiċi biex jiddibattu l-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata serja u t-terroriżmu li jaffettwaw l-Ewropa.

Id-delegati tal-konvenzjoni pparteċipaw f'diskussjonijiet u gruppi ta' ħidma ta' livell għoli biex iħarsu lejn il-mod li bih il-kriminalità organizzata qiegħda tinbidel, issir iktar flessibbli u dinamika. Imbagħad ġew identifikat l-oqsma komuni ta' tħassib, sar qbil dwar konklużjonijiet u linji gwida konġunti għal politiki tal-ġejjieni u mbagħad dawn ġew ippreżentati lill-Ministri tal-Affarijiet Interni tal-UE.

F'jum l-għeluq tal-Konvenzjoni, id-Direttur tal-Europol, Rob Wainwright, indirizza lill-udjenza inkluża Cecilia Malmström, Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, u Ronald Noble, Segretarju Ġenerali tal-Interpol. Tkellem dwar il-ħtieġa urġenti biex jitjieb il-fehim strateġiku dwar l-isfidi imposti mill-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u li jiġu żviluppati risponsi innovattivi u iktar effettivi għalihom. Imbagħad ġie ppubblikat rapport komprensiv dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Konvenzjoni.[52]

It-tieni konvenzjoni Ewropea tal-Kapijiet tal-Pulizija sejra ssir f'Mejju 2012.

[51] Disponibbli għat-tniżżil mill-websajt tal-Europol.
[52] Disponibbli għat-tniżżil mill-websajt tal-Europol.

5. Nimxu 'l quddiem

5.1 Strateġija u għanijiet

L-istrateġija u l-għanijiet tal-Europol, kif ippreżentati fir-Reviżjoni tal-Europol 2010, ikomplu jservu bħala l-qafas ta' referenza għall-ħidma tagħna ta' kuljum, sabiex niżguraw l-aħjar appoġġ għall-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi tal-UE.

Billi jsegwi din l-istrateġija ambizzjuża, l-Europol sejjer jindirizza l-isfidi l-aktar importanti li għandu quddiemu, iżda sejjer jisfrutta wkoll l-opportunitajiet kollha biex jagħmel progress aħjar u jwassal benefiċċji tanġibbli. L-istrateġija tiggwida lill-Europol fuq mogħdija ppjanata lejn l-implimentazzjoni tal-għanijiet ewlenin tiegħu, billi joffri sett uniku ta' servizzi operattivi għall-UE fi tliet oqsma ewlenin:

Li jservi bħala ċ-ċentru ta' appoġġ prinċipali tal-UE għal operazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi

Sejjer isir iktar biex jiġi massimizzat il-valur operattiv tal-informazzjoni miżmuma mill-Europol u sabiex jiġi ssimplifikat il-forniment ta' analiżi u servizzi operattivi oħrajn. L-Europol qiegħed jieħu rwol ta' mexxej fit-twaqqif ta' kooperazzjoni iktar effettiv bejn l-aġenziji u l-imsieħba tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-Eurojust u l-Interpol.

- **Li jsir fulkru ta' informazzjoni dwar il-kriminalità tal-Unjoni Ewropea**

  Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fl-informazzjoni u prijoritajiet ta' investigazzjoni komuni hija essenzjali u sejra tissaħħaħ. Il-kapaċitajiet uniċi tal-Europol jipprovdu l-opportunità li jikber bħala fulkru ċentrali ta' informazzjoni fl-UE, biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet, u jibni pjattaforma ta' informazzjoni li kapaċi tħaffef rispons operattiv iktar effettiva għal theddidiet ewlenin għas-sigurtà. Żvilupp ulterjuri tal-Applikazzjoni ta' Netwerk Sigur għall-Iskambju ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol sejjer iqarreb dejjem iktar lill-Europol lejn pożizzjoni ta' quddiem nett fl-infurzar tal-liġi.

- **Li jkompli jiżviluppa bħala ċentru tal-UE għall-kompetenzi fl-infurzar tal-liġi**

  L-Europol huwa pijunier f'tekniki ġodda bbażati fuq l-innovazzjoni u l-aħjar prattika kif ukoll iħaffef il-kondiviżjoni tal-għarfien u t-taħriġ ta' kwalità f'oqsma ta' speċjalisti, bħall-falsifikazzjoni tal-euro, it-terroriżmu u ż-żarmar ta' laboratorji ta' drogi.

  Sejrin nindirizzaw kull diskrepanzi fl-għarfien u l-kompetenzi billi niżviluppaw u nippromwovu l-aħjar prattika. Nassistu lill-Istati Membri permezz ta' appoġġ, pariri u riċerka fl-oqsma ta' taħriġ, appoġġ tekniku, prevenzjoni ta' delitti, metodi u analiżi tekniċi u forensiċi, u proċeduri investigattivi.

5.2 Inħarsu 'l quddiem

L-Europol kiseb pożizzjoni mtejba fl-istadju tal-UE f'dawn l-aħħar ftit snin, grazzi għat-Trattat ta' Lisbona b'mod parzjali, l-istatus legali l-ġdid tiegħu (id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol (ECD)), u l-istrateġija u l-kapaċitajiet imetjba tal-aġenzija stess. Dawn l-iżviluppi jrendu lill-Europol imsieħeb ta' kooperazzjoni uniku għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE u anki kontributur importanti għall-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.

Fl-2011, il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol qabel dwar evalwazzjoni unika tal-implimenazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol u l-attivitajiet tal-Europol. Dan qiegħed isir sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 37(11) tal-ECD[53] u biex tiġi

[53] Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Europol, Artikolu 37(11): Fi żmien erba' snin mid-data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċizjoni u minn dakinhar kull erba' snin, il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jikkummissjona valutazzjoni

appoġġjata l-produzzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea qabel tfassal il-proposta tagħha għall-abbozz tar-Regolament dwar l-Europol tal-ġejjieni. Il-Bord ta' Amministrazzjoni ħatar Kumitat ta' Tmexxija, li jikkonsisti fil-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni u membri tal-Bord ta' Amministrazzjoni mill-Belġju, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Portugall, Spanja u l-Kummissjoni Ewropea. Id-Direttur tal-Europol huwa involut ukoll fil-ħidma tal-Kumitat bħala osservatur.

Wara proċeudra ta' akkwist, il-Bord ta' Amministrazzjoni għażel l-evalwatur, RAND Europe, u f'Awwissu 2011 ġie ffirmat kuntratt. L-intervisti qegħdin isiru mal-uffiċjali tal-Europol u l-partijiet interessati rilevanti. RAND Europe ssottometta l-ewwel rapport interim f'Novembru 2011 u sejjer jissottometti r-rapport finali tiegħu f'Ġunju 2012. Il-Bord ta' Amministrazzjoni sejjer jiddiskuti r-riżultati tal-evalwazzjoni u mbagħad jissottometti rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea.

Bħala aġenzija mexxejja tal-infurzar tal-liġi fl-UE, l-Europol dejjem iħares 'l quddiem għal opportunitajiet biex jallinja l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. Opportunitajiet ġodda bħal dawn ġew identifikati u jinkludu bżonn li:

- Ikunu jistgħu jsiru investigazzjonijiet iktar effettivi dwar iċ-ċiberkriminalità, appoġġjati minn kompetenzi u riżorsi ċentralizzati tal-UE
- Tiġi esplorata kooperazzjoni aħjar mas-settur privat biex isir użu ikbar mill-kompetenzi dwar kwistjonijiet bħaċ-ċiberkriminalità, il-ħasil tal-flus u l-kriminalità tal-proprjetà intellettwali.

Lejn tmiem l-2011, laqgħa bejn l-Europol u d-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti (DHS - *Department of Homeland Security*) irriżultat fil-ħolqien ta' proġett konġunt dwar il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, l-Europol u d-DHS sejrin jikkondividu informazzjoni dwar studji tal-każijiet, li jiffokaw fuq imġibiet suspettużi u indikaturi oħrajn, u jiżviluppaw l-aħjar prattiki biex jiġġieldu radikalizzazzjoni tat-terroriżmu.

Indipendentement mill-possibilitajiet ta' politika l-ġodda, l-iskop primarju tal-Europol jibqa' li jappoġġja l-komunità tal-infurzar tal-liġi tal-UE, li jkisser u jrażżan gruppi tal-kriminalità organizzata serja u terroristiċi. Il-komunità tal-infurzar tal-liġi sħiħa għandha bżonn tkompli toħroġ b'għodod, tattiki u politiki innovattivi biex iżżomm il-pass mal-iżviluppi globali u tibqa' pass quddiem il-kriminali.

Fir-rigward tas-sofistikazzjoni li dejjem qiegħda tikber tal-attività kriminali, sforzi lokali jew anki nazzjonali biex jindirizzaw il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu waħedhom jistgħu jgawdu biss suċċess limitat. Madanakollu, flimkien mal-Istati Membri tal-UE u l-organizzazzjonijiet imsieħba, l-Europol jista' jkollu rwol dejjem iktar prominenti fis-salvagwardja tas-sigurtà interna tal-UE.

Europol iktar b'saħħtu jfisser aktar investigazzjonijiet b'suċċess u protezzjoni aħjar għaċ-ċittadini tal-UE kontra t-theddidiet tal-kriminalità serja internazzjonali u t-terroriżmu.


esterna indipendenti tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċizjoni u tal-attivitajiet imwettqa mill-Europol. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu joħroġ termini ta' referenza speċifiċi għal dak il-għan. Ir-rapport tal-valutazzjoni għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Anness 1

Fulkri tal-Kriminalità fl-UE[54]

Il-fulkri tal-kriminalità huma konċentrazzjonijiet ta' loġistika kriminali li jirċievu flussi illeċiti minn bosta sorsi, u li l-influwenza tagħhom testendi sa madwar l-UE. Konċentrazzjonijiet bħal dawn ma jħaffux biss it-traffikar ta' prodotti illeċiti iżda anki t-trawwim ta' swieq kriminali ġodda, billi jipprovdu opportunitajiet ġodda għal gruppi kriminali. Il-fulkri li ġejjin ġew identifikati, fuq il-bażi tal-prossimità tagħhom għal swieq destinatarji ewlenin, infrastruttura kummerċjali u tat-trasport, prevalenza tal-gruppi kriminali u opportunitajiet għal migrazzjoni kriminali:

- **Majjistral** – ċentru tal-gravità: Il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Belġju
- **Grigal** – ċentru tal-gravità: Il-Litawnja, l-Estonja, il-Latvja u t-territorju ta' Kaliningrad (il-Federazzjoni Russa)
- **Xlokk** – ċentru tal-gravità: Il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Greċja
- **Nofsinhar** – ċentru tal-gravità: In-naħa t'isfel tal-Italja
- **Lbiċ** – ċentru tal-gravità: Spanja u l-Portugall



[54] Jekk jogħġbok kun af li ċ-ċentri tal-gravità, kif iddefiniti mir-raġġi fuq il-mappa, huma biss bejn wieħed u ieħor u ma jimmarkawx ibliet jew reġjuni ta' attività kriminali prolifika.